

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 889/2008**

**tal-5 ta' Settembru 2008**

**li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku**

(ĠU L 250, 18.9.2008, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <b><u>M1</u></b>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1254/2008 tal-15 ta' Diċembru 2008	L 337	80	16.12.2008
► <b><u>M2</u></b>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 710/2009 tal-5 ta' Awwissu 2009	L 204	15	6.8.2009
► <b><u>M3</u></b>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 271/2010 tal-24 ta' Marzu 2010	L 84	19	31.3.2010
► <b><u>M4</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 344/2011 tat-8 ta' April 2011	L 96	15	9.4.2011
► <b><u>M5</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 426/2011 tat-2 ta' Mejju 2011	L 113	1	3.5.2011
► <b><u>M6</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 126/2012 tal-14 ta' Frar 2012	L 41	5	15.2.2012
► <b><u>M7</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 203/2012 tat-8 ta' Marzu 2012	L 71	42	9.3.2012
► <b><u>M8</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 505/2012 tal-14 ta' Ġunju 2012	L 154	12	15.6.2012
► <b><u>M9</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 392/2013 tad-29 ta' April 2013	L 118	5	30.4.2013
► <b><u>M10</u></b>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013
► <b><u>M11</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1030/2013 tal-24 ta' Ottubru 2013	L 283	15	25.10.2013
► <b><u>M12</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1364/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013	L 343	29	19.12.2013
► <b><u>M13</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 354/2014 tat-8 ta' April 2014	L 106	7	9.4.2014
► <b><u>M14</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 836/2014 tal-31 ta' Lulju 2014	L 230	10	1.8.2014
► <b><u>M15</u></b>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1358/2014 tat-18 ta' Diċembru 2014	L 365	97	19.12.2014



**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 889/2008**

**tal-5 ta' Settembru 2008**

**li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda [jħassar] ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 <sup>(1)</sup>, u b'mod il-partikolari l-Artikolu 9(4), it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 11, l-Artikoli 12(3), 14(2), 16(3)(c), 17(2) u 18(5), it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 19(3), l-Artikoli 21(2), 22(1), 24(3), 25(3), 26, 28(6), 29(3) u 38(a), (b), (c), u (e), u l-Artikolu 40 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 834/2007, u b'mod il-partikolari t-Titoli III, IV u V tiegħu, jistabbilixxi rekwiżiti bażiċi fir-rigward tal-produzzjoni, t-tikkettar u l-kontroll ta' prodotti organiċi fis-settur tal-pjanti u tal-bhejjem. Għandhom ikunu stabbiliti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti.
- (2) L-evoluzzjoni ta' regoli dettaljati ġodda tal-produzzjoni dwar ċerti speċi ta' animali, l-akkwakultura organika, l-alka u l-ħmira wżati bħala ikel jew għalf fl-ivell komunitarju ser tkun teħtieġ iktar żmien u għaldaqstant għandha tkun elaborata f' proċedura sussegwenti. Huwa għalhekk xieraq li dawk il-prodotti jkunu esklużi mill-ambitu ta' dan ir-Regolament. Madankollu, fir-rigward ta' ċerti speċi ta' bhejjem, prodotti ta' akkwakultura u alka, ir-regoli Komunitarji previsti għall-produzzjoni, għall-kontrolli u għall-ittikkettar għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dawk il-prodotti, skond l-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.
- (3) Għandhom ikunu stabbiliti ċerti definizzjonijiet sabiex ikunu evitati ambigwitażijiet u tkun iggarantita l-applikazzjoni uniformi tar-regoli dwar il-produzzjoni organika.
- (4) Il-produzzjoni ta' pjanti organiċi hija bbażata fuq in-nutrizzjoni tal-pjanti primarjament permezz ta' l-ekosistema tal-ħamrija. Għaldaqstant il-koltivazzjoni idroponika, fejn il-pjanti jikbru bl-għeruq f'medjum inert ta' alimentazzjoni b'minerali u nutrijenti solubbli, m'għandhiex tkun permessa.

<sup>(1)</sup> ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

**▼B**

- (5) Il-produzzjoni ta' pjanti organiċi tinvolvi diversi prattiki ta' koltivazzjoni u l-użu limitat ta' fertilizzanti u kondizzjonaturi b'solubilità baxxa ta' solubilità baxxa, għalhekk dawn il-prattiki għandhom ikunu speċifikati. B'mod partikolari, għandhom ikunu stabbiliti kundizzjonijiet għall-użu ta' ċerti prodotti mhux sintetiċi.
- (6) L-użu ta' pestiċidi, li jista' jkollu effetti ta' ħsara fuq l-ambjent jew jirriżulta fil-preżenza ta' residwi fi prodotti agrikoli, għandu jkun ristrett b'mod sinifikanti. Għandha tingħata preferenza lill-applikazzjoni ta' miżuri ta' prevenzjoni fil-kontroll kontra organiżmi ta' ħsara, mard u ħaxix ħażin. Barra minn hekk, għandhom ikunu stabbiliti kundizzjonijiet għall-użu ta' ċerti prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.
- (7) Għall-fini ta' l-agrikoltura organika, l-użu ta' ċerti prodotti, fertilizzanti, kondizzjonaturi b'solubilità baxxa tal-ħamrija, għall-protezzjoni tal-pjanti, kif ukoll ċerti materjali ta' l-għalf, addittivi ta' l-għalf u għajnuniet għall-ipproċessar ta' l-għalf u ċerti prodotti wżati għat-tindif u d-diżinfezzjoni, li mhumiex organiċi, kien permess taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 taħt kundizzjonijiet definiti tajjeb. Bl-iskop li tkun żgurata l-kontinwità ta' l-agrikoltura organika il-prodotti u s-sustanzi in kwistjoni għandhom, skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, jibqgħu ikunu permessi. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa xieraq li fl-Annessi ma' dan ir-Regolament ikunu elenkati l-prodotti u s-sustanzi li kienu permessi taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91. Jistgħu ikunu miżjuda prodotti u sustanzi oħrajn ma' dawn il-listi fil-ġejjieni taħt bażi legali differenti, jiġifieri l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Huwa għaldaqstant xieraq li jkun identifikat l-istatus distint ta' kull kategorija ta' prodotti u sustanzi permezz ta' simbolu fil-lista.
- (8) L-approċċ integrat ta' l-agrikoltura organika jeħtieġ li t-trobbija tal-bhejjem tkun tirrelata għall-art, fejn id-demel prodott jintuża għan-nutrizzjoni tat-tkabbir ta' l-għelejjel. Minħabba li t-trobbija tal-bhejjem dejjem timplika l-ġestjoni ta' art agrikola, għandu jiġi pprovdut li t-trobbija ta' bhejjem mingħajr art għandha tkun ipprojbita. Fl-akkoppjament organiku tal-bhejjem l-għażla tar-razez għandha tqis il-kapaċità tagħhom li jadattaw għal kundizzjonijiet lokali, il-vitalità tagħhom u r-reżistenza tagħhom għall-mard u għandha tkun inkorraġġita diversità bijoloġika wiesgħa.
- (9) F'ċerti ċirkostanzi operaturi jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet biex jiksbu animali ta' trobbija organika minn massa ta' ġeni mnaqqsa, u dan jista' jostakola l-iżvilupp tas-settur. Għaldaqstant għandu jkun previst għall-possibbiltà li għadd limitat ta' animali mhux organiċi jinġieb f'razzett għal skopijiet ta' akkoppjament.

▼ B

- (10) L-agrikoltura organika għandha tiżgura li jkunu ssodisfati rekwiżiti speċifiċi ta' l-imġieba ta' l-annimali. F'dan ir-rigward, l-istrutturi tal-kenn għall-ispeċijiet kollha tal-bhejjem għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' l-annimali kkonċernati fejn jirrigwarda l-ventilazzjoni, id-dawl, l-ispazju u l-kumdità u għandu b'hekk ikun ipprovdut biżżejjed spazju li jippermetti libertà ampja ta' moviment għal kull animal filwaqt li jippermetti li tkun żviluppata l-imġieba soċjali naturali ta' l-annimali. Għandhom ikunu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi ta' l-istrutturi tal-kenn u tal-prattiki ta' trobbija fir-rigward ta' ċerti annimali, inkluż in-naħal. Dawn il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' l-istrutturi tal-kenn għandhom iservu livell għoli ta' benessri ta' l-annimali, li hija prijorità fejn tidħol l-agrikoltura organika tal-bhejjem u għaldaqstant tista' tmur lil hinn mill-istandards ta' benessri fil-Komunità li japplikaw għall-agrikoltura in ġenerali. Prattiki ta' trobbija organika għandhom jipprevjenu li t-tjur jitkabbru malajr wisq. Għaldaqstant għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi li jevitaw metodi intensivi ta' trobbija. B'mod partikolari t-tjur jew għandhom jitkabbru sakemm jilhq u età minima jew inkella għandhom ikunu ta' varjetà li tikber bil-mod, sabiex f'kull każ ma jkun hemm ebda inċentiv biex jintużaw metodi ta' trobbija intensiva.
- (11) Fil-parti l-kbira tal-każijiet, il-bhejjem għandu jkollhom aċċess permanenti għal spazji fil-beraħ biex jimirħu, meta t-temp ikun jippermetti, u dawn l-ispazji fil-beraħ għandhom fil-prinċipju jkunu organizzati taħt sistema adattata ta' rotazzjoni.
- (12) Sabiex ikun evitat it-tniġġiż ambjentali ta' riżorsi naturali bħall-art u l-ilma, minn nutrijenti, għandu jkun stabbilit l-ogħla limitu ta' demel użat f'kull ettaru u ta' bhejjem miżmuma fuq kull ettaru. Dan il-limitu għandu jkun jirrelata għall-kontenut tan-nitroġenu tad-demel.
- (13) Mutillazzjonijiet li jwasslu għal stress, ħsara, mard jew is-sofferenza ta' l-annimali għandhom ikunu pprojbiti. Madankollu, operazzjonijiet speċifiċi li huma essenzjali għal ċerti tipi ta' produzzjoni u għas-sigurtà ta' l-annimali u l-bnedmin jistgħu ikunu permessi taħt kundizzjonijiet restritti.
- (14) Il-bhejjem għandhom jgħixu fuq ħaxix, għalf u prodotti ta' l-għalf imkabbra skond ir-regoli ta' l-agrikoltura organika, li preferibbilment ikunu ta' l-azjenda stess, billi jitqiesu l-ħtiġiet fiżjoloġiċi tagħhom. Barra minn hekk, sabiex ikunu sodisfatti r-rekwiżiti bażiċi ta' nutrijenti tal-bhejjem jista' jkun meħtieġ li jintużaw ċerti minerali u oligo-elementi u vitamini taħt kundizzjonijiet definiti tajjeb.
- (15) Ladarba hu mistenni li jippersistu d-differenzi reġjonali eżistenti fil-possibbiltà li annimali organiċi li jixtarru jiksbu l-vitamini essenzjali neċessarji ta' A, D u E permezz tar-razzjonijiet ta' l-għalf tagħhom, fejn jidħlu klima u sorsi ta' għalf disponibbli, l-użu ta' dawn il-vitamini għal annimali li jixtarru għandu jkun permess.
- (16) Il-ġestjoni tas-saħħa ta' l-annimali għandha primarjament tkun ibbażata fuq il-prevenzjoni tal-mard. Barra minn hekk għandhom ikunu applikati miżuri addizzjonali speċifiċi ta' tindif u diżinfekzjoni.

**▼B**

- (17) L-użu preventiv ta' prodotti mediċinali allopatiċi kimikament sintesizzati mhuwiex permess fl-agrikoltura organika. Madankollu, fil-każ ta' mard jew meta jweġġgħa animal fejn dan ikun jeħtieġ trattament immedjat, l-użu ta' prodotti mediċinali allopatiċi kimikament sintesizzati għandu jkun limitat għal minimu strett. Barra minn hekk, sabiex tkun garantita l-integrità tal-produzzjoni organika għal konsumaturi għandu jkun possibbli li jittieħdu miżuri restrittivi bħall-irduppar tal-perjodu ta' sospensjoni wara l-użu ta' prodotti mediċinali kimikament sintesizzati.
- (18) Għandhom ikunu stabbiliti regoli speċifiċi għall-prevenzjoni tal-mard u t-trattament veterinarju fit-trobbija tan-naħal.
- (19) Għandu jiġi pprovdut li operaturi li jipproduċu l-għalf jew l-ikel ikunu meħtieġa jqisu proċeduri adattati bbażati fuq identifikazzjoni sistematika ta' passi kritiċi ta' l-ipproċessar sabiex ikun żgurat li l-prodotti manifatturati u pproċessati jikkonformaw mar-regoli ta' produzzjoni organika.
- (20) Ċerti prodotti u sustanzi mhux organiċi huma meħtieġa sabiex tkun żgurata l-produzzjoni ta' ċertu ikel u għalf organiku pproċessat. L-armonizzazzjoni ta' regoli għall-ipproċessar ta' l-inbid fl-livell Komunitarju ser tkun teħtieġ iktar żmien. Għaldaqstant il-prodotti msemmija għandhom ikunu esklużi għall-ipproċessar ta' l-inbid sakemm, fi proċedura sussegwenti, ikunu stabbiliti regoli speċifiċi.
- (21) Għall-iskop ta' l-ipproċessar ta' ikel organiku, l-użu ta' ċerti ingredjenti ta' oriġini mhux agrikola, ċerta għajjnuna għall-ipproċessar ta' l-ikel u ċerti ingredjenti mhux organiċi ta' oriġini agrikola kien permess taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 taħt kundizzjonijiet definiti tajjeb. Bl-iskop li tkun żgurata l-kontinwità ta' l-agrikoltura organika il-prodotti u s-sustanzi in kwistjoni għandhom, skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, jibqgħu ikunu permessi. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa xieraq li fl-Annessi ma' dan ir-Regolament ikunu elenkati l-prodotti u s-sustanzi li kienu permessi taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91. Jistgħu ikunu miżjuda prodotti u sustanzi oħrajn ma' dawn il-listi fil-ġejjieni taħt bażi legali differenti, jiġifieri l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Huwa għaldaqstant xieraq li jkun identifikat l-istatus distint ta' kull kategorija ta' prodotti u sustanzi permezz ta' simbolu fil-lista.
- (22) Taħt ċerti kundizzjonijiet prodotti organiċi u mhux organiċi jistgħu jinġabru u jkunu trasportati simultanjament. Sabiex prodotti organiċi jkunu separati minn dawk mhux organiċi kif dovut matul it-trattament u sabiex ikun evitat xi taħlit għandhom ikunu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi.
- (23) Il-konverżjoni għall-metodu ta' produzzjoni organika teħtieġ ċerti perjodi ta' adattament tal-mezzi kollha li jkunu qeġhdin jintużaw. Għandhom ikunu stabbiliti perjodi ta' żmien speċifiċi għas-setturi varji tal-produzzjoni, skond il-produzzjoni preċedenti fir-razzett.
- (24) Skond l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, għandhom ikunu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi għall-applikazzjoni ta' eċċezzjonijiet previsti f'dak l-Artikolu. Huwa xieraq li jkunu stabbiliti dawn il-kundizzjonijiet fir-rigward tan-nuqqas ta' disponibbiltà ta' animali, għalf, xama' tan-naħal, żrieragħ u l-patata taż-żriġh organiċi u ingredjenti organiċi kif ukoll għal problemi speċifiċi relatati mal-ġestjoni tal-bhejjem u fil-każ ta' ċirkostanzi katastrofiċi.

## ▼B

- (25) Differenzi ġeografiċi u strutturali fl-agrikoltura u limitazzjonijiet klimatiċi jistgħu jostakolaw l-iżvilupp ta' produzzjoni organika f'ċerti reġjuni u għaldaqstant jiffurmaw eċċezzjonijiet għal ċerti prattiki fir-rigward tal-karatteristiċi ta' l-istrutturi u l-installazzjonijiet għall-bhejjem. Għaldaqstant, l-irbit ta' l-annimali għandu jkun permess, taħt kundizzjonijiet definiti tajjeb, f'azjendi li, minħabba ż-żona ġeografika u limitazzjonijiet strutturali, b'mod partikolari fir-rigward ta' żoni muntanjużi, huma żgħar, u biss fejn mhuwiex possibbli li l-bhejjem jinżammu fi gruppi adattati għall-ħtiġiet ta' mġjieba tagħhom.
- (26) Bl-iskop li jkun żgurat l-iżvilupp ta' settur organiku tal-bhejjem fil-bidu tiegħu, ingħataw diversi derogi temporanji taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91, fir-rigward ta' l-irbit ta' l-annimali, il-kundizzjonijiet ta' l-istrutturi tal-kenn ta' l-annimali u d-densitajiet ta' l-istokkijiet. Dawn id-derogi għandhom jinżammu, fuq bażi tranżitorja, sad-data ta' skadenza tagħhom, sabiex ma jitħarbatx is-settur organiku tal-bhejjem.
- (27) Meta wieħed jikkunsidra l-importanza tad-dakkir għas-settur organiku tat-trobbija tan-naħal, għandu jkun possibbli li jingħataw eċċezzjonijiet li jippermettu l-produzzjoni parallela ta' unità għat-trobbija tan-naħal organika, kif ukoll waħda mhux organika fl-istess razzett.
- (28) Taħt ċertu ċirkostanzi, bdiewa jistgħu jesperjenzaw diffikultà biex jiksbu fornituri ta' bhejjem imrobbija b'mod organiku u prodotti ta' l-għalf organiċi u għaldaqstant għandha tingħata awtorizzazzjoni biex għadd limitat ta' dħul mhux organiku prodott fir-razzett ikun jista' jintuża fi kwantitajiet restritti.
- (29) Produtturi involuti fil-produzzjoni organika daħlu għal sforzi maġġuri għall-iżvilupp ta' żrieragħ u materjali veġetattivi organiċi sabiex tkun stabbilita għażla wiesgħa ta' varjetajiet ta' pjanti ta' speċijiet tal-pjanti li għalihom ikunu disponibbli żrieragħ u materjal ta' riproduzzjoni veġetattiva organiċi. Madankollu, fil-preżent, għal ħafna speċijiet, għad m'hawnx biżżejjed żrieragħ u materjal ta' riproduzzjoni veġetattiva disponibbli u, f'dawk il-każijiet, l-użu ta' żrieragħ u materjal ta' riproduzzjoni veġetattiva li mhumiex organiċi għandu jkun permess.
- (30) Sabiex l-operaturi jkunu megħjuna jsibu żrieragħ u patata taż-żriġh organiċi, kull Stat Membru għandu jiżgura li tinħoloq database li tinkludi l-varjetajiet taż-żrieragħ u tal-patata taż-żriġh organiċi li wieħed jista' jsib fis-suq.
- (31) Il-ġestjoni ta' annimali bovini adulti tista' tqiegħed fil-perikolu lill-kustodju u lil persuni oħra li jittrattaw l-annimali. Għaldaqstant għandu jkun possibbli li jingħataw eċċezzjonijiet matul il-fażi finali tat-tismin tal-mammiferi, b'mod partikolari fir-rigward ta' annimali bovini.
- (32) Ċirkostanzi katastrofiċi jew mard li jixtered ħafna ta' l-annimali jew tal-pjanti jista' jkollhom effetti serji fuq il-produzzjoni organika fir-reġjuni kkonċernati. Jeħtieġ li jittieħdu miżuri adattati biex tkun żgurata l-biedja jew anke l-istabbiliment mill-ġdid tal-biedja. Għaldaqstant għandha tkun magħmula possibbli l-fornitura ta' annimali mhux organiċi, jew ta' għalf mhux organiku għal perjodu limitat fiż-żoni milquta.

## ▼B

- (33) Skond l-Artikoli 24(3) u 25(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, għandhom ikunu stabbiliti kriterji speċifiċi fir-rigward tal-preżentazzjoni, il-kompożizzjoni, id-daqs u d-diżinn tal-logo Komunitarju, kif ukoll fir-rigward tal-preżentazzjoni u l-kompożizzjoni tan-numru tal-kodiċi ta' l-awtorità ta' kontroll jew tal-korp ta' kontroll u ta' l-indikazzjoni tal-post fejn ikun tkabbar il-prodott agrikolu.
- (34) Skond l-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, għandhom ikunu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi għat-tikkettar ta' għalf organiku b'kont meħud tal-varjetajiet u tal-kompożizzjoni ta' l-għalf u tad-dispożizzjonijiet tat-tikkettar orizzontali applikabbli għall-għalf.
- (35) Minbarra s-sistema ta' kontroll ibbażata fuq ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali <sup>(1)</sup>, għandhom ikunu stabbiliti miżuri speċifiċi ta' kontroll. B'mod partikolari, rekwiżiti dettaljati fir-rigward ta' l-istadji kollha tal-produzzjoni, il-preparazzjoni u d-distribuzzjoni relatati għal prodotti organiċi.
- (36) Notifiki ta' informazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni għandhom jippermettuha tuża l-informazzjoni mibgħuta direttament u bl-iktar mod effettiv possibbli għall-ġestjoni ta' informazzjoni statistika u data referenzjali. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-informazzjoni kollha li għandha tkun magħmula disponibbli jew li għandha tkun ikkomunikata bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandha tintbagħat b'mod elettroniku jew f'forma diġitali.
- (37) Skambji ta' informazzjoni u dokumenti bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, u l-proviżjoni u n-notifika ta' informazzjoni mill-Istati Membri lill-Kummissjoni ġeneralment isiru b'mod elettroniku jew f'forma diġitali. Sabiex jitjeb il-mod li bih dawn l-iskambji ta' informazzjoni, taħt regoli dwar produzzjoni organika, huma trattati, u biex ikun estżi l-użu tagħhom, huwa neċessarju li jkunu adattati sistemi eżistenti tal-kompjuters jew li jkunu stabbiliti sistemi ġodda. Għandu jkun possibbli li dan isir mill-Kummissjoni u li jkun implimentat wara li l-Istati Membri jkunu infurmati permezz tal-Kumitat għall-produzzjoni organika.
- (38) Il-kundizzjonijiet li taħtom l-informazzjoni hija pproċessata minn dawn is-sistemi tal-kompjuter u l-forma u l-kontenut ta' dokumenti li għandhom ikunu kkomunikati taħt ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 għandhom ikunu aġġustati b'mod frekwenti in linja mal-bidliet għar-regoli jew għar-rekwiżiti ta' ġestjoni applikabbli. Hija wkoll neċessarja preżentazzjoni uniformi tad-dokumenti li għandhom jintbagħtu mill-Istati Membri. Sabiex jintlaħqu dawn il-miri u biex ikunu simplifikati l-proċeduri u jkun żgurat li s-sistemi tal-kompjuter ikkonċernati jistgħu isiru operazzjonali b'mod immedjat, il-forma u l-kontenut tad-dokumenti għandhom ikunu stabbiliti fuq il-bażi ta' mudelli jew kwestjonarji, li għandhom ikunu adattati u aġġornati mill-Kummissjoni wara li tinforma lill-Kumitat għall-produzzjoni organika.

<sup>(1)</sup> ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1. Verżjoni korretta fil-ĠU L 191, 28.5.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 180/2008 (ĠU L 56, 29.2.2008, p. 4).

## ▼B

- (39) Għandhom ikunu stabbiliti miżuri tranżitorji, għal ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91, sabiex ma tkunx ipperikolata l-kontinwità tal-produzzjoni organika.
- (40) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 207/93 tad-29 ta' Jannar 1993 li jiddefinixxi l-kontenut ta' l-Anness VI għar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fuq prodotti agrikoli u prodotti ta' l-ikel u li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5(4) tiegħu <sup>(1)</sup>; ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1452/2003 ta' l-14 ta' Awwissu 2003 li jżomm id-deroga pprovduta fl-Artikolu 6(3)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 rigward ċerti speċji ta' żerriegħa u ta' materjal veġetattiv tal-propagazzjoni u li jistabbilixxi regoli proċedurali u kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' din id-deroga <sup>(2)</sup> u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 223/2003 tal-5 ta' Frar 2003 dwar il-ħtiġiet ta' l-ittikkettar relatati mal-metodu ta' produzzjoni organika għall-għalf, l-għalf kompost u l-materjali ta' l-għalf u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 <sup>(3)</sup> għandhom jitħassru u jinbidlu b'Regolament ġdid.
- (41) Ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 huwa mħassar mir-Regolament (KE) Nru 834/2007 b'effett mill-1 ta' Jannar 2009. Madankollu, ħafna mid-dispożizzjonijiet tiegħu għandhom, b'xi adattamenti, jibqgħu japplikaw u għandhom għaldaqstant ikunu adottati fil-qafas ta' dan ir-Regolament. Għal raġunijiet ta' ċarezza huwa xieraq li tkun stabbilita l-korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.
- (42) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat regolatorju għall-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

<sup>(1)</sup> ĠU L 25, 2.2.1993, p. 5. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2020/2000 (ĠU L 241, 26.9.2000, p. 39).

<sup>(2)</sup> ĠU L 206, 15.8.2003, p. 17.

<sup>(3)</sup> ĠU L 31, 6.2.2003, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 746/2004 (ĠU L 122, 26.4.2004, p. 10).



**▼B****Werrej**

Titolu I	Dispożizzjonijiet ta' introduzzjoni
Titolu II	Regoli dwar il-produzzjoni, l-ipproċessar, l-ippakkjar, it-trasport u l-ħażna tal-prodotti
Kapitolu 1	Il-produzzjoni tal-pjanti
Kapitolu 1a	Il-produzzjoni tal-alka
Kapitolu 2	It-trobbija tal-bhejjem
Taqsim 1	L-oriġini ta' l-animali
Taqsim 2	L-istrutturi tal-kenn tal-bhejjem u l-prattiki ta' trobbija
Taqsim 3	L-ġhalf
Taqsim 4	It-trattament veterinarju
Kapitolu 2a	Il-produzzjoni tal-animali tal-akkwakultura
Taqsim 1	Ir-regoli ġenerali
Taqsim 2	L-oriġini tal-animali tal-akkwakultura
Taqsim 3	Il-prattiki tat-trobbija tal-akkwakultura
Taqsim 4	It-tgħammir
Taqsim 5	L-ġhalf tal-ħut, tal-krustaċej u tal-ekinodermi
Taqsim 6	Ir-regoli speċifiċi għall-molluski
Taqsim 7	Il-prevenzjoni tal-mard u t-trattament veterinarju
Kapitolu 3	Prodotti pproċessati
Kapitolu 3a	Regoli speċifiċi għall-vinikultura
Kapitolu 4	L-ippakkjar, it-trasport, il-ħażna tal-prodotti
Kapitolu 5	Ir-regoli tal-konverżjoni
Kapitolu 6	Regoli straordinarji tal-produzzjoni
Taqsim 1	Limitazzjonijiet klimatiċi, ġeografiċi jew strutturali
Taqsim 2	Nuqqas ta' disponibbiltà tad-dħul minn irziezet organiċi
Taqsim 3	Problemi speċifiċi ta' ġestjoni tal-bhejjem
S-Sezzjoni 3a	Eċċezzjonijiet tar-regoli ta' produzzjoni f'dak li għandu x'jaqşam mal-użu ta' prodotti u ta' sustanzi speċifiċi fl-ipproċessar skond l-Artikolu 22(2)(e) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007
Taqsim 4	Ċirkostanzi katastrofiċi
Kapitolu 7	Database taż-żrieragħ
Titolu III	It-tikkettar
Kapitolu 1	Il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea
Kapitolu 2	Rekwiżiti speċifiċi tat-tikkettar għall-ġhalf
Kapitolu 3	Rekwiżiti speċifiċi oħra tat-tikkettar
Titolu IV	Il-Kontrolli
Kapitolu 1	Miżuri minimi ta' kontroll

**▼B**

Kapitolu 2	Rekwiżiti ta' kontroll għall-pjanti u l-prodotti tal-pjanti
Kapitolu 2a	Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-kontroll tal-alka
Kapitolu 3	Rekwiżiti ta' kontroll għall-bhejjem u l-prodotti tal-bhejjem
Kapitolu 3a	Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-kontroll tal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura
Kapitolu 4	Ir-rekwiżiti tal-kontroll tal-unitajiet li jħejju l-prodotti tal-pjanti, tal-alka, tal-bhejjem u tal-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tal-ikel magħmulin minnhom
Kapitolu 5	Ir-rekwiżiti tal-kontroll tal-importazzjonijiet tal-prodotti organiċi minn pajjiżi terzi
Kapitolu 6	Rekwiżiti ta' kontroll għal unitajiet li jingħataw b'kuntratt lill-partijiet terzi
Kapitolu 7	Rekwiżiti ta' kontroll għal unitajiet li jippreparaw l-għalf
Kapitolu 8	Il-ksur u l-iskambju ta' informazzjoni
Kapitolu 9	Sorveljanza mill-awtoritajiet kompetenti
Titolu V	Il-konsenja ta' informazzjoni, dispożizzjonijiet tranżitorji u finali
Kapitolu 1	Il-konsenja ta' informazzjoni lill-Kummissjoni
Kapitolu 2	Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali

**▼ B**

## TITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET TA' INTRODUIZZJONI

*Artikolu 1***Is-suġġett u l-ambitu**

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar il-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku fir-rigward ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

**▼ M2**

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal:

- (a) speċijiet tal-bhejjem ta' xort'oħra minn dawk imsemmija fl-Artikolu 7; kif ukoll
- (b) annimali tal-akkwakultura ta' xort'oħra minn dawk imsemmija fl-Artikolu 25a.

Madanakollu, it-Titolu II, it-Titolu III u t-Titolu IV għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għat-tali prodotti sakemm ikunu stabbiliti regoli tal-produzzjoni ddettaljati għal dawk il-prodotti fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

**▼ B***Artikolu 2***Tifsiriet**

Minbarra t-tifsiriet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

- (a) “mhux organiku”: ifisser li ma jkunx ġej jew li ma jkunx relatat għal produzzjoni skond ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u dan ir-Regolament;
- (b) “prodotti mediċinali veterinarji”: ifisser prodotti kif iddefiniti fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji;
- (c) “importatur”: ifisser il-persuna fiżika jew ġuridika fil-Komunità li tippreżenta konsenja għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fil-Komunità, jew in persona, jew permezz ta' rappreżentant;
- (d) “l-ewwel kunsinnatarju” ifisser il-persuna fiżika jew ġuridika li lilha tkun ikkunsinjata l-konsenja importata u li tirċeviha għal preparazzjoni u/jew tqegħid fis-suq ulterjuri;
- (e) “azjenda” tfisser l-unitajiet kollha tal-produzzjoni operati taħt ġestjoni singola bl-iskop tal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli;

**▼ M2**

- (f) “unità tal-produzzjoni” tfisser l-assi kollha li għandhom jintużaw għal settur tal-produzzjoni bħall-post tal-produzzjoni, il-biċċiet agrikoli, il-mergħat, l-ispazji fil-beraħ, l-istrutturi tal-bhejjem, il-vaski tal-ħut, is-sistemi taż-żamma tal-alka jew tal-annimali tal-akkwakultura, il-konċessjonijiet ta' max-xatt jew ta' qiegħ il-baħar, il-post għall-ħażna tal-ghelejje, il-prodotti tal-ghelejje, il-prodotti tal-alka, il-prodotti tal-annimali, il-materja prima u kwalunkwe prodott użat (“input”) ieħor rilevanti għal dan is-settur speċifiku tal-produzzjoni;

<sup>(1)</sup> ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1.

**▼B**

- (g) “produzzjoni idroponika” tfisser il-metodu li bih jitkabbru l-pjanti bl-għeruq tagħhom f’soluzzjoni minerali ta’ nutrijenti biss jew f’medjum inert, bħall-perlite, iż-żrar jew suf minerali li tiżdied magħhom soluzzjoni ta’ nutrijenti;
- (h) “trattament veterinarju” ifisser il-korsijiet kollha ta’ trattament ta’ kura jew ta’ prevenzjoni kontra okkorrenza waħda ta’ marda speċifika;
- (i) “prodotti ta’ l-għalf f’konverżjoni” ifissru prodotti ta’ l-għalf prodotti matul il-perjodu ta’ konverżjoni għall-produzzjoni organika, bl-esklużjoni ta’ dawk maħsuda fit-12-il xahar ta’ wara l-bidu tal-konverżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 17(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;

**▼M2**

- (j) “faċilità magħluqa taċ-ċirkulazzjoni mill-ġdid tal-akkwakultura” tfisser faċilità li fiha l-akkwakultura sseħħ f’ambjent magħluq fuq l-art jew fuq bastiment u li tinvolvi ċ-ċirkulazzjoni mill-ġdid tal-ilma, u li tiddependi fuq kontribut permanenti estern tal-enerġija sabiex ikun stabbilizzat l-ambjent tal-annimali tal-akkwakultura;
- (k) “l-enerġija minn sorsi rinnovabbli” tfisser sorsi ta’ enerġija rinnovabbli li mhumiex fossili: ir-riħ, ix-xemx, l-enerġija ġeotermali, il-mewġ, il-marea, l-idroenerġija, il-gass mill-miżbliet, il-gass mill-impjanti li jittrattaw id-drenaġġ u l-bijogassijiet;
- (l) “il-mafqisiet” tfisser il-postijiet għat-tgħammir, it-tifqis u t-trobbija matul l-ewwel stadji tal-ħajja tal-annimali tal-akkwakultura, b’mod partikulari tal-ħut tal-ġewnaħ u tal-frott tal-baħar;
- (m) “il-mixtliet” tfisser il-postijiet fejn tkun applikata sistema intermedja tal-biedja, bejn l-istadji tat-tifqis u tat-tkabbir għad-daqs tas-suq. L-istadju tal-mixtliet jitlista fl-ewwel terz taċ-ċiklu tal-produzzjoni ħlief għall-ispeċijiet li jkunu qed jgħaddu mill-proċess tal-adattament tal-ħut mill-ilma ħelu għall-ilma baħar (“smoltification”);
- (n) “it-tniġġis” fil-qafas tal-produzzjoni tal-akkwakultura u tal-alka tfisser l-introduzzjoni ta’ sustanzi jew ta’ enerġija, b’mod dirett jew mhux, fl-ambjent akkwatiku kif imfisser fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2008/56/KE <sup>(1)</sup> u fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE <sup>(2)</sup>, fl-ilmijiet fejn japplikaw rispettivament;
- (o) “il-polikultura” fil-qafas tal-produzzjoni tal-akkwakultura u tal-alka tfisser it-trobbija ta’ żewġ speċijiet jew iktar fl-istess unità ta’ kultura, li normalment ikunu minn livelli trofiċi differenti;
- (p) “iċ-ċiklu tal-produzzjoni” fil-qafas tal-produzzjoni tal-akkwakultura u tal-alka tfisser it-tul ta’ ħajja ta’ annimal tal-akkwakultura jew tal-alka mill-istadju l-iktar bikri tal-ħajja sal-qbid jew il-qtuġh;
- (q) “l-ispeċijiet imkabrin lokalment” fil-qafas tal-produzzjoni tal-akkwakultura u tal-alka tfisser dawk l-ispeċijiet li la huma speċijiet aljeni u lanqas mhuma speċijiet li ma jinstabux lokalment skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 <sup>(3)</sup>. Dawk l-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 708/2007 jistgħu jitqiesu bħala speċijiet imkabrin lokalment;

<sup>(1)</sup> ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

<sup>(2)</sup> ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 168, 28.6.2007, p. 1.

**▼M2**

- (r) “id-densità tal-istokk” fil-qafas tal-akkwakultura tfisser il-piż tal-annimali ħajjin għal kull metru kubu ta’ ilma fi kwalunkwe ħin matul il-fażi tat-tkabbir għad-daqs tas-suq u, fil-każ tal-ħut ċatt u l-gambli, il-piż għal kull metru kwadru tal-wiċċ;

**▼M9**

- (s) “fajl ta’ kontroll” tfisser l-informazzjoni u d-dokumenti kollha trasmessi, għall-finijiet tas-sistema ta’ kontroll, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew lill-awtoritajiet u lill-korpi ta’ kontroll minn operatur soġġett għal sistema ta’ kontroll kif imsemmi fl-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, inkluż l-informazzjoni u d-dokumenti kollha rilevanti relatati ma’ dak l-operatur jew l-attivitajiet ta’ dak l-operatur miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti, mill-awtoritajiet ta’ kontroll u mill-korpi ta’ kontroll, bl-eċċezzjoni ta’ informazzjoni jew dokumenti li ma jaffettwawx it-tħaddim tas-sistema ta’ kontroll.

**▼B**

## TITOLU II

**REGOLI DWAR IL-PRODUZZJONI, L-IPPROĊESSAR, L-IPPAKKJAR, IT-TRASPORT U L-ĦAŻNA TA' PRODOTTI ORGANIĊI***KAPITOLU 1**Il-produzzjoni tal-pjanti**Artikolu 3***Il-ġestjoni ta' l-art u l-fertilizzazzjoni**

1. Meta l-ħtiġiet nutrizzjonali tal-pjanti ma jkunux sodisfatti minn miżuri previsti fl-Artikolu 12(1)(a), (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, jistgħu jintużaw biss fertilizzanti u kondizzjonaturi b'solubilità baxxa ta' l-art imsemmija fl-Anness I ma' dan ir-Regolament, fil-produzzjoni organika, u biss sa fejn hu neċessarju. L-operaturi għandhom iżommu provi dokumentarji tal-ħtieġa li jintuża l-prodott.

2. L-ammont totali ta' demel tal-bhejjem, kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE <sup>(1)</sup> dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli, applikat fl-azjenda, ma jistax jaqbeż il-170 kg ta' nitroġenu f'sena/ettaru taż-żona agrikola wżata. Dan il-limitu għandu japplika biss għall-użu ta' demel tar-razzett, demel tar-razzett imnixxef u demel diżidrat tat-tjur, ħmieġ kompost ta' l-annimali, inkluż demel tat-tjur, demel kompost tar-razzett u eskrementi likwidi ta' l-annimali.

3. Azjendi tal-produzzjoni organika jistgħu jistabbilixxu ftehim ta' kooperazzjoni bil-miktub esklużivament ma' azjendi u mpriżi oħrajn li jikkonformaw mar-regoli ta' produzzjoni organika, bl-intenzjoni li d-demel żejjed mill-produzzjoni organika jkun jista' jinxtered. Il-limitu massimu kif imsemmi fil-paragrafu 2, għandu jkun ikkalkolat fuq il-bażi ta' l-unitajiet kollha tal-produzzjoni organika involuti f'din il-kooperazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1.

**▼B**

4. Jistgħu jintużaw preparati xierqa ta' mikro-organiżmi sabiex titjieb il-kondizzjoni ġenerali ta' l-art jew id-disponibbiltà tan-nutrijenti fl-art jew fl-għelejjel.

5. Għall-attivazzjoni tal-kompost jistgħu jintużaw preparati adattati bbażati fuq il-pjanti jew preparazzjonijiet ta' mikro-organiżmi.

*Artikolu 4***Il-projbizzjoni tal-produzzjoni idroponika**

Il-produzzjoni idroponika hija pprojbita.

*Artikolu 5***Il-ġestjoni ta' organiżmi ta' ħsara, mard u ħaxix ħażin**

1. Meta l-pjanti ma jkunux jistgħu jiġu protetti b'mod adegwat mill-organiżmi ta' ħsara u mard permezz tal-miżuri previsti fl-Artikolu 12(1)-(a), (b), (c), u (g) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, fil-produzzjoni organika jistgħu jintużaw biss il-prodotti msemmija fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. L-operaturi għandhom iżommu provi dokumentarji tal-ħtieġa li jintuża l-prodott.

2. Għal prodotti wżati fnases u f'dispensers, ħliet dispensers feromoni, in-nases u/jew id-dispensers, għandhom jipprevjenu li s-sustanzi jkunu rilaxxati fl-ambjent u jipprevjenu kuntatt bejn is-sustanzi u l-għelejjel li jkunu qegħdin jiġu kkoltivati. In-nases għandhom jinġabru wara li jintużaw u jintremew b'mod sigur.

*Artikolu 6***Regoli speċifiċi dwar il-produzzjoni tal-faqqiegħ**

Għal-produzzjoni tal-faqqiegħ, jistgħu jintużaw is-substrati, jekk dawn ikunu komposti biss mill-komponenti li ġejjin:

- (a) demel tar-razzett u ħmieġ ta' l-annimali:
  - (i) jew mill-azjendi li jipproduċu skond il-metodu ta' produzzjoni organika;
  - (ii) jew imsemmija fl-Anness I, biss meta l-prodotti imsemmija fil-punt (i) ma jkunux disponibbli; u meta ma jaqbx il-25 % tal-piż tal-komponenti totali tas-substrat, eskluż il-materjal ta' kopertura u xi ilma miżjud, qabel ma jgħaddi mill-proċess biex isir kompost;
- (b) prodotti ta' oriġini agrikola, ta' xort'oħra minn dawk imsemmija fil-punt (a), minn azjendi li jipproduċu skond il-metodu ta' produzzjoni organika;
- (ċ) pīt mhux trattat bil-kimika;
- (d) injam, mhux trattat bi prodotti kimiċi wara t-tqaċċit;
- (e) prodotti minerali msemmija fl-Anness I, ilma u ħamrija.

▼ **M2***KAPITOLU 1a****Il-produzzjoni tal-alka****Artikolu 6a***L-ambitu**

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi regoli tal-produzzjoni ddettaljati għall-ġbir u t-tkabbir tal-alka. Japplika *mutatis mutandis* għall-produzzjoni tal-algi marini ta' ħafna ċelloli kollha jew tal-fitoplankton u tal-mikroalgi għall-użu wara bħala għalf għall-annimali tal-akkwakultura.

*Artikolu 6b***Kemm il-midjum akkwatiku huwa adattat u l-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli**

1. Il-ħidmiet għandhom iseħħu f'postijiet li mhumiex suġġetti għat-tniġġis minn prodotti jew sustanzi li mhumiex awtorizzati għall-produzzjoni organika, jew minn pollutanti li jikkompromettu n-natura organika tal-prodotti.

2. L-unitajiet organiċi tal-produzzjoni tal-akkwakultura għandhom ikunu separati b'mod xieraq minn dawk li mhumiex organiċi. It-tali miżuri ta' separazzjoni għandhom jissejsu fuq il-qagħda naturali, fuq sistemi separati tat-tixrid tal-ilma, fuq id-distanzi, il-flussi tal-marea u l-post tal-unità organika tal-produzzjoni jkunx favur jew kontra l-kurrent. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw postijiet jew żoni li huma jqisu li mhumiex adattati għall-qbid tal-akkwakultura organika jew għall-qtuġ tal-alka organika u jistgħu jiffissaw ukoll id-distanzi minimi ta' separazzjoni bejn l-unitajiet tal-produzzjoni organika u dawk tal-produzzjoni li mhix organika.

F'każ li l-Istati Membri jkunu f'fissaw distanzi minimi ta' separazzjoni, għandhom jgħaddu dan it-tagħrif lill-operaturi, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

3. Għall-ħidmiet il-ġodda kollha li jkunu qed japplikaw għall-produzzjoni organika u li jkunu qed jipproduċu iktar minn 20 tunnellata ta' prodotti tal-akkwakultura fis-sena, għandha tkun meħtieġa valutazzjoni ambjentali li tkun proporzjonata mal-unità tal-produzzjoni sabiex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet tal-unità tal-produzzjoni u tal-ambjent immedjat tagħha u l-effetti li probabbli jkollha meta tibda titħaddem. L-operatur għandu jipprovdi l-valutazzjoni ambjentali lill-korp jew lill-awtorità ta' kontroll. Il-kontenut tal-valutazzjoni ambjentali għandu jissejjes fuq l-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE <sup>(1)</sup>. Jekk l-unità tkun diġà suġġetta għal valutazzjoni ekwivalenti, allura l-użu tagħha għandu jkun permess għal dan il-għan.

4. L-operatur għandu jipprovdi pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-qbid tal-akkwakultura u tal-qtuġ tal-alka li jkun proporzjonat mal-unità tal-produzzjoni.

Il-pjan għandu jkun aġġornat kull sena u għandu jagħti dettalji dwar l-effetti ambjentali tal-ħidma u dwar il-monitoraġġ ambjentali li għandu jsir, u jniżżel il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi fuq l-ambjenti akkwatiċi u terrestri tal-madwar, inkluż, fejn applikabbli, it-tnixxija ta' nutrijenti fl-ambjent għal kull ċiklu tal-produzzjoni jew fis-sena. Il-pjan għandu jirreġistra s-sorveljanza u t-tiswija tat-tagħmir tekniku.

<sup>(1)</sup> ĠU L 175, 5.7.1985, p. 40.

▼ **M2**

5. L-operaturi tan-negozji tal-akkwakultura u tal-alka għandhom jużaw, bi preferenza, sorsi tal-enerġija rinnovabbli u jirriċiklaw il-materjali, u għandhom ifasslu, bħala parti mill-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli, skeda għat-tnaqqis tal-iskart li għandha tkun implimentata meta jinbdew il-ħidmiet. Fejn ikun possibbli, l-użu tas-sħana li tibqa' għandu jkun illimitat għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

6. Għall-qtugħ tal-alka għandha ssir stima ta' darba tal-bijomassa fil-bidu.

*Artikolu 6c***Il-qtugħ sostenibbli tal-alka selvaġġa**

1. Għandhom jinżammu kontijiet dokumentarji fl-unità jew fuq il-post u dawn għandhom iġhinu lill-operatur jidentifika u lill-awtorità jew lill-korp ta' kontroll jivverifika li daww li jaqtgħu l-alka jkunu fornaw biss alka selvaġġa prodotta skont ir-Regolament (KE) Nru 834/2007.

2. Il-qtugħ għandu jsir b'tali mod li l-ammonti maqtugħa ma johlqux impatt sinifikanti fuq l-istat tal-ambjent akkwatiku. Għandhom jittieħdu miżuri sabiex ikun żgurat li l-alka tkun tista' terġa' ttella', bħall per eżempju t-teknika tal-qtugħ, id-daqs minimu, l-età, iċ-ċikli tar-riproduzzjoni u d-daqs tal-alka li jkun għad baqa'.

3. Jekk l-alka tinqata' minn żona komuni jew maqsuma għall-qtugħ tal-alka, għandu jkun hemm evidenza dokumentarja li l-ammont maqtugħ kollu huwa f'konformità ma' dan ir-Regolament.

4. F'dak li għandu x'jaqsam mal-Artikolu 73b(2)(b) u (c), dawn ir-reġistri jridu jagħtu evidenza ta' ġestjoni sostenibbli u ta' ebda impatt fit-tul fuq iż-żoni għall-qtugħ.

*Artikolu 6d***It-tkabbir tal-alka**

1. Il-kultura tal-alka fil-baħar għandha tuża biss nutrijenti li jinsabu b'mod naturali fl-ambjent jew li jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika tal-annimali tal-akkwakultura, li preferibbilment tkun tinsab fil-qrib bħala parti minn sistema ta' polikultura.

2. F'faċilitajiet fuq l-art fejn jintużaw sorsi esterni ta' nutrijenti, il-livelli tan-nutrijenti fl-ilma li jkun ħiereġ 'il barra minnhom għandhom ikunu l-istess jew inqas mill-ilma li jkun dieħel fihom, b'mod li jista' jkun ivverifikat. Jistgħu jintużaw biss in-nutrijenti li ġejjin mill-pjanti jew mill-minerali u hekk kif imniżżel fl-Anness I.

3. Id-densità tal-kultura jew l-intensità operattiva għandha tiġi rreġistrata u għandha żżomm l-integrità tal-ambjent akkwatiku billi jkun żgurat li ma tinqabiżx il-kwantità massima tal-alka li tista' tiġi appoġġata mingħajr effetti negattivi fuq l-ambjent.



▼ **M2**

4. Il-ħbula u tagħmir ieħor użat biex titkabbar l-alka għandu jerġa' jintuża jew jiġi rriċiklat fejn ikun possibbli.

*Artikolu 6e***Il-miżuri għal kontra t-tkabbir ta' ħaxix tal-baħar mat-tagħmir u t-tindif tat-tagħmir u tal-faċilitajiet tal-produzzjoni**

1. Organiżmi bijoloġiċi li jikbru mat-tagħmir għandhom jitneħħew biss b'mezzi fiżiċi jew bl-idejn u, fejn ikun xieraq, għandhom jerġgħu jintefgħu fil-baħar 'il bogħod mill-istabbiliment.

2. It-tindif tat-tagħmir u tal-faċilitajiet għandu jsir biss permezz ta' miżuri fiżiċi jew mekkaniċi. F'każ li dan ma jkunx biżżejjed, jistgħu jintużaw biss is-sustanzi kif imniżżlin fit-Taqsima 2 tal-Anness VII.

▼ **B***KAPITOLU 2****It-trobbija tal-bhejjem****Artikolu 7***L-ambitu**

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi regoli ta' produzzjoni dettaljati għall-ispeċijiet li ġejjin: bhejjem bovini inklużi l-*bubalus* u l-bizonte, l-ekwidi, il-porċini, l-ovini, il-kaprini, it-tjur (l-ispeċijiet imsemmija fl-Anness III) u n-naħal.

## Taqsima 1

**L-oriġini ta' l-animali***Artikolu 8***L-oriġini ta' animali organiċi**

1. Fl-għażla ta' razez jew varjetajiet, għandhom ikunu meqjusa il-kapaċità ta' l-animali li jadattaw għal kundizzjonijiet lokali, il-vitalità tagħhom u r-reżistenza tagħhom għall-mard. Barra minn hekk, għandhom jintagħżlu razez jew varjetajiet ta' animali biex ikun evitat mard speċifiku jew problemi tas-saħħa assoċjati ma' xi razez jew varjetajiet użati fil-produzzjoni intensiva, bħas-sindromu ta' stress tal-majjali, is-Sindromu PSE (laħam pallidu-artab-eżudativ), mewt f'daqqa, abort spontanju u twelid diffiċli li jkun jeħtieġ operazzjoni ċeżarja. Għandha tingħata preferenza lil razez u varjetajiet indiġeni.

2. Għan-naħal, għandha tingħata preferenza lill-użu ta' l-*Apis mellifera* u l-ekotipi lokali tagħhom.

*Artikolu 9***L-oriġini ta' animali mhux organiċi**

1. Skond l-Artikolu 14(1)(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, animali mhux organiċi jistgħu jinġiebu fl-azjenda għal skopijiet ta' riproduzzjoni biss meta ma jkunx disponibbli għadd suffiċjenti ta' animali organiċi u soġġett għall-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu.

**▼B**

2. Mammiferi zġhar mhux organiċi, meta merħla tkun ikkostitwita għall-ewwel darba, għandhom jitrabbew skond ir-regoli ta' produzzjoni organika minnufih hekk kif ma jibqgħux jerdgħu. Barra minn hekk, għandhom japplikaw ir-restrizzjonijiet li ġejjin fid-data li fiha l-annimali jidħlu fil-merla:

- (a) il-bufla, l-għoġiela u l-fliewi għandu jkollhom inqas minn sitt xhur;
- (b) il-ħrief u l-gidjien għandu jkollhom inqas minn 60 jum;
- (c) il-majjaletti għandhom ikunu jiżnu inqas minn 35 kg.

3. Mammiferi adulti rġiel u nisa nulliparużi li ma jkunux organiċi, għat-tiġdid ta' merħla, għandhom jtkabbru sussegwentement skond ir-regoli tal-produzzjoni organika. Barra minn hekk, l-għadd ta' mammiferi nisa huwa soġġett kull sena għar-restrizzjonijiet li ġejjin:

- (a) sa massimu ta' 10 % ta' l-ekwidi jew ta' l-annimali bovini adulti, inklużi l-ispeċi tal-*bubalus* u tal-bizonte, bhejjem u 20 % tal-bhejjem adulti porċini, ovini u kaprini, bħala annimali nisa;
- (b) għal unitajiet b'inqas minn 10 annimali ekwini jew bovini, jew b'inqas minn ħames annimali porċini, ovini jew kaprini kull tiġdid kif imsemmi fuq għandu jkun limitat għal massimu ta' annimal wieħed fis-sena.

Id-dispożizzjoni ta' dan il-paragrafu tkun riveduta fl-2012 bl-iskop li din titneħħa gradwalment.

4. Il-perċentwali msemmija fil-paragrafu 3 jistgħu jiżdiedu sa 40 %, soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti, fil-każijiet speċjali li ġejjin:

- (a) meta ssir estensjoni maġġuri fir-razzett;
- (b) meta r-razza titbiddel;
- (c) meta tinbeda speċjalizzazzjoni ġdida tal-bhejjem;
- (d) meta jkun hemm il-periklu li r-razz jintilfu għall-biedja kif stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 <sup>(1)</sup> u f'dak il-każ annimali ta' dawk ir-razz m'hemmx għalfajn ikunu neċessarjament nulliparużi.

5. Għar-rinnovazzjoni ta' l-imġiebaħ, 10 % fis-sena ta' l-irġeġjen tan-naħal u tal-frieħ (ferħ) tan-naħal jistgħu ikunu sostitwiti bi rġeġjen tan-naħal u frieħ tan-naħal li mhumiex organiċi fl-unità ta' produzzjoni organika sakemm l-irġeġjen tan-naħal u l-frieħ tan-naħal jitqiegħdu f'għebha fejn ix-xehda jew il-fondazzjonijiet tax-xehda jkun għejjin minn unitajiet ta' produzzjoni organika.

## T a q s i m a 2

**L-istrutturi tal-kenn tal-bhejjem u l-prattiki ta' trobbija***Artikolu 10***Regoli dwar il-kundizzjonijiet ta' l-istrutturi tal-kenn**

1. L-insulazzjoni, is-šana u l-ventilazzjoni ta' l-istruttura għandhom jassiguraw li ċ-ċirkolazzjoni ta' l-arja, il-livell tat-trab, it-temperatura, l-umdità relattiva u l-konċentrazzjoni gassuża, jinżammu fl-limiti li ma jkunux ta' ħsara għall-annimali. L-istruttura għandha tkun tippermetti li jidħol ħafna dawl naturali.

<sup>(1)</sup> ĠU L 368, 23.12.2006, p. 15.

**▼B**

2. L-istrutturi tal-kenn tal-bhejjem m'għandhomx ikunu obligatorji f'żoni b'kundizzjonijiet klimatiċi xierqa li jippermettu li l-annimali jgħixu barra.

3. Id-densità ta' l-istokkijiet fl-istruttura għandha tipprovdi għall-kumdità, il-benessri u l-ħtiġiet speċifiċi għall-ispeċi ta' l-annimali li, b'mod partikolari, għandhom ikunu jiddependu fuq l-ispeċi, ir-razza u l-età ta' l-annimali. Għandhom ikunu kkunsidrati wkoll il-ħtiġiet ta' l-imġieba ta' l-annimali li jiddependu b'mod partikolari fuq id-daqs tal-grupp u fuq is-sess ta' l-annimali. Id-densità għandha tiżgura l-benessri ta' l-annimali billi dawn ikollhom biżżejjed spazju biex joqogħdu bil-wieqfa b'mod naturali, jimteddu faċilment, iduru, jirregolaw ruħhom, jassumu l-pożizzjonijiet naturali kollha u jagħmlu l-movimenti naturali kollha bħal jitmatru u jfarfru gwenhahom.

4. Is-superfiċi minima għal żoni fuq ġewwa u fuq barra, u karatteristiċi oħra ta' l-istrutturi tal-kenn għal speċijiet u kategoriji ta' l-annimali differenti, huma stabbiliti fl-Anness III.

*Artikolu 11***Il-kundizzjonijiet ta' l-istrutturi tal-kenn u l-prattiki ta' trobbija speċifiċi għal mammiferi**

1. L-istrutturi tal-kenn tal-bhejjem għandu jkollhom art lixxa, iżda li ma tkunx tiżloq. Mill-inqas nofs is-superfiċi fuq ġewwa, kif speċifikat fl-Anness III, għandha tkun solida, jiġifieri mhux art bil-planki jew bħal grilja.

2. L-istrutturi tal-kenn għandu jkollhom żona komda, nadifa u niexfa biex jimteddu/jistrieħu ta' daqs suffiċjenti, li tkun tikkonsisti f'binja solida mingħajr planki. Għandu jkun ipprovdut mifrex ampju ta' tiben niexef fiż-żona għall-mistrieħ. Il-mifrex għandu jinkludi tiben jew materjal naturali adattat ieħor. Il-mifrex jista' jittejjeb u jkun arrikkit bi kwalunkwe prodott minerali elenkat fl-Anness I.

3. Minkejja l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/629/KE <sup>(1)</sup>, li l-għoġiela jsibu l-kenn f'kaxex individwali għandu jkun ipprojbit, wara li jkollhom ġimgħa.

4. Minkejja l-Artikolu 3(8) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/630 <sup>(2)</sup>, majjali nisa għandhom jinżammu fi gruppi, ħlief fl-aħħar stadi tat-tqala u meta jkunu qegħdin iredgħu.

5. Il-majjaletti m'għandhomx jinżammu fi flat decks jew f'gagėg għall-majjaletti.

6. Żoni għall-eżerċizzju għandhom jippermettu li l-annimali porċini jħammgħu u jħaffru. Għall-iskopijiet ta' tħaffir jistgħu jintużaw substrati differenti.

<sup>(1)</sup> ĠU L 340, 11.12.1991, p. 28.

<sup>(2)</sup> ĠU L 340, 11.12.1991, p. 33.



*Artikolu 12*

**Il-kundizzjonijiet ta' l-istrutturi tal-kenn u l-prattiki ta' trobbija speċifiċi għat-tjur**

1. It-tjur m'għandhomx jinżammu f'gagėg.
2. Tjur akkwatiċi għandu jkollhom aċċess għal nixxiegħa, roqgħa ilma jew ħawt, lag jew għadira kull meta jkunu jippermettu t-temp u l-kundizzjonijiet ta' iġjene sabiex ikunu rispettati l-ħtiġiet speċifiċi għall-ispeċi tagħhom u l-ħtiġiet għall-benessri ta' l-annimali.
3. L-istrutturi tal-kenn għat-tjur kollha għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) mill-inqas terz tas-superfiċi għandu jkun ta' binja solida, jiġifieri li ma tkunx bil-planki jew bħal grilja, u għandu jkun mifrux b'materjal bħal tiben, ċana, ramel jew terf;
  - (b) f'gallinari għal tiġieġ li jkunu qegħdin ibidu, għandha tkun disponibbli parti sostanzjalment kbira mis-superfiċi disponibbli għat-tiġieġ, biex jinġabar fiha l-ħmieġ ta' l-għasafar;
  - (c) għandu jkollhom perċi ta' daqs u għadd adattat għad-daqs tal-grupp u ta' l-għasafar kif stabbilit fl-Anness III.
  - (d) għandu jkollhom toqob għad-dħul/il-ħruġ ta' daqs adegwat għall-għasafar, u dawn it-toqob għandu jkollhom tul ikkombinat ta' mill-inqas 4 m għal kull żona ta' 100 m<sup>2</sup> tal-gallinar disponibbli għall-għasafar;
  - (e) kull gallinar m'għandux ikollu iktar minn:
    - (i) 4 800 tiġieġa,
    - (ii) 3 000 tiġieġa li tkun tbid,
    - (iii) 5 200 farawna,
    - (iv) 4 000 papra Muscovy jew Peking jew 3 200 papru Muscovy jew Peking jew papri oħra,
    - (v) 2 500 ħasi, wiżża jew dundjan;
  - (f) iż-żona totali utilizzabbli tal-gallinari għall-produzzjoni tal-laħam f'kull unità singola, m'għandhiex taqbeż l-1 600 m<sup>2</sup>;
  - (g) il-gallinari għandhom ikunu mibnija b'tali mod li l-għasafar kollha jitħallew aċċess faċli għaż-żona fil-beraħ.
4. Id-dawl naturali jista' jkun issupplimentat b'mezzi artifiċjali sabiex ikun ipprovdut massimu ta' 16-il siegħa dawl kuljum b'perjodu notturn kontinwu ta' mistrieħ mingħajr dawl artifiċjali ta' mill-inqas tmien sigħat.
5. Sabiex jiġi evitat l-użu ta' metodi ta' trobbija intensivi, it-tjur jew għandhom jitrabbew sa età minima jew inkella għandhom ikunu ta' razez ta' tjur li jikbru bil-mod. Meta l-operatur ma juża ebda razez ta' tjur li jikbru bil-mod l-età minima għall-qatla għandha tkun:
  - (a) 81 jum għat-tiġieġ,
  - (b) 150 jum għall-ħasjien,
  - (c) 49 jum għall-papri Peking,
  - (d) 70 jum għall-papri nisa Muscovy,
  - (e) 84 jum għall-papri rġiel Muscovy,
  - (f) 92 jum għall-papri Mallard,

**▼B**

- (g) 94 jum għall-farawni,
- (h) 140 jum għad-dundjani rġiel u għall-wiżż għax-xiwi
- (i) 100 jum għad-dundjani nisa.

L-awtorità kompetenti għandha tiddefinixxi l-kriterji ta' razez li jikbru bil-mod jew tfassal lista tagħhom u tipprovdi din l-informazzjoni lill-operaturi, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni.

*Artikolu 13***Ir-reqwiziti u l-kundizzjonijiet ta' l-istrutturi tal-kenn speċifiċi għat-trobbija tan-naħal**

1. L-għażla tas-sit ta' l-imġiebaħ għandha tkun tali li, fradju ta' 3 km mis-sit tal-miġbħa, sorsi ta' nektar u għabta tad-dakra jkunu jikkonsistu essenzjalment minn għelejjel prodotti b'mod organiku u/jew veġetazzjoni spontanja u/jew għelejjel ittrattati b'metodi ta' impatt ambjentali baxx ekwivalenti għal dawk deskritti fl-Artikolu 36 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 <sup>(1)</sup> jew fl-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill 1257/1999 <sup>(2)</sup> li ma jistgħux jeffettwaw il-kwalifika tat-trobbija tan-naħal bħala organika. Ir-reqwiziti msemmija fuq ma japplikawx meta ma jkunx żmien il-fjuri, jew meta l-ġebhiet ma jkunux attivi.
2. L-Istati Membri jistgħu jindikaw reġjuni jew żoni fejn it-trobbija tan-naħal li tikkonforma mar-regoli ta' produzzjoni organika ma tkunx prattikabbli.
3. Il-ġebhiet għandhom ikunu magħmula bażikament minn materjali naturali li ma jippreżentaw ebda riskju ta' kontaminazzjoni għall-ambjent jew għall-prodotti ta' l-apikultura.
4. Ix-xama' tan-naħal għal fondazzjonijiet ġodda għandu jkun ġej minn unitajiet ta' produzzjoni organika.
5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25, prodotti naturali biss bħaż-żaftura, ix-xama' u ż-żjut tal-pjanti jistgħu jintużaw fil-ġebhiet
6. L-użu ta' insettiċidi sintetiċi kimiċi huwa pprojbit matul operazzjonijiet għall-estrazzjoni ta' l-għasel.
7. L-użu tal-ġebha fejn ir-reġina tan-naħal tbid il-bajd huwa pprojbit għall-estrazzjoni ta' l-għasel.

*Artikolu 14***L-aċċess għal spazji fil-beraħ**

1. Spazji fil-beraħ jistgħu ikunu parzjalment koperti.
2. Skond l-Artikolu 14(1)(b)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 l-erbivori għandu jkollhom aċċess għal merġat biex jimirħu kull meta jkunu jippermettu l-kundizzjonijiet.
3. F'każijiet fejn l-erbivori jkollhom aċċess għal merġat matul il-perjodu ta' l-irmigh u meta s-sistema ta' kenn matul ix-xitwa tagħti liberta' ta' moviment lill-annimali, l-obbligu li jkunu pprovduti spazji fil-beraħ matul ix-xhur tax-xitwa jista' jitneħħa.
4. Minkejja l-paragrafu 2, barrin ta' iktar minn sena għandu jkollhom aċċess għal merġat jew għal spazju fil-beraħ.

<sup>(1)</sup> ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 160, 26.6.1999, p. 80.

**▼B**

5. It-tjur għandu jkollhom aċċess għal spazju fil-beraħ għal mill-inqas terz minn haġġithom.
6. Spazji fil-beraħ għat-tjur għandhom fil-parti l-kbira jkunu koperti b'veġetazzjoni u jkunu pprovduti b'faċilitajiet ta' protezzjoni u jippermettu li t-tjur ikollhom aċċess faċli għal għadd adegwat ta' hawtijiet minn fejn jistgħu jieklu u jixorbu.
7. Meta t-tjur jinżammu fuq ġewwa minħabba restrizzjonijiet jew obbligi imposti fuq il-bażi ta' leġislazzjoni Komunitarja, għandhom b'mod permanenti jkollhom aċċess għal kwantitajiet suffiċjenti ta' fibra u materjal adattat biex jissodisfa l-ħtiġiet etoloġiċi tagħhom.

*Artikolu 15***Id-densità ta' l-istokkijiet**

1. Id-densità totali ta' l-istokkijiet għandha tkun tali li ma taqbiżx il-limitu ta' 170 kg ta' Nitroġenu fis-sena u għal kull ettaru ta' żona agrikola kif imsemmi fl-Artikolu 3(2).
2. Sabiex tkun determinata d-densità xierqa ta' bhejjem imsemmija fuq, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-unitajiet ta' bhejjem ekwivalenti għal-limitu ta' hawn fuq, billi tieħu bħala linja gwida, il-figuri stabbiliti fl-Anness IV jew id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti adottati skond id-Direttiva 91/676/KEE.

*Artikolu 16***Il-projbizzjoni tat-trobbija tal-bhejjem mingħajr l-art**

It-trobbija tal-bhejjem mingħajr l-art, fejn l-operatur tal-bhejjem ma jkunx jiggēstixxi l-art agrikola u/jew ma jkunx stabbilixxa ftehim ta' kooperazzjoni bil-miktub ma' operatur ieħor skond l-Artikolu 3(3), hija pprojbta.

*Artikolu 17***It-trobbija simultanja ta' bhejjem organiċi u bhejjem mhux organiċi**

1. Bhejjem mhux organiċi jistgħu ikunu preżenti fl-azjenda sakemm jtkabbru f'unitajiet fejn l-istrutturi tal-kenn u l-biċċiet agrikoli jkunu separati b'mod ċar mill-unitajiet li jkunu qeġhdin jipproduċu skond ir-regoli ta' produzzjoni organika u tkun involuta speċi differenti.
2. Bhejjem mhux organiċi jistgħu jużaw merġat organiċi għal perjodu limitat kull sena, sakemm dawn l-annimali jkunu ġejjin minn sistema agrikola kif definita fil-paragrafu 3(b) u annimali organiċi ma jkunux preżenti fl-istess ħin f'dik il-merġa.
3. Annimali organiċi jistgħu jimirfu fuq art komuni, sakemm:
  - (a) l-art ma tkunx ġiet ittrattata bi prodotti mhux awtorizzati għal produzzjoni organika għal mill-inqas tliet snin;
  - (b) kull animal mhux organiku li juża l-art ikkonċernata ikun derivat minn sistema agrikola ekwivalenti għal dik deskritta fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jew fl-Artikolu 22 tar-Regolament 1257/1999;
  - (c) kull prodott tal-bhejjem minn annimali organiċi, waqt li għamli użu minn din l-art, ma jitqiesx bħala prodott minn produzzjoni organika, sakemm ma tkunx tista' tiġi ppruvata segregazzjoni adegwata minn annimali mhux organiċi.

**▼B**

4. Matul il-perjodu ta' tranzumanza, l-annimali jistgħu jimirħu fuq art mhux organika meta jkunu mmexxiya, bil-pass, minn mergħa għal oħra. Il-konsum ta' għalf mhux organiku, fil-forma ta' ħaxix u veġetazzjoni oħra li fuqha jimirħu l-annimali, matul dan il-perjodu m'għandux jaqbeż l-10 % tar-razzjon totali ta' l-għalf għal kull sena. Din il-figura għandha tkun ikkalkolata bħala perċentwali tal-kontenut niexef ta' għalf minn oriġini agrikola.
5. L-operaturi għandhom iżommu evidenza dokumentarja ta' l-użu tad-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu.

*Artikolu 18***Il-ġestjoni ta' l-annimali**

1. Operazzjonijiet bħat-twaħħil ta' lastkijiet mad-dnub tan-nagħaġ, il-qtuġh tad-dnub, l-illimar tas-snien, l-illimar tal-munqar u t-tneħħija tal-qrun m'għandhomx jitwettqu b'rutina fl-agrikoltura organika. Madankollu, xi wħud minn dawn l-operazzjonijiet jistgħu ikunu awtorizzati mill-awtorità kompetenti għal raġunijiet ta' sigurtà jew jekk ikunu maħsuba biex itejjbu s-saħħa, il-benessri jew l-iġjene tal-bhejjem fuq bażi ta' każ b'każ.

Kull sofferenza lill-annimali għandha titnaqqas għal minimu billi jkun applikat loppju (anesteżija) u/jew analġeżija adegwat u billi l-operazzjoni ssir biss fl-iktar età adattata minn persunal kwalifikat.

2. Il-kastrazzjoni fiżika hija permessa sabiex jinżammu l-kwalità tal-prodotti u l-prattiki tradizzjonali tal-produzzjoni iżda biss skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.
3. Il-mutilazzjoni bħall-qtuġh tal-ġwienaħ ta' l-irġejjen tan-naħal hija pprojbita.
4. It-tagħbija u l-ħatt ta' l-annimali għandhom isiru mingħajr l-użu ta' kull tip ta' stimolazzjoni elettrika biex l-annimali jkunu sfurzati. L-użu ta' kalmanti allopatiċi, qabel jew matul it-trasport, huwa pprojbit.

## T a q s i m a 3

**L - g h a l f****▼M8***Artikolu 19***Għalf mill-azjenda stess u minn sorsi oħrajn**

1. Fil-każ tal-erbivori, ħlief matul il-perjodu ta' kull sena meta l-annimali jkunu fi tranzumanza suġġetta għall-Artikolu 17(4), mill-inqas 60 % tal-għalf għandu jiġi mill-unità agrikola stess jew f'każ li dan ma jkunx jista' jsir, dan għandu jkun prodott f'kooperazzjoni ma' rziezet organiċi oħrajn fl-istess reġjun.
2. Fil-każ tal-majjali u tat-tjur, mill-inqas 20 % tal-għalf għandu jiġi mill-unità agrikola stess jew, f'każ li dan ma jkunx jista' jsir, dan għandu jkun prodott fl-istess reġjun f'kooperazzjoni ma' rziezet organiċi oħrajn jew ma' operaturi kummerċjali organiċi tal-għalf oħrajn.

**▼M8**

3. Fil-każ tan-naħal, fl-aħħar tal-istaġun tal-produzzjoni l-kaxxi tan-naħal (l-igbħa) għandhom jitħallew b'biżżejjed għasel u għabra tad-dakra għal matul ix-xitwa.

L-għalf tal-kolonji tan-naħal għandu jkun awtorizzat biss meta l-ħajja fil-kaxxi tan-naħal tkun fil-periklu minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi. Il-kaxxi tan-naħal għandhom jingħalfu bl-għasel organiku, bil-ġulepp taz-zokkor organiku jew biz-zokkor organiku.

**▼B***Artikolu 20***Għalf li jissodisfa l-ħtiġiet nutrizzjonali ta' l-annimali**

1. Il-mammiferi żgħar kollha għandhom jingħataw il-ħalib ta' l-omm bi preferenza għall-ħalib naturali, għal perjodu minimu ta' tliet xhur għall-bovini inklużi l-ispeċi tal-*bubalus* u tal-biżonte u l-ekwidi, 45 jum għan-nagħaġ u għall-mogħoż u 40 jum għall-majjali.

2. Sistemi ta' trobbija għal erbivori għandhom ikunu bbażati fuq l-użu massimu ta' mergħat biex fihom jimirħu l-annimali skond id-disponibbiltà ta' mergħat f'perjodi differenti tas-sena. Mill-inqas 60 % tal-materja niexfa f'razzjonijiet ta' erbivori għandha tikkonsisti f'fibra, għalf frisk jew immnixxef, għalf mill-ħaxix. Huwa permess tnaqqis għal 50 % għal annimali fil-produzzjoni tal-ħalib għal perjodu massimu ta' tliet xhur fiż-żmien bikri ta' l-irdigħ.

3. Il-fibra, l-għalf frisk jew immnixxef, jew l-għalf mill-ħaxix għandhom jiżiedu mar-razzjonijiet ta' kuljum għal majjali u tjur.

4. Iż-żamma tal-bhejjem f'kundizzjonijiet, jew fuq dieta, li jistgħu jinkoraġġixxu l-anemija, hija pprojbita.

5. Prattiki tas-smin għandhom ikunu reversibbli f'kull stadju tal-proċess tat-trobbija. L-alimentazzjoni sfurzata hija pprojbita.

*Artikolu 21***Għalf f'konverżjoni****▼M1**

1. Bħala medja, il-formula tal-porzjonijiet tal-għalf tista' tkun magħmula sa 30 % minn prodotti tal-għalf li jkunu fil-fażi ta' konverżjoni. Meta l-prodotti tal-għalf li jkunu fil-fażi ta' konverżjoni jkunu ġejjin minn unità tal-azjenda nfisha, dan il-perċentwal jista' jizied sa 100 %.

**▼M2**

2. Sa 20 % tal-ammont medju totali ta' prodotti tal-għalf mogħtija lill-bhejjem jista' jkun ġej mill-imrieh jew mill-ħsad ta' mergħat permanenti, minn biċċiet agrikoli perenni tal-għalf jew mill-għelejjel tal-proteini, miżrugħin skont ġestjoni organika f'artijiet li jkunu fl-ewwel sena tal-bidla tagħhom, dejjem jekk dawn ikunu parti mill-istabiliment stess u ma jkunux iffurmaw parti minn unità organika tal-produzzjoni ta' dak l-istess stabbiliment fl-aħħar ħames snin. F'każ li jkunu qed jintużaw kemm prodotti tal-għalf fil-fażi tal-konverżjoni kif ukoll prodotti tal-għalf minn biċċiet agrikoli li jkunu fl-ewwel sena tal-bidla tagħhom, il-perċentwal tal-ammont totali tat-tali prodotti tal-għalf meħudin flimkien m'għandux jaqbeż il-perċentwali massimi stabbiliti fil-paragrafu 1.

**▼B**

3. Il-figuri fil-paragrafu 1 u 2 għandhom ikunu kkalkolati kull sena bħala perċentwali tal-materja niexfa ta' prodotti ta' l-għalf ta' oriġini mill-pjanti.



▼ **M8***Artikolu 22***L-użu ta' ċerti prodotti u sustanzi fl-għalf**

Għall-finijiet tal-Artikolu 14(1)(d)(iv) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, is-sustanzi li ġejjin biss jistgħu jintużaw fl-ipproċessar tal-ikel organiku u fl-għalf tal-annimali organiċi:

- (a) materjali tal-għalf mhux organiku li joriġinaw mill-pjanti jew mill-annimali, jew materjali tal-għalf oħrajn elenkati fit-Taqsima 2 tal-Anness V, sakemm:
  - (i) ikunu prodotti jew ippreparati mingħajr solventi kimiċi, u
  - (ii) ir-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 43 jew 47(c) jiġu mħarsa;
- (b) ħwawar, ħxejjex aromatiċi u għasel iswed mhux organiċi, sakemm:
  - (i) il-forma organika tagħhom ma tkunx disponibbli,
  - (ii) ikunu prodotti jew ippreparati mingħajr solventi kimiċi, u
  - (iii) l-użu tagħhom ikun limitat għal 1 % tar-razzjon tal-għalf ta' speċi partikolari, ikkalkulat kull sena bħala perċentwal tal-materja niexfa tal-għalf mill-agrikoltura;
- (c) materjali tal-għalf organiku li joriġinaw mill-annimali;
- (d) materjali tal-għalf li joriġinaw mill-minerali elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness V;
- (e) prodotti minn industriji tas-sajd sostenibbli sakemm:
  - (i) ikunu prodotti u ppreparati mingħajr solventi kimiċi,
  - (ii) l-użu tagħhom ikun ristrett għall-annimali mhux erbivori, u
  - (iii) l-użu tal-idrolisati tal-proteini tal-ħut ikun ristrett biss għall-annimali ż-żgħar;
- (f) melħ bħala melħ tal-baħar u melħ oħxon tal-blat;
- (g) l-addittivi tal-għalf elenkati fl-Anness VI.

▼ **B**

## Taqsima 4

**Il-prevenzjoni tal-mard u t-trattament veterinarju***Artikolu 23***Il-prevenzjoni tal-mard**

1. L-użu ta' prodotti mediċinali allopatiċi kimikament sintesizzati jew antibijotiċi għal trattament ta' prevenzjoni huwa pprojbit, bla ħsara għall-Artikolu 24(3).
2. L-użu ta' sustanzi biex jippromwovu t-tkabbir jew il-produzzjoni (inklużi l-antibijotiċi, il-koċċidijostatiċi, u għajnuniet artifiċjali oħra għall-iskop tal-promozzjoni tat-tkabbir) u l-użu ta' ormoni jew sustanzi simili għall-kontroll tar-riproduzzjoni jew għal għanijiet oħra (eż. l-induzzjoni jew is-sinkronizzazzjoni ta' l-estru), hija pprojbita.
3. Meta l-bhejjem ikunu miksuba minn unitajiet li mhumiex organiċi, jistgħu japplikaw miżuri speċjali bħal testijiet ta' screening jew perjodi ta' kwarantina, skond iċ-ċirkostanzi lokali.

**▼B**

4. Strutturi tal-kenn, stalel, tagħmir u aċċessorji għandhom jitnaddfu u jkunu diżinfettati tajjeb sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' l-infezzjoni u l-predispożizzjoni għal organiżmi li jxerrdu l-mard. Il-ħmieġ ta' l-annimali, l-awrina u l-għalf li ma jkunx ittiekel jew li jkun waqa' għandhom jitneħħew kemm-il darba jkun hemm b'zonn sabiex tkun minimizzata r-riħa u ma jkunux atratti insetti jew ġrieden.

Għall-iskop ta' l-Artikolu 14(1)(f) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, il-prodotti elenkati fl-Anness VII biss jistgħu jintużaw għat-tindif u d-dizinfazzjoni ta' strutturi tal-kenn, installazzjonijiet u aċċessorji tal-bhejjem. Il-veleni tal-ġrieden (li għandhom jintużaw biss fin-nases), u l-prodotti elenkati fl-Anness II, jistgħu jintużaw għall-eliminazzjoni ta' insetti u organiżmi ta' ħsara oħra fi strutturi u f'installazzjonijiet oħra fejn jinżammu l-bhejjem.

5. L-istrutturi għandhom ikunu żvujtati mill-bhejjem bejn kull lott ta' tjur imrobbi. L-istrutturi u l-armor għandhom jitnaddfu u jkunu diżinfettati matul dan iż-żmien. Barra minn hekk, meta-t-trobbija ta' kull lott ta' tjur tkun ikkompletata, il-passaġġi għandhom jitħallew vojta sabiex terġa' tikber il-veġetazzjoni. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-perjodu li fih il-passaġġi għandhom ikunu vojta. L-operatur għandu jżomm provi dokumentarji ta' l-applikazzjoni ta' dan il-perjodu. Dawn ir-rekwiżiti m'għandhomx japplikaw meta t-tjur ma jtkabbrux flottijiet, ma jinżammux f'passaġġi u huma liberi li jiġru 'l hemm u 'l hawn matul il-jum.

*Artikolu 24***It-trattament veterinarju**

1. Meta, minkejja miżuri ta' prevenzjoni biex tkun żgurata s-saħħa ta' l-annimali kif stabbilit fl-Artikolu 14(1)(e)(i) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, l-annimali jimirdu jew iwegġġghu, dawn għandhom ikunu ttrattati minnufih, jekk ikun meħtieġ ukoll f'iżolament u fi strutturi tal-kenn adattati.

**▼M13**

2. Il-prodotti fitoterapewtiċi u omeopatiċi, il-mikronutrijenti u l-prodotti elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness V u fit-Taqsima 3 tal-Anness VI għandhom jintużaw bi preferenza għal trattament veterinarju allopatiku kimikament issintesizzat jew għall-antibijotiċi, sakemm l-effett terapewtiku tagħhom ikun effettiv għall-ispeċi tal-annimal u għall-kundizzjoni li għaliha hu maħsub it-trattament.

**▼B**

3. Jekk l-użu tal-miżuri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 mhuwiex effettiv biex jiġġieled kontra mard jew ħsara, u jekk it-trattament huwa essenzjali biex tkun evitata s-sofferenza jew id-diffikultà ta' l-annimal, prodotti mediċinali veterinarji kimikament sintesizzati jew antibijotiċi jistgħu jintużaw taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju.

4. Bl-eċċezzjoni ta' tilqim, trattamenti għal parassiti u skemi obbligatorji ta' eradikazzjoni meta annimal jew grupp ta' annimali jirċievu iktar minn tliet korsijiet ta' trattamenti bi prodotti mediċinali veterinarji allopatiki kimikament sintesizzati jew antibijotiċi fi żmien 12-il xahar, jew iktar minn kors wieħed ta' trattament jekk iċ-ċiklu produttiv tal-ħajja tagħhom huwa ta' inqas minn sena, il-bhejjem ikkonċernati, jew il-prodotti dderivati minnhom, ma jistgħux jinbiegħu bħala prodotti organiċi, u l-bhejjem għandhom joqogħdu għall-perjodi ta' konverżjoni stabbiliti fl-Artikolu 38(1).

Għandhom jinżammu rekords ta' evidenza ddokumentata ta' l-okkorrenza ta' dawn iċ-ċirkostanzi għall-korp ta' kontroll jew għall-awtorità ta' kontroll.

**▼B**

5. Il-perjodu ta' sospensjoni bejn l-aħħar amministrazzjoni tal-prodott mediċinali veterinarju allopatiku lil animalali taħt il-kundizzjonijiet ta' użu normali, u l-produttjoni ta' prodotti ta' l-għalf iffabbrikati b'mod organiku minn dawn l-animalli, għandu jkun darbejn il-perjodu legali ta' sospensjoni kif imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/82/KE jew, f'każ fejn dan il-perjodu mhuwiex speċifikat, 48 siegħa.

*Artikolu 25***Regoli speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-mard u t-trattament veterinarju fit-trobbija tan-naħal**

1. Għall-iskopijiet tal-protezzjoni tal-kaxxi, tal-ġebbiet u tax-xehdjet, b'mod partikolari minn organiżmi ta' ħsara, rodentiċi biss (għall-użu biss fin-nases), u prodotti xierqa elenkati fl-Anness II, huma permessi.
2. Huma permessi trattamenti fiżiċi għad-dizinfekzjoni ta' l-imġiebaħ bħall-fwar jew fjamma diretta.
3. Hija permessa l-prattika li tkun distrutta l-popolazzjoni maskili biss sabiex tkun iżolata l-infestazzjoni ta' *Varroa destructor*.
4. Jekk minkejja l-miżuri kollha ta' prevenzjoni, il-kolonji jimirdu jew ikunu infestati, għandhom ikunu trattati immedjatement, u, jekk neċessarju, il-kolonji jistgħu jitqiegħdu f'mġiebaħ ta' iżolament.
5. Jistgħu jintużaw prodotti mediċinali veterinarji fit-trobbija organika tan-naħal sa fejn l-użu korrispondenti huwa awtorizzat fl-Istat Membru skond id-dispożizzjonijiet Komunitarji jew id-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti in konformità mal-liġi tal-Komunità.
6. Aċidu formiku, aċidu tal-ħalib, aċidu aċetiku u aċidu ossaliku kif ukoll il-mentol, it-timol, l-ewkaliptol jew il-ganfra jistgħu jintużaw f'każijiet ta' infestazzjoni bil-*Varroa destructor*.
7. Jekk ikun applikat trattament bi prodotti allopatiki kimikament sintesizzati, matul dan il-perjodu, il-kolonji trattati għandhom jitqiegħdu mġiebaħ iżolati u x-xama' kollha għandha tkun sostitwita b'xama' li tkun ġeġja minn trobbija organika tan-naħal. Sussegwentement, ikun japplika għal dawk il-kolonji il-perjodu ta' konverżjoni ta' sena stabbilit fl-Artikolu 38(3).
8. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 7 m'għandhomx japplikaw għall-prodotti elenkati fil-paragrafu 6.

**▼M2***KAPITOLU 2a****Il-produttjoni tal-animalli tal-akkwakultura***

## Taqsim 1

**Ir-regoli ġenerali***Artikolu 25a***L-ambitu**

Dan il-Kapitolu jistabbilixxi regoli tal-produttjoni ddetaljata għall-ispeċijiet tal-ħut, tal-krustaċej, tal-ekinodermi u tal-molluski kif koperti mill-Anness XIIIa.

▼ **M2**

Japplika *mutatis mutandis* għaż-zooplankton, għall-mikrokrustacej, għar-rotiferi, għad-dud u għall-annimali akkwatiċi l-oħra għall-għalf.

*Artikolu 25b***Kemm il-midjum akkwatiku huwa adattat u l-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli**

1. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6b(1) sa (5) għandhom japplikaw għal dan il-Kapitolu.
2. Miżuri preventivi u ta' difiża meħudin kontra l-predaturi skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE <sup>(1)</sup> u skont ir-regoli nazzjonali għandhom jitniżżlu fil-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli.
3. Għandu jkun hemm koordinazzjoni li tista' tkun ivverifikata bejn l-operaturi li ħidmiethom imissu ma' ta' xulxin huma u jfasslu l-pjanijiet tagħhom dwar il-ġestjoni, fejn dan ikun applikabbli.
4. Għall-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura fil-vaski tal-ħut, fit-tankijiet u fil-korsi, l-istabbilimenti għandhom ikunu mgħammra jew b'tankijiet jew vaski b'saff naturali biex jiffiltraw l-ilma, jew b'vaski fejn joqgħod in-naqal, jew b'filtri bijoloġiċi jew mekkaniċi biex jiġbru n-nutrijenti tal-iskart jew għandhom jużaw l-alka u/jew l-annimali (bivalvi u l-algi) li jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tal-ilma li jkun hiergħ 'il barra minnhom. Fejn ikun xieraq, għandu jkun hemm monitoraġġ tal-ilma li jkun hiergħ 'il barra minnhom f'perjodi regolari.

*Artikolu 25c***Il-produzzjoni fl-istess ħin ta' annimali tal-akkwakultura li huma organiċi u ta' dawk li mhumiex**

1. L-awtorità kompetenti tista' tħalli lill-mafqsiet u lill-mixtliet ikabbru kemm ħut żgħir organiku u mhux fl-istess stabbiliment, dejjem jekk l-unitajiet ikunu fiżikament separati b'mod ċar u jekk ikun hemm sistema separata tad-distribuzzjoni tal-ilma.
2. Fil-każ tal-produzzjoni tat-tkabbir għad-daqs tas-suq, l-awtorità kompetenti tista' tħalli unitajiet organiċi tal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura u dawk li mhumiex organiċi fl-istess stabbiliment, dejjem jekk ikun hemm konformità mal-Artikolu 6b(2) ta' dan ir-Regolament u f'każ fejn ikunu involuti fażijiet differenti tal-produzzjoni u perjodi differenti tat-tqandil tal-annimali tal-akkwakultura.
3. L-operaturi għandhom iżommu evidenza dokumentarja tal-użu tad-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan l-Artikolu.

## T a q s i m a 2

**L-orijini tal-annimali tal-akkwakultura***Artikolu 25d***L-orijini tal-annimali tal-akkwakultura li huma organiċi**

1. Għandhom jintużaw speċi mkabbrin lokalment u t-tgħammir għandu jimmira li johlq razez li huma iktar adattati għall-kundizzjonijiet tat-tkabbir, għas-saħħa tajba, u għall-użu tajjeb tar-riżorsi tal-għalf. Il-korp jew l-awtorità ta' kontroll għandhom jingħataw evidenza dokumentarja dwar l-orijini u t-trattament tagħhom.

<sup>(1)</sup> ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.

**▼ M2**

2. Għandhom jingħażlu speċi li jistgħu jitkabbru mingħajr ma ssir ħsara sinifikanti lill-istokks selvaġġi.

*Artikolu 25e***L-oriġini u l-ġestjoni ta' annimali tal-akkwakultura li mhumiex organiċi**

1. Għall-għanijiet tat-tgħammir jew tat-titjib tal-istokk ġenetiku u f'każ fejn ma jkunx hemm annimali organiċi tal-akkwakultura disponibbli, jistgħu jiddaħħlu fl-istabbiliment annimali selvaġġi tal-akkwakultura maqbudin jew annimali tal-akkwakultura mhux organiċi. It-tali annimali għandhom jinżammu skont ġestjoni organika għal mill-anqas tliet xhur qabel ma jkunu jistgħu jintużaw għat-tgħammir.

2. Għall-għanijiet tat-tismin u f'każ fejn ma jkunx hemm annimali organiċi tal-akkwakultura żgħar disponibbli, jistgħu jiddaħħlu fl-istabbiliment annimali tal-akkwakultura żgħar mhux organiċi. Tal-inqas l-aħħar żewġ terzi ta' tul iċ-ċiklu tal-produzzjoni għandu jseħħ skont ġestjoni organika.

**▼ M12**

3. Il-perċentwal massimu ta' ħut li għadu qiegħed jikber tal-akkwakultura mhux organiku mdaħħal fl-istabbiliment għandu jkun 80 % mill-31 ta' Diċembru 2011 'il quddiem, 50 % mill-31 ta' Diċembru 2014 'il quddiem u 0 % mill-31 ta' Diċembru 2015 'il quddiem.

**▼ M15**

4. Għal skopijiet ta' tkabbir kontinwu, il-ġabra tal-ġuvenili selvaġġi tal-akkwakultura hija ristretta speċifikament għall-każijiet li ġejjin:

- (a) influż naturali ta' ħut jew larvi krustaċji u ġuvenili meta jimtlew l-għadajjar, sistemi jew għeluq ta' konteniment;
- (b) ferħ tas-Sallura Ewropea, sakemm ikun hemm fis-seħħ pjan ta' ġestjoni tas-sallura approvat għal-lokazzjoni u r-riproduzzjoni artiċjali tas-sallura tibqa mhux solvuta;
- (c) il-ġabra tal-ħut żgħir selvaġġ ta' speċijiet apparti mis-sallura Ewropea biex ikomplu jikbru f'pikkultura estensiva tal-akkwakultura tradizzjonali fl-artijiet mistagħdra, bħall-għadajjar tal-ilma salmastru, iż-żoni tal-marea u l-laguni kostali, magħluqa permezz ta' ilqugħ naturali u xtut, sakemm:
  - (i) l-istokkjar mill-ġdid huwa konformi mal-miżuri ta' ġestjoni approvati mill-awtoritajiet rilevanti responsabbli mill-ġestjoni tal-istokkijiet tal-ħut konċernati sabiex jiżguraw l-isfruttar sostenibbli tal-ispeċijiet konċernati, u
  - (ii) il-ħut jintemgħa esklussivament b'għalf naturali disponibbli fl-ambjent.

**▼ M2**

## T a q s i m a 3

**Il-prattiki tat-trobbija tal-akkwakultura***Artikolu 25f***Ir-regoli ġenerali tat-trobbija tal-akkwakultura**

1. L-ambjent tat-trobbija tal-annimali tal-akkwakultura għandu jiffassal b'tali mod li, skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ispeċi tagħhom, l-annimali tal-akkwakultura għandhom:

- (a) ikollhom biżżejjed spazju għall-benesseri tagħhom;

**▼ M2**

- (b) jinżammu f'filma ta' kwalità tajba li jkollu biżżejjed livelli ta' ossiġnu; u
- (c) jinżammu f'temperatura u f'kundizzjonijiet tad-dawl skont ir-rekwiżiti tal-ispeċi u filwaqt li jitqies il-post ġeografiku;
- (d) fil-każ tal-ħut tal-ilma ħelu, il-qiegħ għandu jkun joqrob kemm jista' jkun lejn il-kundizzjonijiet naturali;
- (e) fil-każ tal-karpjun, il-qiegħ se jkun art naturali.

**▼ M15**

2. Id-densità tal-istokk u l-prattiki tat-trobbija huma stabbiliti fl-Anness XIIIa skont l-ispeċi jew il-grupp ta' speċijiet. Filwaqt li jitqiesu l-effetti tad-densità tal-istokk u l-prattiki tat-trobbija fuq il-benessri tal-ħut fl-azjenda, għandhom jiġu mmonitorjati l-kundizzjoni tal-ħut (bħall-ħsara fil-ġwienaħ, feriti oħrajn, ir-rata tal-iżvilupp, l-imġiba espressa u s-saħħa ġenerali) u l-kwalità tal-ilma.

**▼ M2**

- 3. Id-disinn u l-bini tas-sistemi akkwatiċi taż-żamma għandhom jiġprovdurati ta' ġiri tal-ilma u parametri fiżjokimiċi li jissalvagwardjaw is-saħħa u l-benesseri tal-annimali u jiġprovdur għall-ħtiġijiet ta' mġibithom.
- 4. Is-sistemi taż-żamma għandhom jitfasslu, jitqiegħdu u jitħaddmu sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' inċidenti li fihom jaħarbu l-annimali.
- 5. Jekk jaħarbu l-ħut jew il-krustaċej, għandha tittieħed azzjoni xierqa sabiex jitnaqqas l-impatt fuq l-ekosistema tal-post, inkluż il-qbid mill-ġdid, fejn ikun xieraq. Għandha tinżamm evidenza dokumentarja.

*Artikolu 25g***Ir-regoli speċifiċi għas-sistemi akkwatiċi taż-żamma**

- 1. Il-faċilitajiet magħluqa taċ-ċirkulazzjoni mill-ġdid tal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura mhumiex permessi, ħliet għall-mafqsiet u għall-mixtliet, u ħliet għall-produzzjoni ta' speċijiet użati bħala organiżmi organiċi tal-ġhalf.
- 2. L-unitajiet tat-trobbija fuq l-art għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) għal sistemi bl-ilma dieħel u ħiereġ minnhom, għandu jkun possibbli li wieħed jimmonitorja u jikkontrolla r-rata ta' ġiri tal-ilma u l-kwalità kemm tal-ilma li jkun dieħel fihom kif ukoll tal-ilma li jkun ħiereġ 'il barra minnhom;
  - (b) tal-anqas ħamsa fil-mija miż-żona ta' mad-dawra tal-istabbiliment ("iż-żona fejn jiltaqgħu l-art u l-ilma") għandu jkollha veġetazzjoni naturali.
- 3. Is-sistemi taż-żamma fil-baħar għandhom:
  - (a) ikunu jinsabu f'post fejn ir-rata ta' ġiri tal-ilma, il-fond tal-ilma u t-tibdil tal-ammont tal-ilma jkunu xierqa biex jitnaqqas l-impatt fuq qiegħ il-baħar u fuq l-ammont tal-ilma tal-madwar;
  - (b) ikollhom disinn, bini u manteniment tal-gaġeġ li jkunu adegwati f'dak li għandu x'jaqsam mal-esponiment tagħhom għall-ambjent ta' ħidma.
- 4. It-tisħin u t-tberrid artifiċjali tal-ilma għandu jkun permess biss fil-mafqsiet u l-mixtliet. Għat-tisħin u t-tberrid tal-ilma fl-istadji kollha tal-produzzjoni jista' jintuża ilma naturali mill-ispieri.

▼ **M2***Artikolu 25h***Il-ġestjoni tal-annimali tal-akkwakultura**

1. Għandu jitnaqqas kemm jista' jkun it-tqandil tal-annimali tal-akkwakultura, u dan għandu jitwettaq bl-ikbar attenzjoni u għandhom jintużaw it-tagħmir u l-protokoll xierqa sabiex jiġu evitati l-istress u l-ħsara fiżika assoċjati mal-proċeduri tat-tqandil. L-istokk għar-riproduzzjoni għandu jitqandel b'mod li jitnaqqsu kemm jista' jkun il-ħsara fiżika u l-istress u, fejn ikun xieraq, billi jingħata l-loppju. Il-ħidmiet tal-gradazzjoni għandhom ikunu llimitati kemm jista' jkun u għandhom jitwettqu skont il-bżonn sabiex ikun żgurat il-benesseri tal-ħut.

2. Għandhom japplikaw ir-restrizzjonijiet li ġejjin fuq l-użu tad-dawl artifiċjali:

- (a) sabiex jittawwal il-ħin naturali tal-ġurnata, dan ma għandux jaqbeż massimu li jirrispetta l-ħtiġijiet etoloġiċi, il-kundizzjonijiet ġeografiċi u s-saħħa ġenerali tal-annimali fl-istabbiliment, u dan il-massimu ma għandux jaqbeż is-16-il siegħa kuljum, ħlief għall-għanijiet tar-riproduzzjoni;
- (b) Għandhom ikunu evitati bidliet f'salt fl-intensità tad-dawl waqt il-ħin tal-bidla billi jintużaw bozoz li jistgħu jitbaxxew bil-mod il-mod jew dawl fl-isfond.

3. Għandha titħalla tingħata l-arja sabiex ikunu żgurati l-benesseri u s-saħħa tal-annimali skont il-kundizzjoni li l-arjaturi mekkaniċi għandhom jitħaddmu preferibbilment b'sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

Kwalunkwe tali użu għandu jitniżżel fir-reġistru dwar il-produzzjoni tal-akkwakultura.

4. L-ossiġnu likwidu jista' jintuża biss għall-użi marbutin mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali u ma' perjodi kritiċi tal-produzzjoni jew tal-ġarr, fil-każijiet li ġejjin:

- (a) f'każ li jkun hemm, b'mod eċċezzjonali, żieda fit-temperatura, tnaqqis fil-pressjoni tal-arja jew tniġġis bi żball;
- (b) fil-każ ta' proċeduri ta' darba fil tal-ġestjoni tal-istokk bħat-teħid ta' kampjuni u l-ġħażla;
- (c) sabiex tkun żgurata s-sopravivenza tal-istokk tal-istabbiliment.

Għandha tinżamm evidenza dokumentarja.

5. It-tekniki tal-qatla għandhom jitilfu lill-ħut minn sensihom u jneħ-hulhom il-ħila li jħossu l-uġiġħ mill-ewwel. Għandhom jitqiesu d-differenzi fid-daqs tal-qbid, fl-ispeċijiet, u fis-siti tal-produzzjoni meta jkunu qed jiġu kkunsidrati l-aqwa metodi għall-qatla.

## T a q s i m a 4

**I t - t g h a m m i r***Artikolu 25i***Il-projbizzjoni tal-ormoni**

L-użu tal-ormoni u tad-derivati tal-ormoni mhuwiex permess.

▼ **M2**

## Taqsim a 5

**L-għalf tal-ħut, tal-krustaċej u tal-ekinodermi***Artikolu 25j***Ir-regoli ġenerali dwar l-għalf**

Ir-reġimi tal-għalf għandhom jiffasslu bil-prijoritajiet li ġejjin:

- (a) is-saħħa tal-annimali;
- (b) kwalità għolja tal-prodotti, inkluż tal-kompożizzjoni nutrizzjonali, li għandha tiżgura kwalità għolja tal-prodott aħħari li jista' jittiekel;
- (c) impatt baxx fuq l-ambjent.

*Artikolu 25k***Ir-regoli speċifiċi dwar l-għalf għall-annimali tal-akkwakultura li huma karnivori**

1. L-għalf għall-annimali tal-akkwakultura li huma karnivori għandu jinġiebu skont il-prijoritajiet li ġejjin:

- (a) prodotti organiċi tal-għalf li ġejjin mill-akkwakultura;
- (b) ikel u żejt tal-ħut mill-bċejjeċ maqtugħin mill-akkwakultura organika;
- (c) ikel u żejt tal-ħut u ingredjenti li ġejjin mill-ħut u li ġejjin mill-bċejjeċ maqtugħin mill-ħut li jkun diġà nqabad għall-konsum minnies permezz tas-sajd sostenibbli;

▼ **M8**

- (d) materjali tal-għalf organiku li joriġinaw mill-pjanti jew mill-annimali;

▼ **M15**

- (e) prodotti tal-għalf derivati minn ħut sħiħ maqbud fis-sajd ċertifikat bħala sostenibbli taħt skema rikonoxxuta mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>.

▼ **M2**

- 3. Il-porzjon tal-għalf jista' jinkludi sa massimu ta' 60 % ta' prodotti organiċi tal-pjanti.

4. Astazantin li jkun ġej l-aktar minn sorsi organiċi, bħal mill-qxur tal-krustaċej organiċi, jista' jintuża fil-porzjon tal-għalf tas-salamun u tat-troti fil-limitu tal-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom. Jekk ma jkunux disponibbli s-sorsi organiċi, jistgħu jintużaw sorsi naturali tal-astazantin (bħall-ħmira tat-tip "Phaffia").

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE



▼ **M15**

5. L-istidina prodotta permezz tal-fermentazzjoni tista' tintuża fil-porzjon tal-għalf għall-ħut tal-familja Salmonidae meta s-sorsi tal-għalf elenkati fil-paragrafu 1 ma jipprovdux ammont suffiċjenti ta' istidina biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tad-dieta tal-ħut u jipprevjenu l-formazzjoni tal-katerretti.

▼ **M2***Artikolu 25l***Ir-regoli speċifiċi dwar l-għalf għal ċerti animali tal-akkwakultura**

1. L-annimali tal-akkwakultura kif imsemmija fit-Taqsimiet 6, 7 u 9 tal-Anness XIIIa għandhom jingħalfu b'għalf li jkun disponibbli b'mod naturali fil-vaski u fil-lagi.

2. F'każ fejn ma jkunux disponibbli riżorsi naturali tal-għalf fi kwantitajiet li jkunu biżżejjed, kif imsemmi fil-paragrafu 1, jista' jintuża għalf organiku li ġej mill-pjanti li, preferibbilment, ikunu tkabbru fl-istabiliment stess, jew l-alka. L-operaturi għandhom iżommu evidenza dokumentarja dwar il-ħtieġa li jintuża għalf addizzjonali.

▼ **M15**

3. Fejn l-għalf naturali huwa supplimentat skont il-paragrafu 2:

- (a) il-porzjon tal-għalf għas-siamese catfish (*Pangasius* spp.) kif jissemma fit-Taqsima 9 tal-Anness XIIIa jista' jinkludi massimu ta' 10 % ta' ħut mitħun jew żejt tal-ħuta derivat minn sajd sostenibbli;
- (b) il-porzjon tal-għalf għall-gambli kif jissemma fit-Taqsima 7 tal-Anness XIIIa jista' jinkludi massimu ta' 25 % ħut mitħun u 10 % żejt tal-ħuta derivat mis-sajd sostenibbli. Sabiex ikunu żgurati l-ħtiġijiet tad-dieta kwantitattivi tal-gambli, il-kolesterol organiku jista' jintuża biex jissupplimenta d-dieta tagħhom; fejn ma jkunx disponibbli l-kolesterol organiku, jista' jintuża l-kolesterol mhux organiku derivat mis-suf, mill-frott tal-baħar bil-qoxra jew minn sorsi oħrajn.

*Artikolu 25la***Regoli speċifiċi dwar l-għalf għall-ġuvenili organiċi**

Fit-trobbija tal-larva tal-ġuvenili organiċi jistgħu jintużaw bħala għalf il-fitoplankton konvenzjonali u ż-zooplankton.

▼ **M2***Artikolu 25m***Prodotti u sustanzi kif imsemmija fl-Artikolu 15(1)(d)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007**▼ **M8**

1. Il-materjali tal-għalf li joriġinaw mill-minerali jistgħu jintużaw fl-akkwakultura organika jekk ikunu elenkati fit-Taqsima 1 tal-Anness V biss.

▼ **M2**

2. Addittivi tal-għalf, ċerti prodotti użati fin-nutrizzjoni tal-annimali u għajnuniet għall-ipproċessar jistgħu jintużaw jekk ikunu mniżżlin fl-Anness VI u jekk ikunu konformi mar-restrizzjonijiet stabbiliti fih.

▼ M2

## Taqsim a 6

**Ir-regoli speċifiċi għall-molluski***Artikolu 25n***Iż-żona għat-*tkabbir***

1. It-*tkabbir* tal-molluski bivalvi jista' jitwettaq fl-istess żona tal-ilma bħat-*tkabbir* organiku tal-*ħut* tal-*għewnaħ* u tal-*alka* f'sistema ta' poli-kultura li għandha tiġi ddokumentata fil-pjan dwar il-*għestjoni* sostenibbli. Il-molluski bivalvi jistgħu j*tkabbri* wkoll flimkien mal-molluski *gasteropodi*, bħall-*brankutli*, fil-polikultura.

2. Il-*produzzjoni* organika tal-molluski bivalvi għandha titwettaq f'żoni ddelimitati b'żubruni, kannizzati jew b'marki ċari oħrajn u għandha tkun ristretta, kif xieraq, bi xbieki, *gāgēg* jew mezzi oħra magħmulin mill-*bniedem*.

3. L-*istabbilimenti* organiċi tal-*frott* tal-*baħar* għandhom inaqqsu kemm jista' jkun ir-*riskju* għal speċijiet li huma ta' interess għall-*konservazzjoni*. Jekk jintużaw xbieki tal-*predaturi*, id-*disinn* tagħhom ma għandux jippermetti li ssir *ħsara* lill-*għasafar* li jogħdsu.

*Artikolu 25o***Il-*għbir* taż-*żerriegħa***

1. Dejjem jekk ma ssir *ħsara* sinifikanti lill-*ambjent* u jekk ikun permess mil-*leġislazzjoni* tal-*post*, tista' tintuża *żerriegħa* selvaġġa minn barra l-*limiti* tal-*unità* tal-*produzzjoni* fil-*każ* tal-*frott* tal-*baħar* bivalvi, dejjem jekk din tkun *gējja* minn:

- (a) irqajja' ta' *ħut* li wisq probabbli ma jfilhux għat-*temp* xitwi jew li jkunu ta' ammont ikbar milli hemm *bżonn*, jew
- (b) irqajja' naturali ta' *żerriegħa* tal-*frott* tal-*baħar* fit-*tagħmir* użat għall-*għbir*.

Għandhom jinżammu *reġistri* dwar meta, kif u minn fejn inġabret iż-*żerriegħa* selvaġġa sabiex tkun tista' tiġi ttraċċata iż-*żona* tal-*għbir*.

▼ M12

Madankollu, il-*perċentwal* massimu ta' *żerriegħa* mill-*mafqsiet* tal-*frott* tal-*baħar* bil-*qoxra* bivalvi li jista' jiddaħħal fl-*unitajiet* organiċi tal-*produzzjoni* għandha tkun ta' 80 % mill-31 ta' Diċembru 2011 'il quddiem, 50 % mill-31 ta' Diċembru 2014 'il quddiem u 0 % mill-31 ta' Diċembru 2015 'il quddiem.

▼ M2

2. Fil-*każ* tal-*gajdra* tat-*tip* *Crassostrea gigas*, għandha tingħata *preferenza* lill-*istokk* li jkun t*għammar* b'mod selettiv sabiex jitnaqqas il-*bidien* fis-*selvaġġ*.

*Artikolu 25p***Il-*għestjoni***

1. Fil-*produzzjoni* għandha tintuża *densità* tal-*istokk* li ma tkunx iktar minn dik użata fir-*reġjun* għall-*frott* tal-*baħar* li mhuwiex organiku. L-*aġġustamenti* għall-*għażla*, għat-*tnaqqis* u għad-*densità* tal-*istokk* għandhom isiru skont il-*bijomassa* u sabiex jiżguraw il-*benesseri* tal-*annimali* u l-*kwalità* għolja tal-*prodotti*.

▼ **M2**

2. Organiżmi bijoloġiċi li jikbru mat-tagħmir għandhom jitneħħew b'mezzi fiżiċi jew bl-idejn u, fejn xieraq, jergħu jintefgħu fil-baħar 'il bogħod mill-istabbilimenti tal-frott tal-baħar. Matul iċ-ċiklu tal-produzzjoni, il-frott tal-baħar jista' jiġi ttrattat darba b'soluzzjoni tal-ġir sabiex ikunu kkontrollati organiżmi li jikbru mat-tagħmir li jkunu qed jikkompetu magħhom.

*Artikolu 25q***Ir-regoli dwar it-*tkabbir***

1. It-*tkabbir* fuq il-*ħbula* tal-*maskli* u b'metodi oħrajn imniżżlin fit-Taqsima 8 tal-Anness XIIIa jista' jkun eliġibbli għall-produzzjoni organika.

2. Il-molluski jistgħu jikabbru f'qiegħ il-baħar biss jekk dan ma jwassal għall-ebda impatt ambjentali sinifikanti fis-siti tal-*għbir* u tat-*tkabbir*. L-evidenza li dan it-*tkabbir* għandu impatt ambjentali minimu għandha tkun appoġġata bi kwestjonarju u b'rapport dwar iż-*żona* sfruttata li għandhom jingħataw lill-korp jew lill-awtorità ta' kontroll mill-operatur. Ir-rapport għandu jidded mal-pjan dwar il-*għestjoni* sostenibbli bħala kapitolu separat.

*Artikolu 25r***Ir-regoli speċifiċi dwar it-*tkabbir tal-gajdar***

Huwa permess it-*tkabbir* f'*basktijiet* fuq il-*kavalletti*. Dawn, flimkien ma' strutturi oħrajn li fihom jinżamm il-*gajdar*, għandhom jitpoġġew b'tali mod li tkun evitata l-formazzjoni ta' barriera waħda sħiħa mal-kosta. L-istokk għandu jitqiegħed b'attenzjoni kbira fl-*irqajja* skont il-flussi tal-*marea* sabiex il-produzzjoni tittiejeb kemm jista' jkun. Il-produzzjoni għandha tissodisfa l-kriterji mniżżlin fit-Taqsima 8 tal-Anness XIIIa.

## T a q s i m a 7

**Il-prevenzjoni tal-*mard* u t-*trattament* veterinarju***Artikolu 25s***Ir-regoli ġenerali dwar il-*prevenzjoni tal-mard***

1. F'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/88/KE, il-pjan dwar il-*għestjoni tas-saħħa tal-annimali* għandu jagħti dettalji dwar il-prattiki tal-*bijosigurtà* u tal-*prevenzjoni tal-mard*, inkluż ftehim bil-miktub dwar konsulenza dwar is-saħħa li tkun proporzjonata mal-unità tal-produzzjoni minn servizzi kkwalfikati fis-saħħa tal-annimali tal-akkwakultura li għandhom iżuru l-istabbiliment tal-*inqas darba* fis-sena u tal-*inqas darba* kull sentejn fil-*każ tal-frott tal-baħar bivalvi*.

2. Is-sistemi, it-tagħmir u l-*għodod tal-istabbilimenti* għandhom jtnaddfu u jiġu ddiżinfettati sewwa. Jistgħu jintużaw biss il-*prodotti* mniżżlin fit-Taqsimiet 2.1 sa 2.2 tal-Anness VII.

3. F'dak li għandu x'jaqsam mas-serħan:

(a) L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar jekk hux meħtieġ is-serħan u dwar it-tul ta' *żmien xieraq* li għandu jkun applikat u ddokumentat wara kull *ċiklu ta' produzzjoni fis-sistemi taż-żamma tal-ilma miftuħin fil-baħar*. Is-serħan huwa rakkomandat ukoll għal metodi ta' produzzjoni oħrajn li jużaw it-*tankijiet*, il-*vaski tal-ħut* u l-*gagėg*;

▼ **M2**

- (b) dan ma għandux ikun obligatorju għat-tkabbir tal-molluski bivalvi;
  - (c) matul il-perjodu tas-serħan, il-gaġġa jew l-istruttura l-oħra użata għall-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura titbattal, tiġi ddiżinfettata u titħalla battala qabel ma terġa' tintuża.
4. Fejn ikun xieraq, l-għalf tal-ħut li ma jkunx ittiekel, il-ħmieġ tal-ħut u l-annimali mejtin għandhom jitneħħew mill-ewwel sabiex ikun evitat kull riskju ta' ħsara ambjentali sinifikanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-ilma, sabiex jitnaqqsu r-riskji tal-mard, u jkun evitat li jkunu attratti insetti jew mammali gerriema.
5. Id-dawl ultravjola u l-ożonu jistgħu jintużaw biss fil-mafqsiet u fil-mixtliet.

▼ **M15**

6. Għall-kontroll bijoloġiku tal-ektoparassiti, għandha tingħata preferenza għall-użu ta' ħut iktar nadif u għall-użu tal-ilma heġu, l-ilma baħar u ta' soluzzjonijiet tal-klorur tas-sodju.

▼ **M2***Artikolu 25t***It-trattamenti veterinarji**

1. Meta titfaċċa problema tas-saħħa minkejja l-miżuri preventivi sabiex tkun żgurata s-saħħa tal-annimali skont l-Artikolu 15(1)(f)(i) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, jistgħu jintużaw it-trattamenti veterinarji li ġejjin f'din l-ordni ta' preferenza:

- (a) sustanzi mill-pjanti, mill-annimali jew mill-minerali f'sustanza dilwita omeopatika;
- (b) pjanti u l-estratti tagħhom li ma għandhomx effetti anestetiċi; u
- (c) sustanzi bħal l-oligoelementi, il-metalli, l-immunostimulanti naturali, jew il-probijotiċi awtorizzati.

2. L-użu tat-trattamenti allopatiċi huwa llimitat għal żewġ korsijiet ta' trattament fis-sena, ħlief għat-tilqim u għall-iskemi obligatorji ta' qerda. Madanakollu, fil-każ ta' ċiklu ta' produzzjoni ta' inqas minn sena, japplika limitu ta' trattament allopatiku wieħed. Jekk jinqabżu l-limiti msemmija għat-trattamenti allopatiċi, l-annimali tal-akkwakultura kkonċernati ma jistgħux jinbiegħu bħala prodotti organiċi.

3. L-użu tat-trattamenti kontra l-parassiti, li ma jinkludix l-iskemi obligatorji tal-kontroll imħaddma mill-Istati Membri, għandu jkun illimitat għal darbtejn fis-sena jewinkella għal darba fis-sena f'każ li ċ-ċiklu tal-produzzjoni jkun ta' inqas minn 18-il xahar.

4. Il-perjodu ta' rtirar tat-trattamenti veterinarji allopatiċi u tat-trattamenti kontra l-parassiti skont il-paragrafu 3, inklużi tat-trattamenti skont l-iskemi obligatorji tal-kontroll u ta' qerda, għandu jkun id-doppju tal-perjodu legali ta' rtirar kif imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/82/KE, jew, f'każ li dan il-perjodu ma jkunx speċifikat, ta' 48 siegħa.

**▼M2**

5. Kull meta jintużaw prodotti mediċinali veterinarji, it-tali użu għandu jkun mistqarr lill-korp jew lill-awtorità ta' kontroll qabel ma dawn l-annimali jitqiegħdu fis-suq bħala annimali organiċi. L-istokk li jkun ġie ttrattat għandu jkun jista' jkun identifikat b'mod ċar.

**▼B***KAPITOLU 3****Prodotti pproċessati****Artikolu 26***Regoli għall-produzzjoni ta' l-għalf u ta' l-ikel ipproċessati**

1. Addittivi, għajnuniet għall-ipproċessar u sustanzi u ingredjenti oħra wżati għall-ipproċessar ta' ikel jew għalf u kull prattika ta' pproċessar applikata, bħall-iffumigazzjoni, għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' prattika tajba ta' manifattura.

2. Operaturi li jipproduċu għalf jew ikel ipproċessat għandhom jist-abbilixxu u jaġġornaw proċeduri adattati ibbażati fuq identifikazzjoni sistematika ta' stadji kritiċi għall-ipproċessar.

3. L-applikazzjoni tal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiggarrantixxi f'kull ħin li l-prodotti pproċessati ffabrikati jikkonformaw mar-regoli ta' produzzjoni organika.

4. L-operaturi għandhom jikkonformaw ma' u jimplementaw il-proċeduri msemmija fil-paragrafu 2. B'mod partikolari, l-operaturi għandhom:

- (a) jieħdu miżuri ta' prekawzjoni sabiex jevitaw ir-riskju ta' kontaminazzjoni minn sustanzi jew prodotti mhux awtorizzati;
- (b) jimplementaw miżuri adattati ta' tindif, jagħmlu monitoraġġ ta' l-effettività tagħhom u jirreġistraw dawn l-operazzjonijiet;
- (ċ) jiggarrantixxu li ma jitqiegħdux prodotti mhux organiċi fis-suq b'indikazzjoni li tirreferi għall-metodu ta' produzzjoni organika.

5. Minbarra d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 4, meta prodotti mhux organiċi wkoll huma ppreparati jew maħżuna fl-unità ta' preparazzjoni kkonċernata, l-operatur għandu:

- (a) jwettaq l-operazzjonijiet b'mod kontinwu sakemm ikun ġie ttrattat il-proċess kollu, u dan isir f'post jew fi żmien separat minn operazzjonijiet simili mwettqa fuq prodotti mhux organiċi;
- (b) jaħżen il-prodotti organiċi, qabel u wara l-operazzjonijiet, u dan f'post jew fi żmien separat minn prodotti mhux organiċi;

**▼B**

- (ċ) jinforma lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll bihom u jżomm disponibbli reġistru aġġornat bl-operazzjonijiet u l-kwantitajiet kollha pproċessati;
- (d) jieħu l-miżuri neċessarji biex jiżgura identifikazzjoni ta' lottijiet u biex jevita taħlit jew skambji ma' prodotti mhux organiċi;
- (e) jwettaq l-operazzjonijiet fuq prodotti organiċi biss wara tindif adattat tat-tagħmir tal-produzzjoni.

*Artikolu 27***L-użu ta' ċerti prodotti u sustanzi fl-ipproċessar ta' l-ikel**

1. ►**M7** Għall-finijiet tal-Artikolu 19(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, is-sustanzi li ġejjin biss jistgħu jintużaw fl-ipproċessar tal-ikel organiku, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tas-settur tal-inbid, li għalih japplikaw id-dispożizzjonijiet fil-Kapitolu 3a: ◀

- (a) sustanzi elenkati fl-Anness VIII ma' dan ir-Regolament;
- (b) preparati ta' mikroorganiżi u enzimi normalment użati fl-ipproċessar ta' l-ikel; ►**M1** madankollu, l-enzimi li se jintużaw bħala addittivi tal-ikel għandhom jitniżżlu fil-lista mogħtija fis-Sezzjoni A tal-Anness VIII; ◀
- (ċ) sustanzi, u prodotti kif iddefiniti fl-Artikoli 1(2)(b)(i) u 1(2)(c) tad-Direttiva tal-Kunsill 88/388/KEE <sup>(1)</sup> ittikkettati bħala sustanzi aromatizzanti naturali jew preparati aromatizzanti naturali, skond l-Artikoli 9(1)(d) u (2) ta' dik id-Direttiva.
- (d) kulur għall-istampar fuq il-laħam u fuq il-qxur tal-bajd skond l-Artikolu 2(8) u l-Artikolu 2(9) tad-Direttiva 94/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> rispettivament;
- (e) ilma għax-xorb u melħ (bil-klorur tas-sodju jew bil-klorur tal-potassju bħala komponenti bażiċi) ġenerlament użati fl-ipproċessar ta' l-ikel;
- (f) minerali (oligo-elementi inklużi), vitamini, aminoaċidi u mikronutrijenti, awtorizzati biss sa fejn l-użu tagħhom huwa legalment meħtieġ fl-affarijiet ta' l-ikel li fihom huma inkorporati.

<sup>(1)</sup> ĠU L 184, 15.7.1988, p. 61.

<sup>(2)</sup> ĠU L 237, 10.9.1994, p. 13.

**▼B**

2. Għall-iskop tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 23(4)(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007,
- (a) addittivi ta' l-ikel elenkati fl-Anness VIII u mmarkati b'asterisk fil-kolonna tan-numru tal-kodiċi ta' l-addittiv, għandhom jitqiesu bħala ingredjenti ta' oriġini agrikola;
  - (b) preparazzjonijiet u sustanzi msemmija fil-paragrafu (1)(b), (c), (d), (e) u (f) ta' dan l-Artikolu u sustanzi li mhumiex immarkati b'asterisk fil-kolonna tan-numru tal-kodiċi ta' l-addittiv m'għandhomx jitqiesu bħala ingredjenti ta' oriġini agrikola;

**▼M1**

- (c) il-ħmira u l-prodotti tal-ħmira se jkunu kkalkulati bħala ingredjenti ta' oriġini agrikola mill-31 ta' Diċembru 2013 'il quddiem.

**▼B**

3. L-użu tas-sustanzi li ġejjin elenkati fl-Anness VIII għandu jkun ikkontrollat mill-ġdid qabel il-31 ta' Diċembru 2010:
- (a) In-nitrat tas-sodju u n-nitrat tal-potassju fit-Taqsima A bl-iskop li dawn l-addittivi jkunu rtirati;
  - (b) Id-dijossidu tal-kubrit u l-metabisulfit tal-potassju fit-Taqsima A;
  - (c) L-aċidu idrokloriku fit-Taqsima B għall-ipproċessar tal-ġobnijiet Ġuda, tal-qoxra ħamra u Maasdammer, u ta' Boerenkaas, Friese, u Leidse Nagelkaas.

Il-kontroll mill-ġdid imsemmi fil-punt (a) għandu jqis l-isforzi magħmula minn Stati Membri biex isibu alternattivi siguri għan-nitriti/nitrati u biex jistabbilixxu programmi edukattivi f'metodi alternattivi ta' l-ipproċessar u l-iġjene għal proċessuri/manifatturi tal-laħam organiku.

**▼M1**

4. Għad-dekorazzjoni tradizzjonali bil-kuluri tal-qoxra tal-bajd mgħolli prodott bl-intenzjoni li jitqiegħed fis-suq f'perjodu speċifiku tas-sena, l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza l-użu ta' kuluri naturali u ta' sustanzi naturali ta' kisi għall-perjodu msemmi hawn fuq. L-awtorizzazzjoni tista' tinkludi forom sintetiċi tal-ossidi tal-ħadid u tal-idrossidi tal-ħadid sal-31 ta' Diċembru 2013. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu nnotifikati lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

*Artikolu 27a*

Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, is-sustanzi li ġejjin jistgħu jintużaw fil-produzzjoni, fit-taħlit u fil-formulazzjoni tal-ħmira:

- (a) is-sustanzi mniżżlin fil-lista mogħtija fis-Sezzjoni Ċ tal-Anness VIII ta' dan ir-Regolament;
- (b) il-prodotti u s-sustanzi msemmija fl-Artikolu 27(1)(b) u (e) ta' dan ir-Regolament.



*Artikolu 28*

**L-użu ta' ċerti ingredjenti mhux organiċi ta' oriġini agrikola fl-iproċessar ta' l-ikel**

Għall-iskop ta' l-Artikolu 19(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, l-ingredjenti agrikoli mhux organiċi elenkati fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament jistgħu jintużaw fl-iproċessar ta' l-ikel organiku.

*Artikolu 29*

**L-awtorizzazzjoni ta' ingredjenti ta' l-ikel mhux organiċi ta' oriġini agrikola skond l-Istat Membru**

1. Meta ingredjent ta' oriġini agrikola ma jkunx inkluż fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament, dak l-ingredjent jista' jintuża biss taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-operatur ikun avża lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru bl-evidenza kollha meħtieġa li turi li l-ingredjent ikkonċernat mhuwiex prodott fi kwantità suffiċjenti fil-Komunità skond ir-regoli ta' produzzjoni organika jew ma jistax ikun importat minn pajjiżi terzi;
- (b) l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tkun awtorizzata b'mod provviżorju, l-użu għal perjodu massimu ta' 12-il xahar wara li tkun ivverifikat li l-operatur ikun impenja ruħu bil-kuntatti neċessarji mal-fornituri fil-Komunità biex jiżgura ruħu min-nuqqas ta' disponibbiltà ta' l-ingredjenti kkonċernati bir-rekwiżiti meħtieġa tal-kwalità;
- (c) ma tkun ittieħdet ebda deċiżjoni, skond id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 3 jew 4 li awtorizzazzjoni mogħtija fir-rigward ta' l-ingredjent ikkonċernat għandha tkun irtirata.

L-Istat Membru jista' jtaqwal l-awtorizzazzjoni prevista fil-punt (b) għal massimu ta' tliet darbiet ta' 12-il xahar kull darba.

2. Meta tkun ingħatat awtorizzazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istat Membru għandu javża minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, bit-tagħrif li ġej:

- (a) id-data ta' l-awtorizzazzjoni u fil-każ ta' awtorizzazzjoni mtawla, id-data ta' l-ewwel awtorizzazzjoni;
- (b) l-isem, l-indirizz, it-telefon, u meta rilevanti, il-faks u l-indirizz tal-posta elettronika tad-detentur ta' l-awtorizzazzjoni; l-isem u l-indirizz tal-punt ta' kuntatt ta' l-awtorità li tat l-awtorizzazzjoni;
- (c) l-isem u, meta neċessarju, id-deskrizzjoni preċiża u r-rekwiżiti ta' kwalità ta' l-ingredjent ta' oriġini agrikola kkonċernat;
- (d) it-tip ta' prodotti li, għall-preparazzjoni tagħhom, huwa meħtieġ l-ingredjent mitlub;
- (e) il-kwantitajiet li huma meħtieġa u l-ġustifikazzjoni għal dawk il-kwantitajiet;
- (f) ir-raġunijiet għal, u l-perjodu mistenni tan-nuqqas;



**▼ B**

(g) id-data li fiha l-Istat Membru jibgħat din in-notifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni u/jew l-Istati Membri jistgħu jqiegħdu dan it-tagħrif għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

3. Meta Stat Membru jippreżenta kummenti lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru li ta l-awtorizzazzjoni, li juru li l-fornituri huma disponibbli matul il-perjodu tan-nuqqas, l-Istat Membru għandu jikkunsidra li jirtira l-awtorizzazzjoni jew li jnaqqas il-perjodu ta' validità previst, u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-miżuri li jkun ħa jew li jkun ser jieħu, fi żmien ħmistax-il jum tax-xogħol mid-data li fiha jkun irċieva t-tagħrif.

4. Fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, il-kwistjoni għandha titressaq għal eżaminazzjoni mill-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Jista' jkun deċiż, skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu, li awtorizzazzjoni mogħtija preċedentement għandha tkun irtirata jew il-perjodu ta' validità tagħha għandu jkun emendat, jew meta xieraq, li l-ingredjent ikkonċernat għandu jkun inkluż fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament.

5. F'każ ta' estensjoni kif imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, għandhom japplikaw il-proċeduri tal-paragrafi 2 u 3.

**▼ M2***Artikolu 29a***Id-dispożizzjonijiet speċifiċi għall-alka**

1. Jekk il-prodott aħħari tkun l-alka friska, għandu jintuża l-ilma baħar biex tinħasel l-alka li jkun għadha kemm inqatgħet.

Jekk il-prodott aħħari tkun l-alka mnixxfa, jista' jintuża wkoll l-ilma tax-xorb għall-ħasil. Jista' jintuża l-melħ għat-tneħħija tal-irtuba.

2. Għat-tnixxif, ma għandux ikun permess l-użu ta' fjammi diretti li jkunu f'kontatt dirett mal-alka. F'każ li jintużaw ħbula jew tagħmir ieħor waqt il-proċess tat-tnixxif, dawn ma għandhomx ikollhom trattamenti għal kontra t-tkabbir ta' ħaxix tal-baħar magħhom jew sustanzi għat-tindif jew għad-diżinfezzjoni ħlief meta l-prodott ikun imniżżel fl-Anness VII għal dan il-għan.

**▼ M7***KAPITOLU 3a***Regoli speċifiċi għall-vinikultura***Artikolu 29b***Kamp tal-applikazzjoni**

1. Dan il-Kapitolu jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar il-produzzjoni organika tal-prodotti tas-settur tal-inbid kif imsemmi fl-Artikolu 1(1)(l) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 <sup>(1)</sup>.

2. Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 <sup>(2)</sup> u (KE) Nru 607/2009 <sup>(3)</sup> għandhom japplikaw, sakemm ma jkunx hemm previst espliċitament mod ieħor f'dan il-Kapitolu.

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 193, 24.7.2009, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 193, 24.7.2009, p. 60.

▼ **M7***Artikolu 29c***L-użu ta' ċerti prodotti u sustanzi**

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 19(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, il-prodotti tas-settur tal-inbid għandhom jiġu prodotti minn materja prima organika.
  
2. Għall-finijiet tal-Artikolu 19(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, il-prodotti u sustanzi biss elenkati fl-Anness VIIIa għal dak ir-Regolament jistgħu jintużaw għall-produzzjoni tal-prodotti fis-settur tal-inbid, inkluż waqt il-proċessi u l-prattiki enoloġiċi, soġġett għall-kundizzjonijiet u r-restrizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u r-Regolament (KE) Nru 606/2009, u partikolarment l-Anness I A għal dak ir-Regolament.
  
3. Fejn disponibbli, għandhom jintużaw il-prodotti u sustanzi elenkati fl-Anness VIIIa għal dan ir-Regolament u mmarkati b'asterisk, derivati minn materja prima organika.

*Artikolu 29d***Prattiki enoloġiċi u restrizzjonijiet**

1. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 29c u għall-projbizzjonijiet u restrizzjonijiet speċifiċi previsti fil-paragrafi 2 u 5 ta' dan l-Artikolu, il-prattiki, proċessi u trattamenti enoloġiċi biss, inkluż ir-restrizzjonijiet previsti fl-Artikolu 120c u 120d tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u l-Artikoli 3, 5 sa 9 u 11 sa 14 tar-Regolament (KE) Nru 606/2009 u fl-Annessi tagħhom, użati qabel l-1 ta' Awwissu 2010, huma permessi.
  
2. L-użu tal-prattiki, proċessi u trattamenti enoloġiċi li ġejjin huma projbiti:
  - (a) il-konċentrazzjoni parzjali permezz ta' tkessiġ skont il-punt (c) tat-Taqsima B.1 tal-Anness XVa għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;
  
  - (b) l-eliminazzjoni tad-dijossidu tal-kubrit bi proċessi fiżiċi skont il-punt 8 tal-Anness I A għar-Regolament (KE) Nru 606/2009;
  
  - (c) it-trattament bl-elettrodijaliżi biex tiġi żgurata l-istabbilizzazzjoni tartarika tal-inbid skont il-punt 36 tal-Anness I A għar-Regolament (KE) Nru 606/2009;
  
  - (d) id-dealkolizzazzjoni parzjali tal-inbid skont il-punt 40 tal-Anness I A għar-Regolament (KE) Nru 606/2009;
  
  - (e) it-trattament bl-iskambjaturi tal-kaċċjoni biex tiġi żgurata l-istabbilizzazzjoni tartarika tal-inbid skont il-punt 43 tal-Anness I A għar-Regolament (KE) Nru 606/2009.

**▼M7**

3. L-użu tal-prattiki, proċessi u trattamenti enoloġiċi li ġejjin huma permessi skont bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) għal trattamenti bis-sħana skont il-punt 2 tal-Anness I A tar-Regolament (KE) Nru 606/2009, it-temperatura ma għandhiex taqbeż 70 °C;
- (b) għaċ-ċentrifugu u l-filtrazzjoni b'aġent filtranti inert jew mingħajru skont il-punt 3 tal-Anness I A tar-Regolament (KE) Nru 606/2009, id-daqs tal-pori ma għandux ikun iżgħar minn 0,2 mikrometru.

4. L-użu tal-prattiki, proċessi u trattamenti enoloġiċi li ġejjin għandu jġi rieżaminat mill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2015, bil-ħsieb li jinqatgħu progressivament jew li titkompla r-restrizzjoni tagħhom:

- (a) trattamenti bis-sħana kif imsemmija fil-punt 2 tal-Anness I A għar-Regolament (KE) Nru 606/2009;
- (b) l-użu ta' reżini ta' skambju joniku kif imsemmi fil-punt 20 tal-Anness I A għar-Regolament (KE) Nru 606/2009;
- (c) l-ożmożi inversa skont il-punt (b) tat-Taqsima B.1 tal-Anness XVa għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

5. Kwalunkwe emenda introdotta wara l-1 ta' Awwissu 2010, fir-rigward tal-prattiki, proċessi u trattamenti enoloġiċi previsti fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jew ir-Regolament (KE) Nru 606/2009, tista' tkun applikabbli għall-produzzjoni organika tal-inbid biss wara l-adozzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-regoli previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u, fejn meħtieġ, proċess ta' evalwazzjoni skont l-Artikolu 21 ta' dak ir-Regolament.

**▼B***KAPITOLU 4****Il-ġbir, l-ippakkjar, it-trasport u l-ħażna tal-prodotti****Artikolu 30***Il-ġbir tal-prodotti u t-trasport lejn l-unitajiet ta' preparazzjoni**

L-operaturi jistgħu iwettqu ġbir simultanju ta' prodotti organiċi u mhux organiċi, biss meta jkunu meħuda miżuri xierqa sabiex ikun ipprevenut kull taħlit jew skambju possibbli ma' prodotti mhux organiċi u biex tkun żgurata l-identifikazzjoni tal-prodotti organiċi. L-operatur għandu jżomm l-informazzjoni li tkun relatata mal-jiem, is-sigħat u ċ-ċirkwit tal-ġbir kif ukoll id-data u l-ħin li fihom ikunu rċevuti l-prodotti, disponibbli għall-korp ta' kontroll jew għall-awtorità ta' kontrol.



*Artikolu 31*

**L-ippakkjar u t-trasport ta' prodotti lejn operaturi jew unitajiet oħra**

1. L-operaturi għandhom jiżguraw li prodotti organiċi jkunu ttrasportati lejn unitajiet oħrajn, li jkunu jinkludu bejjiegħa bl-ingrossa u bejjiegħa bl-immut, biss f'ippakkjar, kontejners jew vetturi adattati u magħluqa b'tali mod li ma tkunx possibbli s-sostituzzjoni tal-kontenut mingħajr manipulazzjoni jew ħsara lis-siġill u b'tikketta li tkun tiddikjara, mingħajr preġudizzju għal kull indikazzjoni oħra meħtieġa bil-liġi:

- (a) l-isem u l-indirizz ta' l-operatur u, meta differenti, tas-sid jew tal-bejjiegħ tal-prodott;
- (b) l-isem tal-prodott jew deskrizzjoni tal-prodott ta' l-għalf kompost b'referenza miegħu għall-metodu ta' produzzjoni organika;
- (c) l-isem u/jew in-numru tal-kodiċi tal-korp jew ta' l-awtorità ta' kontroll li l-operatur huwa soġġett għalih; u
- (d) meta rilevanti, il-marka ta' l-identifikazzjoni tal-lott skond sistema ta' mmarrar jew approvata f'livell nazzjonali jew miftiehma mal-korp jew ma' l-awtorità ta' kontroll u li tippermetti li ssir konnessjoni bejn il-lott u l-kontijiet imsemmija fl-Artikolu 66.

L-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (d) ta' l-ewwel subparagrafu tista' wkoll tkun ippreżentata fuq dokument anness, jekk dan id-dokument jista' mingħajr ebda dubju jinvoka l-konnessjoni ma' l-ippakkjar, mal-kontejner jew mat-trasport bil-vettura, tal-prodott. Dan id-dokument anness għandu jinkludi informazzjoni dwar il-fornitur u/jew it-trasportatur.

2. M'għandux ikun meħtieġ li l-ippakkjar, il-kontejners jew il-vetturi jkunu magħluqa meta:

- (a) it-trasportazzjoni tkun diretta bejn operatur u operatur ieħor li huma t-tnejn soġġetti għas-sistema ta' kontroll organiku, u
- (b) il-prodotti jkollhom magħhom dokument li jagħti l-informazzjoni meħtieġa taħt il-paragrafu 1, u
- (c) kemm l-operaturi li jibagħtu kif ukoll dawk li jirċievu għandhom iżommu rekords ta' dokumentazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet ta' trasport disponibbli għall-korp ta' kontroll jew għall-awtorità ta' kontroll ta' dawn l-operazzjonijiet ta' trasport.

*Artikolu 32*

**Regoli speċjali għat-trasportazzjoni ta' l-għalf lejn unitajiet oħrajn ta' produzzjoni/preparazzjoni jew lejn postijiet oħrajn tal-ħażna**

Minbarra d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 31, meta l-għalf ikun ittrasportat lejn unitajiet oħrajn ta' produzzjoni jew preparazzjoni jew lejn postijiet oħrajn tal-ħażna, l-operaturi għandhom jiżguraw li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) matul it-trasport, għalf prodott b'mod organiku, għalf f'konverżjoni, u għalf mhux organiku għandhom ikunu separati fiżikament b'mod effettiv;

**▼B**

- (b) il-vetturi u/jew il-kontejners li jkunu ttrasportaw il-prodotti mhux organiċi għandhom jintużaw biex jittrasportaw prodotti organiċi sakemm:
- (i) ikunu twettqu miżuri adattati ta' tindif, li l-effettività tagħhom tkun ġiet ikkontrollata, qabel il-bidu tat-trasport ta' prodotti organiċi; l-operaturi għandhom jirreġistraw dawn l-operazzjonijiet,
  - (ii) ikunu mplimentati l-miżuri adattati kollha, skond ir-riskji evalwati skond l-Artikolu 88(3) u, meta neċessarju, l-operaturi għandhom jiggwarantixxu li prodotti mhux organiċi ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq b'indikazzjoni li tkun tirreferi għal produzzjoni organika,
  - (iii) l-operatur iżomm rekords ta' dokumentazzjoni ta' dawn l-operazzjonijiet ta' trasport disponibbli għall-korp ta' kontroll jew għall-awtorità ta' kontroll;
- (c) it-trasport ta' għalf organiku li jkun tlesta għandu jkun separat fiżikament jew fiż-żmien mit-trasport ta' prodotti lesti oħrajn;
- (d) matul it-trasport, il-kwantità ta' prodotti fil-bidu u kull kwantità individwali kkonsenjata matul ir-ronda tal-konsenji għandhom ikunu rreġistrati.

**▼M2***Artikolu 32a***Il-ġarr tal-ħut ħaj**

1. Il-ħut ħaj għandu jinġarr f' tankijiet xierqa li jkun fihom ilma nadif li jissodisfa l-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom f' termini tat-temperatura u tal-ossiġnu maħlul.
2. Qabel ma jinġarru l-ħut u l-prodotti tal-ħut organiċi, it-tankijiet għandhom jitnaddfu, jkunu ddiżinfettati u jitlhalhu sewwa.
3. Għandhom jittieħdu prekawzjonijiet sabiex jitnaqqas l-istress. Waqt il-ġarr, id-densità ma għandhiex tkun ta' livell li jkun ta' ħsara għall-ispeċi.
4. Għandha tinżamm evidenza dokumentarja għall-paragrafi 1 sa 3.

**▼B***Artikolu 33***L-irċevuta ta' prodotti minn unitajiet oħrajn u mingħand operaturi oħrajn**

Meta l-operatur jirċievi prodott organiku, huwa għandu jikkontrolla l-għeluq ta' l-ippakkjar jew tal-kontejner meta dan ikun meħtieġ u fil-preżenza ta' l-indikazzjonijiet previsti fl-Artikolu 31.

L-operatur għandu jagħmel kontroverifika ta' l-informazzjoni fuq it-tikketta, imsemmija fl-Artikolu 31 ma' l-informazzjoni fuq id-dokumenti meħmuża. Ir-riżultat ta' dawn il-verifiki għandu jissema espliċitament fil-kontijiet dokumentati msemmija fl-Artikolu 66.

**▼B***Artikolu 34***Regoli speċjali biex ikunu riċevuti prodotti minn pajjiż terz**

Prodotti organiċi għandhom ikunu importati minn pajjiż terz f'ippakkjar jew f'kontejners adattati, magħluqa b'tali mod li tkun prevista s-sostituzzjoni tal-kontenut u b'identifikazzjoni ta' l-esportatur u b'kull marka u numru ieħor li jservu biex ikun identifikat il-lott u biċ-ċertifikat ta' kontroll għal importazzjoni minn pajjiżi terzi kif xieraq.

Meta jkun riċevut prodott organiku, importat minn pajjiż terz, l-ewwel kunsinnatarju għandu jikkontrolla l-għeluq ta' l-ippakkjar jew tal-kontejner u, fil-każ ta' prodotti importati skond l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, għandu jikkontrolla li ċ-ċertifikat imsemmi f'dak l-Artikolu jkopri t-tip ta' prodott li jkun kontenut fil-konsenja. Ir-riżultat ta' din il-verifika għandu jissemma' espliċitament fil-kontijiet dokumentati msemmija fl-Artikolu 66 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 35***Il-ħażna tal-prodotti**

1. Għall-ħażna tal-prodotti, iż-żoni għandhom ikunu ġestiti b'tali mod li tkun żgurata l-identifikazzjoni ta' lottijiet u jkun evitat kull taħlit ma' jew kontaminazzjoni minn prodotti u/jew sustanzi li ma jkunux jikkonformaw mar-regoli ta' produzzjoni organika. Prodotti organiċi għandhom ikunu identifikabbli b'mod ċar f'kull ħin.

**▼M2**

2. Fil-każ ta' unitajiet organiċi tal-produzzjoni tal-pjanti, tal-alka, tal-bhejjem u tal-annimali tal-akkwakultura, il-ħażna ta' prodotti wżati ("input") differenti minn dawk awtorizzati skont dan ir-Regolament hija pprojbata fl-unità tal-produzzjoni.

3. Fl-istabbilimenti jistgħu jinħażnu prodotti mediċinali veterinarji allopatiċi u antibijotiċi dejjem jekk dawn ikunu ġew preskritti minn veterinarju b'rabta mat-trattament kif imsemmi fl-Artikoli 14(1)(e)(ii) u 15(1)(f)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, jekk jinħażnu f'post issorveljat u jekk jitniżżlu fir-reġistru tal-bhejjem kif imsemmi fl-Artikolu 76 ta' dan ir-Regolament, jew, kif xieraq, fir-reġistri dwar il-produzzjoni tal-akkwakultura kif imsemmi fl-Artikolu 79b ta' dan ir-Regolament.

**▼B**

4. F'każ fejn operaturi jittrattaw kemm prodotti mhux organiċi kif ukoll prodotti organiċi u dawn ta' l-aħħar jinħażnu f'faċilitajiet tal-ħażna fejn huma maħżuna wkoll prodotti agrikoli jew prodotti ta' l-għalf oħra:

- (a) il-prodotti organiċi għandhom jinżammu separati mill-prodotti agrikoli u/jew mill-prodotti ta' l-għalf l-oħra;
- (b) għandha tittieħed kull miżura biex tkun żgurata l-identifikazzjoni tal-konsenja u biex ikun evitat taħlit jew skambji ma' prodotti mhux organiċi;

**▼B**

- (c) ikunu ttieħdu, qabel il-ħżin ta' prodotti organiċi, miżuri xierqa ta' tindif li l-effettività tagħhom tkun għet ivverifikata; l-operaturi għandhom jirrekordjaw dawn l-operazzjonijiet.

*KAPITOLU 5**Ir-regoli tal-konverżjoni**Artikolu 36***Il-pjanti u l-prodotti mill-pjanti**

1. Biex il-pjanti u l-prodotti mill-pjanti jkunu kkunsidrati organiċi, ir-regoli tal-produzzjoni kif imsemmija fl-Artikoli 9, 10, 11 u 12 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u l-Kapitolu 1 ta' dan ir-Regolament u meta applikabbli r-regoli straordinarji tal-produzzjoni fil-Kapitolu 6 ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu ġew applikati fuq biċċiet agrikoli matul perjodu ta' konverżjoni ta' mill-inqas sentejn qabel iż-żriġh, jew, fil-każ ta' art miżrugħa bil-ħaxix jew għalf perenni, mill-inqas sentejn qabel l-użu tagħha bħala għalf minn agrikoltura organika, jew, fil-każ ta' għelejjel perenni li mhumiex għalf, mill-inqas tliet snin qabel l-ewwel ħsad ta' prodotti organiċi.

2. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tirrikonoxxi b'mod retroattiv bħala parti mill-perjodu ta' konverżjoni kull perjodu preċedenti li fih:

- (a) il-biċċiet agrikoli kienu s-suġġett ta' miżuri ddefiniti fi programm implimentat skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/99, ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005 jew fi programm uffiċjali ieħor, sakemm il-miżuri kkonċernati jiżguraw li l-prodotti mhux awtorizzati għall-produzzjoni organika ma jkunux intużaw fuq dawk il-biċċiet agrikoli, jew
- (b) il-biċċiet agrikoli kienu żoni naturali jew agrikoli li ma kinux ittrattati bi prodotti mhux awtorizzati għall-produzzjoni organika.

Il-perjodu msemmi fil-punt (b) ta' l-ewwel subparagrafu jista' jkun ikkunsidrat b'mod retroattiv biss meta tkun għet fornita prova sodisfaċenti lill-awtorità kompetenti li tippermettiha tissodisfa ruħa li l-kundizzjonijiet kienu sodisfatti għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin.

3. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi, fxi każijiet, meta l-art tkun għet ikkontaminata bi prodotti mhux awtorizzati għal produzzjoni organika, li testendi l-perjodu ta' konverżjoni lil hinn mill-perjodu msemmi fil-paragrafu 1.

4. Fil-każ ta' biċċiet agrikoli li jkunu diġà ġew ikkonvertiti għal jew kienu fil-proċess ta' konverżjoni għal agrikoltura organika, u li huma trattati bi prodott mhux awtorizzat għal produzzjoni organika, l-Istat Membru jista' jqassar il-perjodu ta' konverżjoni msemmi fil-paragrafu 1 fiż-żewġ każijiet li ġejjin:

- (a) biċċiet agrikoli trattati bi prodott mhux awtorizzat għal produzzjoni organika bħala parti minn miżura obbligatorja għall-kontroll ta' mard jew organiżmi ta' ħsara, mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru;

**▼B**

- (b) biċċiet agrikoli trattati bi prodott mhux awtorizzat għal produzzjoni organika bħala parti minn testijiet xjentifiċi approvati mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru.

Fil-każijiet previsti fil-punti (a) u (b) ta' l-ewwel subparagrafu, it-tul tal-perjodu ta' konverżjoni għandu jkun iffissat b'kont meħud tal-fatturi li ġejjin:

- (a) il-proċess ta' degradazzjoni tal-prodott ikkonċernat għandu jiggarr-antixxi, fl-aħħar tal-perjodu ta' konverżjoni, livell insinifikanti ta' residwi fil-ħamrija u, fil-każ ta' ghelejje perenni, fil-pjanta;
- (b) il-ħsad wara t-trattament ma jistax jinbigħ b'referenza għal metodi ta' produzzjoni organika.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tiegħu li jeħtieġ miżuri obbligatorji.

**▼M2***Artikolu 36a***L-alka**

1. Għal sit għall-qtugħ tal-alka, il-perjodu għall-bidla għandu jkun ta' sitt xhur.
2. Għal unità għat-*tkabbir* tal-alka, il-perjodu għall-bidla għandu jkun jew ta' sitt xhur jew ta' ċiklu wieħed sħiħ tal-produzzjoni, skont liema minnhom ikun l-itwal.

**▼B***Artikolu 37***Regoli speċifiċi ta' konverżjoni għal art assoċjata mat-trobbija ta' bhejjem organiċi**

1. Ir-regoli ta' konverżjoni kif imsemmija fl-Artikolu 36 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għaż-żona kollha ta' l-unità ta' produzzjoni li fiha huwa prodott l-għalf ta' l-*animali*.
2. Minkejja d-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 1, il-perjodu ta' konverżjoni jista' jitnaqqas għal sena għall-*mergħat* u l-*ispazji* fil-beraħ użati minn speċijiet mhux erbivori. Dan il-perjodu jista' jitnaqqas għal sitt xhur meta l-art ikkonċernata ma tkunx irċeviet trattamenti bi prodotti mhux awtorizzati għall-produzzjoni organika matul is-sena preċedenti.



▼ **B***Artikolu 38***Il-bhejjem u l-prodotti mill-bhejjem**

1. Meta bhejjem mhux organiċi jkunu nġiebu f'azjenda skond l-Artikolu 14(1)(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u l-Artikolu 9 u/jew l-Artikolu 42 ta' dan ir-Regolament u jekk il-prodotti mill-bhejjem se jinbiegħu bħala prodotti organiċi, ir-regoli ta' produzzjoni kif imsemmija fl-Artikoli 9, 10, 11 u 14 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II u meta applikabbli fl-Artikolu 42 ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu ilhom applikati għal mill-inqas:

- (a) 12-il xahar fil-każ ta' ekwidi u bovini, li jinkludu l-ispeċi tal-*bobalus* u tal-biżonte, għall-produzzjoni tal-laħam, u f'kull każ għal mill-inqas tliet kwarti minn ħajjthom;
- (b) sitt xhur fil-każ ta' annimali zġhar li jixtarru u majjali u annimali għall-produzzjoni tal-ħalib;
- (c) 10 ġimġhat għal tjur għall-produzzjoni tal-laħam, li jkunu ddaħħlu qabel ma kellhom tlett ijiem;
- (d) sitt ġimġhat fil-każ ta' tjur għall-produzzjoni tal-bajd.

2. Meta jkun hemm bhejjem mhux organiċi f'azjenda fil-bidu tal-perjodu ta' konverżjoni skond l-Artikolu 14(1)(a)(iii) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 il-prodotti tagħhom jistgħu jitqiesu organiċi jekk ikun hemm konverżjoni simultanja ta' l-unità ta' produzzjoni kompleta, li tkun tinkludi l-bhejjem, il-mergħat u/jew kwalunkwe art użata għall-għalf għall-annimali. Il-perjodu ta' konverżjoni totali kkumbinat kemm għall-annimali eżistenti u l-frieħ tagħhom, kif ukoll għall-mergħat u/jew kwalunkwe art użata għall-għalf għall-annimali, jista' jitnaqqas għal 24 xahar, jekk l-annimali jkunu magħlufa l-iktar bi prodotti mill-unità ta' produzzjoni.

3. Prodotti għat-trobbija tan-naħal jistgħu jinbiegħu b'referenzi għall-metodu ta' produzzjoni organika biss meta jkun hemm konformità mar-regoli ta' produzzjoni organika għal mill-inqas sena.

4. Il-perjodu ta' konverżjoni għall-imġiebaħ ma japplikax fil-każ ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9(5) ta' dan ir-Regolament.

5. Matul il-perjodu ta' konverżjoni ix-xama' għandu jkun sostitwit b'xama' li jkun ġej minn trobbija tan-naħal organika.

▼ **M2***Artikolu 38a***Il-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura**

1. Għat-tipi ta' faċilitajiet tal-akkwakultura li ġejjin, inklużi l-annimali tal-akkwakultura li diġà jeżistu, għandhom japplikaw il-perjodi għall-bidla li ġejjin għall-unitajiet tal-produzzjoni tal-akkwakultura:

- (a) perjodu għall-bidla ta' 24 xahar għall-faċilitajiet li ma jistgħux jitbattlu mill-ilma, jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati;
- (b) perjodu għall-bidla ta' 12-il xahar għall-faċilitajiet li tbattlu mill-ilma jew li sserrħu;

**▼M2**

- (c) perjodu għall-bidla ta' sitt xhur għall-faċilitajiet li tbatlu mill-ilma, li tnaddfu u li ġew iddiżinfettati;
- (d) perjodu għall-bidla ta' tliet xhur għall-faċilitajiet li jkunu fl-ilma baħar, inklużi dawk li jkunu qed ikabbru l-molluski bivalvi.

2. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tagħraf bħala parti mill-perjodu għall-bidla, b'mod retroattiv, kwalunkwe perjodu li jkun iddokumentat qabel li fih il-faċilitajiet ma jkunux ġew ittrattati jew esposti għal prodotti li ma jkunux awtorizzati għall-produzzjoni organika.

**▼B***KAPITOLU 6****Regoli straordinarji tal-produzzjoni***

## Taqsim a 1

**Regoli straordinarji tal-produzzjoni relatati mal limitazzjonijiet klimatiċi, ġeografiċi jew strutturali skond l-Artikolu 22(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007***Artikolu 39***L-irbit ta' l-animali**

Meta jkunu japplikaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(2)-(a) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw li l-bhejjem f'azjendi żgħar ikunu marbuta jekk ma jkunx possibbli li l-bhejjem jinżammu fi gruppi adattati għall-ħtiġiet ta' mġieba tagħhom, dejjem jekk dawn ikollhom aċċess għall-mergħat matul il-perjodu ta' l-irmigh skond l-Artikolu 14(2), u għall-inqas darbejn f'ġimgħa aċċess għal spazji fil-beraħ meta l-irmigh ma jkunx possibbli.

*Artikolu 40***Il-produzzjoni parallela**

1. Meta jkunu japplikaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(2)-(a) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, produttur jista' jġesti unitajiet ta' produzzjoni organika kif ukoll mhux organika fl-istess żona:

- (a) fil-każ tal-produzzjoni ta' għelejjel perenni, li jeħtieġu perjodu ta' kultivazzjoni ta' mill-inqas tliet snin, meta l-varjetajiet ma jistgħux ikunu faċilment iddifferenzjati, sakemm ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (i) il-produzzjoni in kwistjoni tiffirma parti minn pjan ta' konverżjoni li fir-rigward tiegħu il-produttur jagħti impenn sod u l-produzzjoni tippovdi għall-bidu tal-konverżjoni ta' l-aħħar parti taż-żona kkonċernata għal produzzjoni organika fl-iqsar perjodu possibbli li ma jista' febda każ jaqbeż massimu ta' ħames snin;

**▼B**

- (ii) ikunu ttieħdu miżuri adattati biex tkun żgurata s-separazzjoni permanenti tal-prodotti miksuba minn kull unità kkonċernata;
- (iii) l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ikunu nnotifikati bil-ħsad ta' kull wieħed mill-prodotti kkonċernati mill-inqas 48 siegħa bil-quddiem;
- (iv) meta jitlesta l-ħsad, il-produttur iġharraf lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll bil-kwantitajiet eżatti maħsuda fl-unitajiet ikkonċernati u bil-miżuri applikati biex ikunu sseparati l-prodotti;
- (v) il-pjan ta' konverżjoni u l-miżuri ta' kontroll imsemmija fil-Kapitolu 1 u 2 tat-Titolu IV jkunu ġew approvati mill-awtorità kompetenti; din l-approvazzjoni għandha tkun ikkonfermata kull sena wara l-bidu tal-pjan ta' konverżjoni;
- (b) fil-każ ta' żoni maħsuba għal riċerka jew edukazzjoni formali agrikola miftiehma mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u dejjem jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a)-(ii)(iii)(iv) u fil-parti rilevanti tal-punt (v);
- (c) fil-każ tal-produzzjoni taż-żerriegħa, materjal veġetattiv ta' riproduzzjoni u trapjanti u dejjem jekk ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a)(ii)(iii)(iv) u fil-parti rilevanti tal-punt (v);
- (d) fil-każ ta' art miżrugħa bil-ħaxix użata esklużzivament bħala mergħa.

2. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza lil azjendi li jwettqu riċerka agrikola jew edukazzjoni formali biex irabbu bhejjem organiċi u mhux organiċi ta' l-istess speċi, meta jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ikunu ttieħdu miżuri adattati, avżati bil-quddiem lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll, biex tkun garantita s-separazzjoni permanenti bejn il-bhejjem, il-prodotti mill-bhejjem, id-demel u l-prodotti ta' l-għalf ta' kull waħda mill-unitajiet;
- (b) il-produttur jinforma lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll bil-quddiem b'kull konsenja jew bejgħ tal-bhejjem jew tal-prodotti mill-bhejjem;
- (c) l-operatur jgħarraf lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll bil-kwantitajiet eżatti prodotti fl-unitajiet flimkien mal-karatteristiċi kollha li jippermettu l-identifikazzjoni tal-prodotti u jikkonferma li l-miżuri meħuda biex il-prodotti jkunu separati jkunu ġew applikati.

*Artikolu 41***Il-ġestjoni ta' unitajiet għat-trobbija tan-naħal bl-iskop tad-dakkir**

Meta jkunu japplikaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(2)-(a) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, bl-iskop ta' azzjonijiet tad-dakkir, operatur jista' jġesti unitajiet għat-trobbija tan-naħal organiċi u mhux organiċi fl-istess azjenda, dejjem jekk ikunu sodisfatti r-rekwiżiti kollha tar-regoli ta' produzzjoni organika, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-għażla tas-sit ta' l-imġiebaħ. F'dak il-każ il-prodott ma jistax jinbiegħ bħala organiku.

**▼B**

L-operatur għandu jżomm evidenza dokumentarja ta' l-użu ta' din id-dispożizzjoni.

## Taqsim 2

**Regoli straordinarji ta' produzzjoni relatati man-nuqqas ta' disponibbiltà tad-dħul organiku agrikolu skond l-Artikolu 22(2)(b) tar-Regolament (ke) nru 834/2007**

*Artikolu 42***L-użu ta' animali mhux organiċi**

Meta japplikaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, u b'awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti,

- (a) meta merħla tkun ikkostitwita għall-ewwel darba, tkun imġedda jew ikkostitwita mill-ġdid u tjur imkabbra b'mod organiku ma jkunux disponibbli f'għadd suffiċjenti, jistgħu jiddaħħlu tjur imkabbra b'mod mhux organiku f'unità tat-tjur ta' produzzjoni organika, sakemm l-għattuq għall-produzzjoni ta' bajd u tjur għall-produzzjoni tal-laħam ikollu inqas minn tliet ijiem.
- (b) għattuq, imkabbar b'mod mhux organiku, għall-produzzjoni tal-bajd, ta' mhux iktar minn 18-il ġimgħa jista' jiddaħħal f'unità ta' bhejjem organiċi sal- ► **M14** 31 ta' Diċembru 2017 ◀, meta ma jkunux disponibbli għattuq imkabbar b'mod organiku, u dejjem jekk ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fit-Taqsimiet 3 u 4 tal-Kapitolu 2.

**▼M8***Artikolu 43*

**L-użu ta' għalf mhux organiku tal-proteini li joriġina mill-pjanti u mill-animali għall-bhejjem**

Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(2)(b) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 ikunu japplikaw u meta l-bdiewa ma jkunux jistgħu jakkwistaw għalf tal-proteini li jkun ġej biss mill-produzzjoni organika, jista' jintuża proporzjon limitat ta' għalf mhux organiku tal-proteini għall-ispeċi tal-ħnieżer u tat-tjur.

**▼M14**

Il-perċentwal massimu ta' għalf mhux organiku tal-proteini awtorizzat għal kull perjodu ta' 12-il xahar għal daww l-ispeċi għandu jkun ta' 5 % għas-sinjuri 2015, 2016 u 2017.

**▼M8**

Iċ-ċifri għandhom jiġu kkalkulati kull sena bħala perċentwal tal-materja niexfa tal-għalf mill-agrikoltura.

L-operatur għandu jżomm evidenza dokumentata tal-ħtieġa li tintuża din id-dispożizzjoni.



*Artikolu 44*

**L-użu ta' xama' tan-naħal mhux organiku**

Fil-każ ta' installazzjonijiet ġodda jew matul il-perjodu ta' konverżjoni, xama' tan-naħal mhux organiku jista' jintuża biss

- (a) meta x-xama' tan-naħal minn trobbija organika tan-naħal ma jkunx disponibbli fis-suq;
- (b) meta jkun ippruvat ħieles minn kontaminazzjoni minn sustanzi mhux awtorizzati għall-produzzjoni organika u
- (c) dejjem jekk ikun ġej mill-PAK (il-politika agrikola komuni).

*Artikolu 45*

**L-użu ta' żerriegħa jew materjal veġetattiv ta' riproduzzjoni mhux miksub mill-metodu ta' produzzjoni organika**

1. Meta jkunu japplikaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 22(2)-(b) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007,

- (a) jistgħu jintużaw żerriegħa u materjal veġetattiv ta' riproduzzjoni minn unità ta' produzzjoni f'konverżjoni għall-biedja organika,
- (b) meta ma jkunx japplika l-punt (a), Stati Membri jistgħu jawtorizzaw l-użu ta' żerriegħa mhux organika jew ta' materjal veġetattiv ta' riproduzzjoni jekk ma jkunux disponibbli mill-produzzjoni organika. Madankollu, għall-użu ta' żerriegħa u patata taż-żriġħ mhux organiċi japplikaw il-paragrafi (2) sa (9) li ġejjin.

2. Iż-żerriegħa jew il-patata taż-żriġħ mhux organiċi jistgħu jintużaw dejjem jekk iż-żerriegħa jew il-patata taż-żriġħ ma jkunux ittrattati bi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, minbarra dawk awtorizzati għat-trattament taż-żerriegħa skond l-Artikolu 5(1), dejjem jekk ma jkunx preskritt trattament kimiku skond id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE <sup>(1)</sup> għal skopijiet fitosanitarji mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għall-varjetajiet kollha ta' speċi partikolari fiż-żona fejn ikunu ser jintużaw iż-żerriegħa jew il-patata taż-żriġħ.

3. Speċijiet li għalihom ikun stabbilit li żerriegħa jew patata taż-żriġħ huma disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti, u għal għadd sinifikanti ta' varjetajiet fil-partijiet kollha tal-Komunità, huma stabbiliti fl-Anness X.

L-ispeċijiet elenkati fl-Anness X ma jistgħux ikunu soġġetti għal awtorizzazzjonijiet skond il-paragrafu 1(b), sakemm dawn ma jkunux iġġustifikati b'wieħed mill-iskopijiet imsemmija fil-paragrafu 5(d).

4. Stati Membri jistgħu jiddelegaw ir-responsabbiltà biex tingħata l-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1(b) lil amministrazzjoni pubblika oħra taħt is-superviżjoni tagħhom jew lill-awtoritajiet ta' kontroll jew lill-korpi ta' kontroll imsemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

<sup>(1)</sup> ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.

**▼B**

5. L-awtorizzazzjoni biex jintużaw iż-żerriegħa jew il-patata taż-żriġħ mhux miksuba mill-metodu ta' produzzjoni organika tista' tingħata biss fil-każijiet li ġejjin:

- (a) meta ebda varjetà ta' l-ispeċi li l-utent jixtieq jottjeni ma tkun irreġistrata fid-database imsemmija fl-Artikolu 48;
- (b) meta ebda fornitur, li jfisser operatur li jqiegħed fis-suq żerriegħa jew il-patata taż-żriġħ, ma jkun jista' jikkonsenja ż-żerriegħa jew il-patata taż-żriġħ qabel iż-żriġħ jew it-tħawwil f'sitwazzjonijiet fejn l-utent ikun ordna ż-żerriegħa jew il-patata taż-żriġħ fi żmien raġonevoli;
- (c) meta l-varjetà li l-utent irid jottjeni ma tkunx irreġistrata fid-database imsemmija fl-Artikolu 48, u l-utent ikun jista' juri li ebda waħda mill-alternattivi rreġistrati ta' l-istess speċi ma hi adattata u li l-awtorizzazzjoni għaldaqstant hija sinifikanti għall-produzzjoni tiegħu;
- (d) meta tkun iġġustifikata għal użu fir-riċerka, f'test ta' provi fuq skala żgħira fuq il-post jew għal skopijiet ta' konservazzjoni tal-varjetà miftiehma mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru.

6. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata qabel ma jinżergħu l-għelejjel.

7. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata biss lil utenti individwali għal staġun wieħed kull darba u l-awtorità jew il-korp responsabbli għall-awtorizzazzjonijiet għandhom jirreġistraw il-kwantitajiet ta' żerriegħa jew patata taż-żriġħ awtorizzati.

8. B'deroga mill-paragrafu 7, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membri tista' tagħti awtorizzazzjoni ġenerali lill-utenti kollha:

- (a) għal speċi partikolari meta u sa fejn tkun sodisfatta l-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 5(a);
- (b) għal varjetà partikolari meta u sa fejn ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5(c).

L-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom ikunu indikati b'mod ċar fid-database imsemmija fl-Artikolu 48.

9. L-awtorizzazzjoni tista' tingħata biss f'perjodi li għalihom id-database tkun aġġornata skond l-Artikolu 49(3).

### Taqsimha 3

#### **Regoli straordinarji ta' produzzjoni relatati ma' problemi speċifiċi tal-ġestjoni tal-bhejjem organiċi skond l-Artikolu 22(2)(d) tar-Regolament (ke) nru 834/2007**

#### *Artikolu 46*

##### **Problemi speċifiċi tal-ġestjoni tal-bhejjem organiċi**

Il-fażi finali ta' tismin ta' bovini adulti għall-produzzjoni tal-laħam tista' sseħħ fl-istalla, sakemm dan il-perjodu fl-istalla ma jkunx jaqbeż kwint minn ħajjithom u f'kull każ għal perjodu massimu ta' tliet xhur.

▼ M1

## S-Sezzjoni 3a

**Eċċezzjonijiet tar-regoli ta' produzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu ta' prodotti u ta' sustanzi speċifiċi fl-ipproċessar skond l-Artikolu 22(2)(e) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007**

*Artikolu 46a***Iż-żieda ta' estratt tal-ħmira li mhux organiku**

Fejn japplikaw il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 22(2)(e) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, hija permessa ż-żieda ta' estratt jew ta' awtolizāt (“*autolysate*”) tal-ħmira li mhumiex organiċi sa 5 % mas-substrat (ikkalkulat bil-materja niexfa) għall-produzzjoni tal-ħmira organika, fejn l-operaturi ma jkunux jistgħu jiksbu estratt jew awtolizāt tal-ħmira mill-produzzjoni organika.

Id-disponibbiltà tal-estratt jew tal-awtolizāt tal-ħmira organika se terġa' tkun eżaminata sal-31 ta' Diċembru 2013 bil-ħsieb li din id-dispożizzjoni tiġi rtirata.

▼ B

## Taqsim 4

**Regoli straordinarji ta' produzzjoni relatati ma' ċirkustanzi katastrofiċi skond l-Artikolu 22(2)(f) tar-Regolament (ke) nru 834/2007**

*Artikolu 47***Ċirkustanzi katastrofiċi**

L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza fuq bażi temporanja:

- (a) fil-każ ta' rata għolja ta' mwiet ta' annimali kkawżata minn ċirkustanzi tas-saħħa jew katastrofiċi, it-tiġdid jew il-kostituzzjoni mill-ġdid tal-merħla b'annimali mhux organiċi, meta annimali mkabbra b'mod organiku ma jkunux disponibbli;
- (b) fil-każ ta' rata għolja ta' mwiet ta' naħal ikkawżata minn ċirkustanzi tas-saħħa jew katastrofiċi, il-kostituzzjoni mill-ġdid ta' l-imġiebaħ b'naħal mhux organiku, meta ma jkunux disponibbli mġiebaħ organiċi;
- (c) l-użu ta' prodotti ta' l-għalf mhux organiċi għal perjodu limitat u fir-rigward ta' żona speċifika minn operaturi individwali, meta tintilef il-produzzjoni ta' l-għalf jew meta jkunu imposti restrizzjonijiet, b'mod partikolari b'riżultat ta' kundizzjonijiet metereoloġiċi straordinarji, it-tfaqqigħ ta' mard infettiv, il-kontaminazzjoni b'sustanzi tossiċi, jew b'konsegwenza ta' nirien;
- (d) li n-naħal ikunu mitmugħa b'għasel organiku, zokkor organiku jew ġulepp taz-zokkor organiku fil-każ ta' kundizzjonijiet straordinarji tat-temp jew ċirkustanzi katastrofiċi fit-tul, li jostakolaw il-produzzjoni tan-nektar jew tal-honeydew;

**▼M7**

- (e) l-użu tad-dijossidu tal-kubrit sal-kontenut massimu li għandu jiġi ffixsat skont l-Anness I B għar-Regolament (KE) Nru 606/2009, jekk il-kundizzjonijiet eċċezzjonali tal-klima ta' sena ta' hsađ partikolari jiddeterjoraw il-qagħda sanitarja tal-għeneb organiku f'żona ġeografika speċifika minħabba attacki severi tal-batterja jew tal-fungi, li jobbligaw lill-produttur tal-inbid jużaw iktar dijossidu tal-kubrit milli fi snin preċedenti sabiex jikseb prodott finali komparabbli.

Wara approvazzjoni mill-awtorità kompetenti, l-operaturi individwali għandhom iżommu evidenza dokumentarja tal-użu tal-eċċezzjonijiet ta' hawn fuq. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-Kummissjoni bl-eċċezzjonijiet li jkunu taw taħt il-punti (c) u (e) tal-ewwel paragrafu.

**▼B***KAPITOLU 7****Database taż-żrieragħ****Artikolu 48***Id-database**

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li tkun stabbilita database kompjuterizzata biex ikunu elenkati l-varjetajiet li tagħhom żerriegħa jew patata taż-żriġh miksuba mill-metodu ta' produzzjoni organika jkunu disponibbli fit-territorju tiegħu.
2. Id-database għandha tkun ġestita jew mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru jew minn awtorità jew korp maħsuba għal dan l-iskop mill-Istat Membru, minn hawn 'il quddiem magħruf bħala "l-ġestitur tad-database". L-Istati Membri jistgħu jaħtru wkoll awtorità jew korp privat fpajjiz ieħor.
3. Kull Stat Membru għandu jgħarraf lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-awtorità jew bil-korp privat maħtura biex jiġġestixxu d-database.

*Artikolu 49***Ir-reġistrazzjoni**

1. Il-varjetajiet li għalihom huma disponibbli żerriegħa jew patata taż-żriġh prodotti mill-metodu ta' produzzjoni organika għandhom ikunu rreġistrati fid-database imsemmija fl-Artikolu 48 fuq it-talba tal-fornitur.
2. Kwalunkwe varjetà li ma tkunx ġiet irreġistrata fid-database għandha tkun ikkunsidrata bħala mhux disponibbli fir-rigward ta' l-Artikolu 45(5).
3. Kull Stat Membru għandu jiddeċiedi f'liema perjodu tas-sena d-database għandha tkun aġġornata regolarment għal kull speċi jew grupp ta' speċijiet ikkoltivati fit-territorju tiegħu. Id-database għandu jkollha informazzjoni fir-rigward ta' dik id-deċiżjoni.

*Artikolu 50***Il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni**

1. Għar-reġistrazzjoni, il-fornitur għandu:
  - (a) juri li hu jew l-aħħar operatur, f'każijiet fejn il-fornitur qiegħed jittratta biss żerriegħa jew patata taż-żriġh ppakkjati minn qabel, kienu soġġetti għas-sistema ta' kontroll imsemmija fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;



**▼B**

- (b) juri li ż-żerriegħa jew il-patata taż-żrigħ li għandhom jitqiegħdu fis-suq jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali applikabbli għaż-żerriegħa u għall-patata taż-żrigħ;
- (c) iqiegħed għad-dispożizzjoni t-tagħrif kollu meħtieġ skond l-Artikolu 51 ta' dan ir-Regolament, u jieħu fuqu l-inkarigu li jaġġorna dan it-tagħrif fuq it-talba tal-ġestitur tad-database jew kull meta dan l-aġġornament ikun neċessarju biex ikun żgurat li t-tagħrif jibqa' ta' min joqgħod fuqu.

2. Il-ġestitur tad-database jista', bl-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, jirrifjuta applikazzjoni ta' fornitur għal reġistrazzjoni jew iħassar reġistrazzjoni aċċettata preċedentement jekk il-fornitur ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1.

*Artikolu 51***It-tagħrif irreġistrat**

1. Għal kull varjetà rreġistrata u għal kull fornitur, id-database msemmija fl-Artikolu 48 għandha tinkludi mill-inqas it-tagħrif li ġej:

- (a) l-isem xjentifiku ta' l-ispeċi u d-denominazzjoni tal-varjetà;
- (b) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur jew tar-rappreżentant tiegħu;
- (c) iż-żona fejn il-fornitur jista' jwassal iż-żerriegħa jew il-patata taż-żrigħ lill-utent fiż-żmien tas-soltu meħtieġ għall-konsenja;
- (d) il-pajjiż jew ir-reġjun li fih hija ttestjata u approvata l-varjetà bl-iskop tal-katalgi komuni ta' varjetajiet ta' speċi agrikoli tal-pjanti u tal-ħaxix kif iddefinit fid-Direttivi tal-Kunsill 2002/53/KE dwar il-katalgu komuni ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli <sup>(1)</sup> u 2002/55/KE dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex <sup>(2)</sup>;
- (e) id-data li minnha jkunu disponibbli ż-żerriegħa jew il-patata taż-żrigħ;
- (f) l-isem u/jew in-numru tal-kodiċi ta' l-awtorità ta' kontroll jew tal-korp ta' kontroll inkarigati mill-kontroll ta' l-operatur kif imsemmi fl-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

2. Il-fornitur għandu jinforma minnufih lill-ġestitur tad-database jekk xi waħda mill-varjetajiet irreġistrati ma tkunx għadha disponibbli. L-emendi għandhom ikunu rreġistrati fid-database.

3. Minbarra l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafu 1, id-database għandha tinkludi lista ta' l-ispeċijiet elenkati fl-Anness X.

*Artikolu 52***Aċċess għall-informazzjoni**

1. L-informazzjoni fid-database msemmija fl-Artikolu 48 għandha tkun disponibbli permezz ta' l-Internet, mingħajr ħlas, għall-utenti taż-żerriegħa jew tal-patata taż-żrigħ u għall-pubbliku. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li kull utent li jkun avża l-attività tiegħu skond l-Artikolu 28(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jista' jikseb, fuq talba, estratt ta' data li jikkonċerna grupp wieħed jew diversi gruppi ta' speċi mill-ġestitur tad-database.

<sup>(1)</sup> ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33.

**▼B**

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti kollha msemmija fil-paragrafu 1 ikunu infurmati, mill-inqas darba f'sena, dwar is-sistema u dwar kif jiksbu l-informazzjoni mid-database.

*Artikolu 53***Il-ħlas tar-reġistrazzjoni**

Kull reġistrazzjoni tista' tkun soġġetta għall-imposta ta' ħlas, li għandha tirrappreżenta l-ispiża biex l-informazzjoni tiddaħħal u tinżamm fid-database imsemmija fl-Artikolu 48. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandha tapprova l-ammont tal-ħlas mitlub mill-ġestitur tad-database.

*Artikolu 54***Ir-rapport annwali**

1. L-awtoritajiet jew il-korpi maħtura biex jagħtu awtorizzazzjonijiet skond l-Artikolu 45 għandhom jirreġistraw l-awtorizzazzjonijiet kollha, u għandhom iqiegħdu dan it-tagħrif għad-dispożizzjoni f'rapport lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru u lill-ġestitur tad-database.

Ir-rapport għandu jinkludi, għal kull speċi kkonċernata minn awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 45(5), it-tagħrif li ġej:

- (a) l-isem xjentifiku ta' l-ispeċi u d-denominazzjoni tal-varjetà;
- (b) il-ġustifikazzjoni għall-awtorizzazzjoni indikata b'referenza għall-Artikolu 45(5)(a), (b), (c) jew (d);
- (c) l-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet;
- (d) il-kwantità totali ta' żerriegħa jew ta' patata taż-żriġ involuta;
- (e) it-trattament kimiku għal skopijiet fitosanitarji, kif imsemmi fl-Artikolu 45(2).

2. Għal awtorizzazzjonijiet skond l-Artikolu 45(8), ir-rapport għandu jinkludi t-tagħrif imsemmi fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-perjodu li għalih kienu fis-seħħ l-awtorizzazzjonijiet.

*Artikolu 55***Rapport fil-qosor**

L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru għandha, qabel il-31 ta' Marzu kull sena, tiġbor ir-rapporti u tibgħat rapport fil-qosor li jkopri l-awtorizzazzjonijiet kollha ta' l-Istat Membru mis-sena kalendarja preċedenti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. Ir-rapport għandu jkopri t-tagħrif speċifikat fl-Artikolu 54. L-informazzjoni għandha tkun ippublikata fid-database imsemmi fl-Artikolu 48. L-awtorità kompetenti tista' tiddelega l-kompitu tal-ġbir tar-rapporti lill-ġestitur tad-database.

*Artikolu 56***Informazzjoni fuq talba**

Fuq talba minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni, informazzjoni dettaljata dwar l-awtorizzazzjonijiet mogħtija f'każijiet individwali għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-Istati Membri l-oħra jew tal-Kummissjoni.

**▼ B**

## TITOLU III

**It-tikkettar***KAPITOLU I***▼ M3*****Il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea****Artikolu 57***Il-logo organiku tal-UE**

Skont l-Artikolu 25(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem "Il-logo organiku tal-UE") għandu jsegwi l-mudell stabbilit fil-Parti A tal-Anness XI għal dan ir-Regolament.

**▼ M4**

Għall-finijiet tat-tikkettar, il-logo organiku tal-UE għandu jintuża biss jekk il-prodott ikkonċernat isir skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 <sup>(1)</sup> u ta' dan ir-Regolament, mill-operaturi li jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-sistema ta' kontroll imsemmija fl-Artikoli 27, 28, 29, 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

**▼ B***Artikolu 58***Kundizzjonijiet għall-użu tan-numru tal-kodiċi u tal-post ta' l-oriġini**

1. L-indikazzjoni tan-numru tal-kodiċi ta' l-awtorità ta' kontroll jew tal-korp ta' kontroll imsemmi fl-Artikolu 24(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 għandha,

(a) tibda b'akronimu li jidentifika lill-Istat Membru jew lill-pajjiż terz, kif imsemmi fl-istandard internazzjonali għall-kodiċijiet ta' żewġ ittri tal-pajjiżi taħt l-ISO 3166 (*Kodiċijiet għar-rappreżentazzjoni ta' l-ismijiet tal-pajjiżi u s-suddiviżjonijiet tagħhom*);

**▼ M3**

(b) jinkludi terminu li jistabilixxi rabta bejn il-metodu tal-produzzjoni organika, kif imsemmi fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 skont il-Parti B (2) tal-Anness XI għal dan ir-Regolament;

(c) jinkludi numru ta' referenza li jrid jiġi deċiż mill-Kummissjoni jew mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skont il-Parti B (3) tal-Anness XI għal dan ir-Regolament; u

(d) jitpoġġa fl-istess kamp viżiv tal-logo organiku tal-UE, meta l-logo organiku tal-UE jintuża fit-tikkettar.

**▼ B**

2. L-indikazzjoni tal-post fejn tkabbru l-materjali agrikoli mhux ipproċessati li minnhom ikunu magħmula l-prodotti, kif imsemmi fl-Artikolu 24(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 għandha titqiegħed minnufih taħt in-numru tal-kodiċi msemmi fil-paragrafu 1.

<sup>(1)</sup> ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25.

▼ **B***KAPITOLU 2**Rekwiżiti speċifiċi tat-tikkettar għall-għalf*▼ **M8***Artikolu 59***L-ambitu, l-użu tal-marki kummerċjali u d-deskrizzjonijiet tal-bejgħ**

Dan il-Kapitolu ma għandux japplika għall-ikel tal-annimali domestiċi u għall-għalf tal-annimali bil-pil.

Il-marki kummerċjali u d-deskrizzjonijiet tal-bejgħ li jkollhom indikazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jistgħu jintużaw biss jekk l-ingredjenti kollha li joriġinaw mill-pjanti jew mill-annimali jkunu ġejjin mill-metodu ta' produzzjoni organika u jekk mill-inqas 95 % tal-materja niexfa tal-prodott tkun magħmula mit-tali ingredjenti.

*Artikolu 60***Indikazzjonijiet dwar l-għalf ipproċessat**

1. It-termini msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u l-logo organiku tal-UE jistgħu jintużaw fuq l-għalf ipproċessat dejjem jekk jitħarsu r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

- (a) jekk l-għalf ipproċessat ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u b'mod partikolari mal-Artikolu 14(1)(d)(iv) u (v) għall-bhejtem jew mal-Artikolu 15(1)(d) għall-annimali tal-akkwakultura u mal-Artikolu 18 tiegħu;
- (b) jekk l-għalf ipproċessat ikun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u b'mod partikolari mal-Artikoli 22 u 26 tiegħu;
- (c) jekk l-ingredjenti kollha li joriġinaw mill-pjanti jew mill-annimali li jinsabu fl-għalf ipproċessat ikunu ġejjin mill-metodu ta' produzzjoni organika;
- (d) jekk mill-inqas 95 % tal-materja niexfa tal-prodott tkun magħmula minn prodotti agrikulturali organiċi.

2. Id-dikjarazzjoni li ġejja, suġġetta għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1, hija permessa fil-każ ta' prodotti li jinkludu kwantitajiet varjabbli ta' materjali tal-għalf mill-metodu ta' produzzjoni organika u/jew materjali tal-għalf minn prodotti f'konverżjoni għall-agrikultura organika u/jew prodotti kif imsemmi fl-Artikolu 22 ta' dan ir-Regolament:

“jistgħu jintużaw fil-produzzjoni organika skont ir-Regolamenti (KE) Nru 834/2007 u (KE) Nru 889/2008”.

▼ **B***Artikolu 61***Kundizzjonijiet għall-użu ta' indikazzjonijiet dwar l-għalf ipproċessat**

1. L-indikazzjoni prevista fl-Artikolu 60:

**▼B**

- (a) għandha tkun separata mill-kliem imsemmi fl-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE <sup>(1)</sup> jew fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/25/KE <sup>(2)</sup>;
- (b) għandha tkun ippreżentata bil-kulur, f'format jew fonti ta' karattri li ma jiġbidx iżjed attenzjoni lejha milli għad-deskrizzjoni jew l-isem tal-prodott ta' l-għalf ta' l-annimali msemmi fl-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 79/373/KEE jew fl-Artikolu 5(1)(b) tad-Direttiva 96/25/KE rispettivament;
- (c) għandu jkollha magħha, fl-istess qasam viżiv, indikazzjoni skond il-piż tal-kontenut niexef li tirreferi:
  - (i) għall-perċentwali ta' materjal(i) ta' l-għalf mill-metodu ta' produzzjoni organika;
  - (ii) għall-perċentwali ta' materjal(i) ta' l-għalf minn prodotti f'konverżjoni għall-agrikoltura organika;
  - (iii) għall-perċentwali ta' materjal(i) ta' l-għalf mhux kopert(i) mill-punti (i) u (ii);
  - (iv) għall-perċentwali totali ta' għalf ta' l-annimali ta' oriġini agrikola;
- (d) għandu jkollha magħha lista ta' ismijiet ta' materjali ta' l-għalf mill-metodu ta' produzzjoni organika;
- (e) għandu jkollha magħha lista ta' ismijiet ta' materjali ta' l-għalf minn prodotti f'konverżjoni għall-produzzjoni organika.

2. L-indikazzjoni prevista fl-Artikolu 60 jista' wkoll ikollha magħha referenza għar-rekwiżit li jintużaw il-prodotti ta' l-għalf skond l-Artikoli 21 u 22.

*KAPITOLU 3****Rekwiżiti speċifiċi oħra tat-tikkettar****Artikolu 62***Prodotti f'konverżjoni ta' oriġini mill-pjanti**

Prodotti f'konverżjoni ta' oriġini mill-pjanti jista' jkollhom l-indikazzjoni “prodott taħt konverżjoni għall-agrikoltura organika” sakemm:

- (a) ikun hemm konformità ma' perjodu ta' konverżjoni ta' mill-inqas 12-il xahar qabel il-ħsad;
- (b) l-indikazzjoni tidher b'kulur, daqs u stil ta' ittri li mhumiex iktar prominenti mid-deskrizzjoni tal-bejgħ tal-prodott, l-indikazzjoni intiera għandu jkollha ittri ta' l-istess daqs;
- (c) il-prodott jinkludi biss ingredjent wieħed ta' għelejjel ta' oriġini agrikola;
- (d) l-indikazzjoni tkun marbuta man-numru tal-kodiċi tal-korp ta' kontroll jew ta' l-awtorità ta' kontroll kif imsemmi fl-Artikolu 27(10) tar-Regolament Nru 834/2007.

<sup>(1)</sup> ĠU L 86, 6.4.1979, p. 30.

<sup>(2)</sup> ĠU L 125, 23.5.1996, p. 35.

**▼B**

## TITOLU IV

## IL-KONTROLLI

## KAPITOLU 1

**Rekwiżiti minimi ta' kontroll***Artikolu 63***L-arranġamenti ta' kontroll u l-impenn mill-operatur**

1. Meta l-arranġamenti ta' kontroll huma implimentati għall-ewwel darba, l-operatur għandu jfassal u sussegwentement iżomm:

- (a) deskrizzjoni shiġha ta' l-unità u/jew tal-post u/jew ta' l-attività;
- (b) il-miżuri prattiċi kollha li għandhom jittieħdu fil-livell ta' l-unità u/jew tal-post u/jew ta' l-attività biex tkun żgurata konformità mar-regoli ta' produzzjoni organika;
- (c) il-miżuri ta' prekawzjoni li għandhom jittieħdu sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' kontaminazzjoni minn prodotti jew sustanzi mhux awtorizzati u l-miżuri ta' tindif li għandhom jittieħdu f'postijiet tal-ħażna u tul il-katina kollha ta' produzzjoni ta' l-operatur;

**▼M6**

- (d) il-karatteristiċi speċifiċi tal-metodu tal-produzzjoni użat, meta l-operatur ikun biġsieb u jitolb evidenza dokumentata skont l-Artikolu 68(2).

**▼B**

Meta jkun xieraq, id-deskrizzjoni u l-miżuri previsti fl-ewwel subparagrafu jistgħu ikunu parti minn sistema ta' kwalità kif stabbilita mill-operatur.

2. Id-deskrizzjoni u l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu jinsabu f'dikjarazzjoni, ffirmata mill-operatur responsabbli. Barra minn hekk, din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi impenn mill-operatur:

- (a) li jwettaq l-operazzjonijiet skond ir-regoli ta' produzzjoni organika;
- (b) li jaċċetta, fil-każ ta' ksur jew ta' irregolaritajiet, l-infurzar tal-miżuri tar-regoli ta' produzzjoni organika;
- (c) li jinforma bil-miktub lix-xerrejja tal-prodott sabiex jiżgura li l-indikazzjonijiet li jirreferu għall-metodu ta' produzzjoni organika jitneħħew minn din il-produzzjoni;

**▼M9**

- (d) li jaċċetta, f'każijiet fejn l-operatur u/jew is-subkuntratturi ta' dak l-operatur huma ikkontrollati minn awtoritajiet ta' kontroll jew korpi ta' kontroll differenti skont is-sistema ta' kontroll imwaqqfa mill-Istat Membru kkonċernat, l-iskambju tal-informazzjoni bejn dawk l-awtoritajiet jew korpi;
- (e) li jaċċetta, f'każijiet fejn l-operatur u/jew is-subkuntratturi ta' dak l-operatur jibdlu l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll tagħhom, it-trasmissjoni tal-fajls ta' kontroll tagħhom lill-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll sussegwenti;
- (f) li jaċċetta, f'każijiet fejn l-operatur jirtira mis-sistema ta' kontroll, li jinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti u l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll relevanti;
- (g) li jaċċetta, f'każijiet fejn l-operatur jirtira mis-sistema ta' kontroll, li l-fajl ta' kontroll jinżamm għal perjodu ta' għall-anqas ħames snin;

**▼M9**

- (h) li jaċċetta li jinforma lill-awtorità jew lill-awtoritajiet jew lill-korp jew lill-korpi rilevanti ta' kontroll mingħajr dewmien rigward kwalunkwe irregolarità jew ksur li jaffettwa l-istatus organiku tal-prodott jew prodotti organiku/ċi tiegħu li jkun irċieva mingħand operaturi jew subkuntratturi oħrajn.

**▼B**

Id-dikjarazzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu għandha tkun ivverifikata mill-korp ta' kontroll jew mill-awtorità ta' kontroll li joħorġu rapport li jidentifika n-nuqqasijiet u n-nuqqas ta' konformità possibbli mar-regoli ta' produzzjoni organika. L-operatur għandu jikkontrifirma dan ir-rapport u jieħu l-miżuri neċessarji ta' korrezzjoni.

3. Għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 l-operatur għandu javża lill-awtorità kompetenti bit-tagħrif li ġej:

- (a) L-isem u l-indirizz ta' l-operatur
- (b) Is-sit tal-post u, meta xieraq, tal-biċċiet agrikoli (*data* mir-reġistru ta' l-artijiet) fejn jitwettqu l-operazzjonijiet;
- (c) In-natura ta' l-operazzjonijiet u l-prodotti;
- (d) Impenn mill-operatur li jwettaq l-operazzjoni skond id-dispożizzjoni stabbilita fir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u f'dan ir-Regolament;
- (e) Fil-każ ta' azjenda agrikola, id-data li fiha l-produttur waqaf japplika prodotti mhux awtorizzati għall-produzzjoni organika fil-biċċiet agrikoli kkonċernati;
- (f) L-isem tal-korp approvat li lilu l-operatur ikun ta' l-kontroll ta' l-impriża tiegħu, meta l-Istat Membru jkun implimenta s-sistema ta' kontroll billi japprova dawn il-korpi.

*Artikolu 64***Modifika ta' l-arranġamenti ta' kontroll**

L-operatur responabbli għandu jinnotifika kull bidla fid-deskrizzjoni jew tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 63 u fl-arranġamenti ta' kontroll inizjali stabbiliti fl-Artikoli 70, 74, 80, 82, 86 u 88 lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll fi żmien xieraq.

*Artikolu 65***Iż-żjarat ta' kontroll**

1. L-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll għandhom iwettqu għall-inqas darba f'sena spezzjoni fiżika ta' l-operaturi kollha.

**▼M9**

2. L-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll għandhom jieħdu u janalizzaw kampjuni biex isibu prodotti mhux awtorizzati għall-produzzjoni organika, biex jiċċekkjaw it-tekniki ta' produzzjoni mhux konformi mar-regoli ta' produzzjoni organika jew biex isibu kontaminazzjoni possibbli minn prodotti mhux awtorizzati għall-produzzjoni organika. L-għadd ta' kampjuni li għandhom jittieħdu u jiġu analizzati mill-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll kull sena għandu jikkorrispondi ma' għall-anqas 5 % tal-għadd ta' operaturi taħt il-kontroll tagħhom. L-għażla tal-operaturi mingħand min għandhom jittieħdu l-kampjuni għandha tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni ġenerali tar-riskju tan-nuqqas ta' konformità mar-regoli tal-produzzjoni organika. Din il-valutazzjoni ġenerali għandha tqis l-istadji kollha tal-produzzjoni, it-tħejjija, u d-distribuzzjoni.

**▼M9**

L-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll għandha/u tiegħu/jieħu u tanalizza/janalizza kampjuni f'kull każ fejn ikun hemm suspett li qed isir użu minn prodotti jew tekniki mhux awtorizzati għall-produzzjoni organika. F'tali każijiet ma għandu japplika l-ebda għadd minimu ta' kampjuni li għandhom jittieħdu u jiġu analizzati.

Il-kampjuni jistgħu jittieħdu u jiġu analizzati wkoll mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll fi kwalunkwe każ ieħor għas-sejbien ta' prodotti mhux awtorizzati għall-produzzjoni organika, għall-verifika ta' tekniki tal-produzzjoni li mhumiex konformi mar-regoli tal-produzzjoni organika jew għall-verifika ta' kontaminazzjoni possibbli minn prodotti li mhumiex awtorizzati għall-produzzjoni organika.

**▼B**

3. Għandu jittfassal rapport tal-kontroll wara kull żjara, ikkontrofirmat mill-operatur ta' l-unità jew mir-rappreżentant tiegħu.

4. Barra minn hekk, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll għandhom iwettqu żjarat ta' kontroll każwali, primarjament mhux imħabbra, ibbażati fuq l-evalwazzjoni ġenerali tar-riskju ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' produzzjoni organika, filwaqt li jitqiesu, bħala minimu, r-riżultati ta' kontrolli preċedenti, tal-kwantità ta' prodotti kkonċernati u tar-riskju għall-iskambju ta' prodotti.

*Artikolu 66***Kontijiet iddokumentati**

1. Ir-rekords tal-ħażna u dawk finanzjarji għandhom jinżammu fl-unità jew fuq il-post u għandhom jippermettu lill-operatur jidentifika u lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll jivverifikaw:

- (a) il-fornitur u, meta differenti, il-bejjiegħ, jew l-esportatur tal-prodotti;
- (b) in-natura u l-kwantitajiet ta' prodotti organiċi kkonsenjati lill-unità u, meta rilevanti, il-materjali kollha mixtrija u l-użu ta' dawn il-materjali, u, meta rilevanti, il-kompożizzjoni tal-prodotti ta' l-għalf komposti;
- (c) in-natura u l-kwantitajiet ta' prodotti organiċi li jkunu maħżuna fuq il-post;
- (d) in-natura, il-kwantitajiet u l-kunsinnatarji u, meta differenti, ix-xerrejja, minbarra l-konsumaturi finali, ta' xi prodotti li jkunu ħallew l-unità jew il-post jew il-faċilitajiet tal-ħażna ta' l-ewwel kunsinnatarju;
- (e) fil-każ ta' operaturi li ma jaħżnux jew ma jittrattawx fiżikament dawn il-prodotti organiċi, in-natura u l-kwantitajiet ta' prodotti organiċi mixtrija u mibjugħa, u l-fornituri, u meta differenti, il-bejjiegħa jew l-esportaturi u x-xerrejja, u meta differenti, il-kunsinnatarji.

2. Il-kontijiet iddokumentati għandhom jinkludu wkoll ir-riżultati tal-verifika meta jkunu riċevuti l-prodotti organiċi u kull tagħrif ieħor meħtieġ mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll għall-iskop ta' kontroll tajjeb. Id-*data* fil-kontijiet għandha tkun iddokumentata b'dokumenti adattati ta' ġustifikazzjoni. Il-kontijiet għandhom juru l-bilanċ bejn id-dħul u l-ħruġ.



**▼ B**

3. Meta operatur ikun jiġġestixxi diversi unitajiet ta' produzzjoni fl-istess żona, l-unitajiet għall-prodotti mhux organiċi, flimkien mal-post tal-ħażna għall-prodotti ta' dħul għandhom ukoll ikunu soġġetti għar-rekwiżiti minimi ta' kontroll.

*Artikolu 67***L-aċċess għall-faċilitajiet**

1. L-operatur għandu:
  - (a) jagħti lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll, għal skopijiet ta' kontroll, aċċess għall-partijiet kollha ta' l-unità u tal-post, kif ukoll għall-kontijiet u għad-dokumenti rilevanti ta' sostenn;
  - (b) jipprovdi lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll b'kull tagħrif raġonevolment meħtieġ għall-iskopijiet tal-kontroll;
  - (c) iressaq, meta mitlub mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll, ir-riżultati tal-programmi tiegħu għall-assigurazzjoni tal-kwalità.
2. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, l-importaturi u l-ewwel kunsinnatarji għandhom iressqu t-tagħrif fuq konsenji importati msemmi fl-Artikolu 84.

**▼ M6***Artikolu 68***Evidenza dokumentata**

1. Għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll għandhom jużaw il-mudell tal-evidenza dokumentata stabbilit fl-Anness XII għal dan ir-Regolament.

**▼ M9**

Fil-każ ta' ċertifikazzjoni elettronika kif imsemmi fl-Artikolu 29(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, il-firma fil-kaxxa 8 tal-evidenza dokumentata ma għandhiex tkun meħtieġa jekk l-awtentiċità tal-evidenza dokumentata minflok tintwera permezz ta' metodu elettroniku mhux falsifikabbli.

**▼ M6**

2. Jekk operatur soġġett għall-kontrolli tal-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll kif imsemmi fil-paragrafu 1 jitlob hekk f'perjodu ta' żmien li għandu jiġi indikat minn dawg l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll, l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll għandhom jipprovdu evidenza dokumentata kumplementari li tikkonferma karatteristiċi speċifiċi tal-metodu tal-produzzjoni użat permezz tal-mudell stabbilit fl-Anness XIIa.

L-applikazzjonijiet għal evidenza dokumentata kumplementari għandhom ikollhom fil-kaxxa 2 tal-mudell stabbilit fl-Anness XIIa l-annotazzjoni rilevanti elenkati fl-Anness XIIb.

**▼ B***Artikolu 69***Id-dikjarazzjoni tal-bejjieġh**

Għall-iskop ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 id-dikjarazzjoni tal-bejjieġh li l-prodotti forniti ma kinux prodotti minn GMOs tista' ssegwi l-mudell stabbilit fl-Anness XIII ma' dan ir-Regolament.



*KAPITOLU 2*

***Rekwiżiti speċifiċi ta' kontroll għall-pjanti u l-prodotti tal-pjanti mill-produzzjoni agrikola jew mill-ġbir agrikolu***

*Artikolu 70*

**L-arranġamenti ta' kontroll**

1. Id-deskrizzjoni shiġha ta' l-unità msemmija fl-Artikolu 63(1)(a) għandha:
  - (a) titfassal anke meta l-operatur jillimita l-attività tiegħu għall-ġbir ta' pjanti selvaġġi;
  - (b) tindika l-post tal-ħażna u tal-produzzjoni u l-biċċiet agrikoli u/jew iż-żoni tal-ġbir u, meta applikabbli, il-post fejn iseħħu ċerti operazzjonijiet ta' pproċessar u/jew ta' ppakkjar; u
  - (c) tispeċifika d-data ta' l-aħħar applikazzjoni fil-biċċiet agrikoli u/jew fiż-żoni ta' ġbir ikkonċernati, tal-prodotti li l-użu tagħhom mhuwiex kompatibbli mar-regoli ta' produzzjoni organika.
2. Fil-każ tal-ġbir ta' pjanti selvaġġi, il-miżuri prattiċi msemmija fl-Artikolu 63(1)(b) għandhom jinkludu kull garanzija mogħtija minn partijiet terzi li l-operatur jista' jipprova biex jiżgura li hemm konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

*Artikolu 71*

**Il-komunikazzjonijiet**

Kull sena, qabel id-data indikata mill-awtorità ta' kontroll jew mill-korp ta' kontroll, l-operatur għandu jinnotifika lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll bl-iskeda tiegħu ta' produzzjoni ta' prodotti ta' għelejjel, bi tqassim skond il-biċċa agrikola.

*Artikolu 72*

**Ir-rekords tal-produzzjoni tal-pjanti**

Ir-rekords tal-produzzjoni tal-pjanti għandhom jimtlew f'forma ta' reġistru u jinżammu disponibbli għall-awtoritajiet jew għall-korp ta' kontroll fil-ħinijiet kollha fl-azjenda. Minbarra l-Artikolu 71 dawn ir-rekords għandhom jipprovdu għall-inqas it-tagħrif li ġej:

- (a) fir-rigward ta' l-użu ta' fertilizzant: id-data ta' l-applikazzjoni, it-tip u l-ammont ta' fertilizzant, il-biċċiet agrikoli kkonċernati;
- (b) fir-rigward ta' l-użu ta' prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti: id-data tat-trattament u r-raġuni għalih, it-tip ta' prodott, il-metodu ta' trattament;
- (c) fir-rigward tax-xiri tad-dħul agrikolu: id-data, it-tip u l-ammont tal-prodott mixtri;
- (d) fir-rigward tal-ħsad: id-data, it-tip u l-ammont ta' produzzjoni organika jew f'konverżjoni ta' l-għelejjel.

**▼B***Artikolu 73***Diversi unitajiet ta' produzzjoni ġestiti mill-istess operatur**

Meta operatur ikun jiġġestixxi diversi untajiet ta' produzzjoni fl-istess żona, l-unitajiet li jkunu jipproduċu għelejjel mhux organiċi, flimkien mal-post tal-ħażna għal prodotti ta' input agrikolu għandhom ukoll ikunu soġġetti għar-reqwiziti ġenerali u speċifiċi ta' kontroll stabbiliti fil-Kapitolu 1 u f'dan il-Kapitolu ta' dan it-Titolu.

**▼M2***KAPITOLU 2a****Ir-reqwiziti speċifiċi tal-kontroll tal-alka****Artikolu 73a***L-arranġamenti tal-kontroll għall-alka**

Meta s-sistema ta' kontroll li tkun tapplika b'mod speċifiku għall-alka tkun implimentata għall-ewwel darba, id-deskrizzjoni sħiħa tas-sit imsemmi fl-Artikolu 63(1)(a) għandha tinkludi:

- (a) deskrizzjoni sħiħa tal-istallazzjonijiet fuq l-art u fil-baħar;
- (b) il-valutazzjoni ambjentali kif deskritta fl-Artikolu 6b(3), fejn applikabbli;
- (c) il-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli kif deskritt fl-Artikolu 6b(4), fejn applikabbli;
- (d) għall-alka selvaġġa, għandhom jiffasslu deskrizzjoni sħiħa u mappa taż-żoni tal-ġbir ta' mal-kosta u ta' ġol-baħar, u taż-żoni ta' fuq l-art fejn jitwettqu l-attivitajiet ta' wara l-ġbir.

*Artikolu 73b***Ir-reġistri dwar il-produzzjoni tal-alka**

1. Ir-reġistri dwar il-produzzjoni tal-alka għandhom jimtlew mill-operatur bħala reġistru u għandhom dejjem jinżammu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet jew tal-korpi ta' kontroll fil-post tal-istabbiliment. Dan għandu jinkludi tal-anqas it-tagħrif li ġej:

- (a) lista tal-ispeċijiet, id-data u l-ammont maqtugħ;
  - (b) id-data tal-applikazzjoni, it-tip u l-ammont ta' fertilizzant użat.
2. Għall-ġbir tal-alka selvaġġa, ir-reġistru għandu jinkludi wkoll:
- (a) l-istorja tal-attività tal-qtugħ għal kull speċi fl-irqajja' msemmija;
  - (b) l-istima (tal-volum) tal-qtugħ kull staġun;
  - (c) l-għejjun possibbli ta' tniġġis tal-irqajja' tal-qtugħ;
  - (d) ir-rendiment annwali sostenibbli għal kull roqgħa.



*KAPITOLU 3*

***Rekwiżiti ta' kontroll għall-bhejjem u l-prodotti tal-bhejjem b'riżultat tat-trobbija ta' l-annimali***

*Artikolu 74*

**L-arranġamenti ta' kontroll**

1. Meta s-sistema ta' kontroll li tkun tapplika speċifikament għat-trobbija tal-bhejjem tkun implimentata għall-ewwel darba, id-deskrizzjoni sħiħa ta' l-unità msemmija fl-Artikolu 63(1)(a) għandha tinkludi:

(a) deskrizzjoni sħiħa ta' l-istrutturi tal-bhejjem, tal-mergħat, ta' l-ispazji fil-beraħ, eċċ., u, meta applikabbli, tal-post għall-ħażna, l-ippakkjar u l-ipproċessar tal-bhejjem, tal-prodotti tal-bhejjem, tal-materjali mhux ipproċessati u tad-dħul;

(b) deskrizzjoni sħiħa ta' l-istrutturi għall-ħażna tad-demel tal-bhejjem.

2. Il-miżuri prattiċi msemmija fl-Artikolu 63(1)(b) għandhom jinkludu:

(a) pjan għat-tixrid tad-demel miftiehem mal-korp jew ma' l-awtorità ta' kontroll, flimkien ma' deskrizzjoni kompleta taż-żoni mogħtija għall-produzzjoni ta' l-għelejjel;

(b) meta adattat, fir-rigward tat-tixrid tad-demel, l-arranġamenti bil-miktub ma' azjendi oħra kif imsemmi fl-Artikolu 3(3) li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-regoli ta' produzzjoni organika;

(c) pjan ta' ġestjoni għall-unità tal-bhejjem ta' produzzjoni organika.

*Artikolu 75*

**L-identifikazzjoni tal-bhejjem**

Il-bhejjem għandhom ikunu identifikati b'mod permanenti permezz ta' tekniki adattati għal kull speċi, individwalment fil-każ ta' mammiferi kbar u individwalment jew skond il-lott fil-każ ta' tjur u mammiferi żgħar.

*Artikolu 76*

**Ir-reġistri tal-bhejjem**

Ir-rekords tal-bhejjem għandhom jimtlew fil-forma ta' reġistru u jinżammu disponibbli għall-awtoritajiet jew għall-korpi ta' kontroll f'kull ħin fl-azjenda. Dawn ir-rekords għandhom jipprovdu deskrizzjoni sħiħa tas-sistema ta' ġestjoni tal-merħla li tinkludi għall-inqas it-tagħrif li ġej:

(a) fir-rigward ta' annimali li jaslu fl-azjenda: l-oriġini u d-data tal-wasla, il-perjodu ta' konverżjoni, il-marka ta' identifikazzjoni u r-rekord veterinarju;

(b) fir-rigward ta' bhejjem li jitiqlu mill-azjenda: l-età, l-għadd ta' rjus, il-piż fil-każ tal-qtil, il-marka ta' identifikazzjoni u d-destinazzjoni;

**▼B**

- (c) id-dettalji ta' kwalunkwe animal mitluf u r-raġunijiet għal dan;
- (d) fir-rigward ta' l-ġhalf: it-tip, inklużi s-supplimenti ta' l-ġhalf, il-proporzjonijiet ta' l-ingredjenti varji tar-razzjonijiet u l-perjodi ta' aċċess għal żoni liberi ta' mergħat, il-perjodu ta' tranżumanza meta japplikaw xi restrizzjonijiet;
- (e) fir-rigward tal-prevenzjoni u t-trattament tal-mard u l-kura veterinarja: id-data tat-trattament, id-dettalji tad-dijanjożi, il-pożoloġija; it-tip ta' prodott tat-trattament, l-indikazzjoni tas-sustanzi farmakoloġiċi attivi involuti fil-metodu tat-trattament u l-preskrizzjoni veterinarja għal kura veterinarja bir-raġunijiet u l-perjodi ta' sospensjoni li japplikaw qabel mal-prodotti tal-bhejjem jistgħu jitqiegħdu fis-suq ittikkettati bħala organiċi.

*Artikolu 77***Il-miżuri ta' kontroll ta' prodotti mediċinali veterinarji għall-bhejjem**

Kull meta jintużaw prodotti mediċinali veterinarji, għandu jkun iddikjarat it-tagħrif skond l-Artikolu 76(e) lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp tal-kontroll qabel ma l-bhejjem jew il-prodotti tal-bhejjem jitqiegħdu fis-suq bħala prodotti b'mod organiku. Bhejjem ittrattati għandhom ikunu identifikati b'mod ċar, individwalment fil-każ ta' animali kbar; individwalment, jew skond il-lott, jew skond il-ġebha, fil-każ ta' tjur, animali żgħar u naħal.

*Artikolu 78***Miżuri speċifiċi ta' kontroll għat-trobbija tan-naħal**

1. Għandha tkun ipprovduta mappa fuq skala xierqa li telenka s-sit tal-ġebha lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll minn min irabbi n-naħal. Meta ma jkun identifikati ebda żoni skond l-Artikolu 13-(2), min irabbi n-naħal għandu jipprovidi lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll bid-dokumentazzjoni u bl-evidenza adattata, li tinkludi analiżi xierqa jekk neċessarju, li ż-żoni aċċessibbli għall-kolonji tiegħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa f'dan ir-Regolament.
2. It-tagħrif li ġej għandu jiddaħħal fir-reġistru tal-miġbħa fir-rigward ta' l-użu ta' l-ġhalf: it-tip ta' prodott, id-dati, il-kwantitajiet u l-ġebhiet fejn jintuża.
3. Kull meta jkollhom jintużaw prodotti mediċinali veterinarji, it-tip ta' prodott, inkluża indikazzjoni tas-sostanza farmakoloġika attiva, flimkien ma' dettalji tad-dijanjożi, il-pożoloġija, il-metodu ta' amminis-trazzjoni, it-tul ta' żmien tat-trattament u l-perjodu legali ta' sospensjoni għandhom ikunu rreġistrati b'mod ċar u ddikjarati lill-korp ta' kontroll jew lill-awtorità ta' kontroll qabel ma l-prodotti jitqiegħdu fis-suq bħala prodotti b'mod organiku.
4. Iż-żona fejn tkun tinsab il-miġbħa għandha tkun irreġistrata flimkien ma' l-identifikazzjoni tal-ġebha. Il-korp jew l-awtorità ta' kontroll għandhom ikunu infurmati meta jitmexxew l-imġiebaħ sa data ta' l-ghelug miftiehma ma' l-awtorità jew mal-korp ta' kontroll.
5. Għandu jkun hemm attenzjoni partikolari biex ikunu żgurati l-estrazzjoni, l-ipproċessar u l-ħażna adegwata ta' prodotti tat-trobbija tan-naħal. Għandhom ikunu rreġistrati l-miżuri kollha ta' konformità ma' dan ir-rekwiżit.
6. It-tneħħija tas-supers u l-operazzjonijiet għall-estrazzjoni ta' l-għasel għandhom jtnizzlu fir-reġistru tal-miġbħa.

**▼B***Artikolu 79***Diversi unitajiet ta' produzzjoni ġestiti mill-istess operatur**

Meta operatur ikun imexxi diversi unitajiet ta' produzzjoni, kif previst fl-Artikoli 17(1), 40 u 41, l-unitajiet li jipproduċu bhejjem mhux organiċi jew prodotti tal-bhejjem mhux organiċi għandhom ikunu soġġetti wkoll għas-sistema ta' kontroll kif stabbilita fil-Kapitolu 1 u f'dan il-Kapitolu ta' dan it-Titolu.

**▼M2***KAPITOLU 3a****Ir-reqwiżiti speċifiċi tal-kontroll tal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura****Artikolu 79a***L-arranġamenti tal-kontroll għall-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura**

Meta s-sistema ta' kontroll li tkun tapplika b'mod speċifiku għall-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura tkun implimentata għall-ewwel darba, id-deskrizzjoni sħiħa tal-unità msemmija fl-Artikolu 63(1)-(a) għandha tinkludi:

- (a) deskrizzjoni sħiħa tal-istallazzjonijiet fuq l-art u fil-baħar;
- (b) il-valutazzjoni ambjentali kif deskritta fl-Artikolu 6b(3), fejn applikabbli;
- (c) il-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli kif deskritt fl-Artikolu 6b(4), fejn applikabbli;
- (d) fil-każ tal-molluski, taqsira tal-kapitolu speċjali tal-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli, kif meħtieġ mill-Artikolu 25q(2).

*Artikolu 79b***Ir-reġistri dwar il-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura**

L-operatur għandu jipprovdi t-tagħrif li ġej fil-forma ta' reġistru li għandu jinżamm aġġornat u li għandu dejjem jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet jew tal-korpi ta' kontroll fil-post tal-istabiliment:

- (a) l-oriġini, id-data tal-wasla u l-perjodu għall-bidla tal-annimali li jkunu waslu fl-istabiliment;
- (b) l-għadd ta' lottijiet, l-età, il-piż u d-destinazzjoni tal-annimali li jkunu qed jitolqu mill-istabiliment;
- (c) reġistri dwar il-harriet tal-ħut;
- (d) għall-ħut, it-tip u l-ammont ta' għalf u, fil-każ tal-karpjun u ta' speċijiet relatati, reġistru dokumentarju dwar l-użu ta' għalf addizzjonali;
- (e) it-trattamenti veterinarji, inklużi d-dettalji dwar l-għan tagħhom, id-data u l-metodu tal-applikazzjoni tagħhom, it-tip ta' prodott użat u l-perjodu ta' rtirar;
- (f) il-miżuri għall-prevenzjoni tal-mard, inklużi d-dettalji dwar is-serħan, it-tindif u t-trattament tal-ilma.

▼ **M2***Artikolu 79c***Żjarat speċifiċi tal-kontroll tal-molluski bivalvi**

Għall-produzzjoni tal-molluski bivalvi, għandhom jitwettqu żjarat ta' spezzjoni qabel u waqt il-produzzjoni massima tal-bijomassa.

*Artikolu 79d***Diversi unitajiet ta' produzzjoni mmexxija mill-istess operatur**

Meta operatur ikun imexxi diversi unitajiet tal-produzzjoni kif ipprovdut fl-Artikolu 25c, l-unitajiet li jipproduċu annimali tal-akkwakultura li mhumiex organiċi wkoll għandhom ikunu suġġetti għas-sistema ta' kontroll kif stabbilita fil-Kapitolu 1 u f'dan il-Kapitolu.

▼ **B***KAPITOLU 4*

► **M2** *Ir-rekwiżiti tal-kontroll tal-unitajiet li jħejju l-prodotti tal-pjanti, tal-alka, tal-bhejjem u tal-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tal-ikel magħmulin minnhom* ◀

*Artikolu 80***L-arranġamenti ta' kontroll**

Fil-każ ta' unità involuta fit-tħejjija għaliha stess jew għal parti terza, u inklużi unitajiet partikolari involuti fl-ippakkjar u/jew fl-ippakkjar mill-ġdid ta' dawn il-prodotti, jew unitajiet involuti fit-tikkettar u/jew fit-tikkettar mill-ġdid ta' dawn il-prodotti, id-deskrizzjoni kompleta ta' l-unità msemmija fl-Artikolu 63(1)(a) għandha turi l-faċilitajiet użati biex il-prodotti agrikoli jkunu riċevuti, pproċessati, ippakkjati, ittikkettati u maħżuna qabel u wara l-operazzjonijiet li jikkonċernawhom, kif ukoll il-proċeduri għat-trasport tal-prodotti.

*KAPITOLU 5*

► **M2** *Ir-rekwiżiti tal-kontroll tal-importazzjonijiet tal-prodotti organiċi minn pajjiżi terzi* ◀

*Artikolu 81***L-ambitu**

Dan il-Kapitolu japplika għal kull operatur involut, bħala importatur u/jew bħala l-ewwel kunsinnatarju, fl-importazzjoni u/jew fl-irċevuta, għalih stess jew għal operatur ieħor, ta' prodotti organiċi.

*Artikolu 82***L-arranġamenti ta' kontroll**

1. Fil-każ ta' l-importatur, id-deskrizzjoni sħiħa ta' l-unità msemmija fl-Artikolu 63(1)(a) għandha tinkludi s-sit ta' l-importatur u ta' l-attivitajiet ta' importazzjoni tiegħu, b'indikazzjoni tal-punti ta' dħul tal-prodotti fil-Komunità u ta' kull faċilità oħra li l-importatur ikollu l-ħsieb li juża għall-ħażna tal-prodotti importati fl-istennija tal-konsenja tagħhom lill-ewwel kunsinnatarju.

**▼B**

Barra minn hekk, id-dikjarazzjoni msemija fl-Artikolu 63(2) għandha tinkludi impenn mill-importatur li jiżgura li kull faċilità li l-importatur ikun ser juża għall-ħażna ta' prodotti tkun sottomessa għal kontroll, li għandu jsir jew mill-korp ta' kontroll jew mill-awtorità ta' kontroll jew, meta dawn il-faċilitajiet tal-ħażna jkunu jinstabu fi Stat Membru jew f'reġjun ieħor, minn korp jew awtorità tal-kontroll approvati għall-kontroll f'dak l-Istat Membru jew f'dak ir-reġjun.

2. Fil-każ ta' l-ewwel kunsinnatarju, id-deskrizzjoni sħiħa ta' l-unità msemija fl-Artikolu 63(1)(a) għandha turi l-faċilitajiet użati għall-irċevuta u għall-ħażna.

3. Meta l-importatur u l-ewwel kunsinnatarju jkunu l-istess persuna legali li topera f'unità singola, ir-rapporti msemija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 63(2) jistgħu jkunu fformalizzati frapport wieħed.

*Artikolu 83***Kontijiet iddokumentati**

L-importatur u l-ewwel kunsinnatarju għandhom iżommu reġistri separati tal-ħażna u finanzjarji, sakemm ma jkunux qegħdin joperaw f'unità waħda.

Fuq talba ta' l-awtorità ta' kontroll jew tal-korp ta' kontroll, għandu jkun ipprovdut kull dettall dwar l-arranġamenti ta' trasport mill-esportatur fil-pajjiż terz lill-ewwel kunsinnatarju, u mill-post jew mill-faċilitajiet tal-ħażna ta' l-ewwel kunsinnatarju lill-kunsinnatarji fil-Komunità.

*Artikolu 84***Tagħrif dwar il-konsenji importati**

L-importatur għandu, fi żmien xieraq, jinforma lill-korp ta' kontroll jew lill-awtorità ta' kontroll b'kull konsenja li tkun ser tiġi importata fil-Komunità, u jipprovdi:

- (a) l-isem u l-indirizz ta' l-ewwel kunsinnatarju;
- (b) kwalunkwe dettall li l-korp jew l-awtorità ta' kontroll jistgħu ikunu jeħtieġu b'mod raġonevoli,
  - (i) fil-każ ta' prodotti importati skond l-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, l-evidenza ddokumentata msemija f'dak l-Artikolu;
  - (ii) fil-każ ta' prodotti importati skond l-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, kopja taċ-ċertifikat ta' spezzjoni msemmi f'dak l-Artikolu.

Fuq it-talba tal-korp ta' kontroll jew ta' l-awtorità ta' kontroll ta' l-importatur, dan ta' l-aħħar għandu jressaq l-informazzjoni msemija fl-ewwel paragrafu lill-korp ta' kontroll jew lill-awtorità ta' kontroll ta' l-ewwel kunsinnatarju.

*Artikolu 85***Iż-żjarat ta' kontroll**

L-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll għandhom jikkontrollaw il-kontijiet iddokumentati msemija fl-Artikolu 83 ta' dan ir-Regolament u ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 33(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 jew l-evidenza ddokumentata msemija fl-Artikolu 32(1)-(c) tar-Regolament ta' l-aħħar.



**▼B**

Meta l-importatur iwettaq l-operazzjonijiet ta' importazzjoni skond l-unitajiet jew il-postijiet differenti, għandu jagħmel disponibbli fuq talba r-rapporti msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 63(2) ta' dan ir-Regolament għal kull waħda minn dawn il-faċilitajiet.

*KAPITOLU 6*

***Rekwiżiti ta' kontroll għal unitajiet involuti fil-produzzjoni, fit-tnejn jew fl-importazzjoni ta' prodotti organiċi u li jkunu taw b'kuntratt l-operazzjonijiet attwali kkonċernati, parzjalment jew kompletament, lill-partijiet terzi***

*Artikolu 86***L-arranġamenti ta' kontroll**

Fir-rigward ta' l-operazzjonijiet, li jingħataw b'kuntratt lil partijiet terzi, id-deskrizzjoni sħiħa ta' l-unità msemmija fl-Artikolu 63(1)(a) għandha tinkludi:

- (a) lista tas-subappaltaturi b'deskrizzjoni ta' l-attivitajiet tagħhom u indikazzjoni tal-korpi jew ta' l-awtoritajiet ta' kontroll li huma soġġetti għalihom;
- (b) ftehim bil-miktub mis-subappaltaturi li l-azjenda tagħhom tkun soġġetta għar-reġim ta' kontroll tat-Titolu V tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;
- (c) il-miżuri prattiċi kollha, inkluża inter alia sistema adattata ta' kontijiet dokumentati, li għandha tkun applikata fil-livell ta' l-unità biex ikun żgurat li l-prodotti li l-operatur iqiegħed fis-suq jistgħu ikunu rintraċċati għall-fornituri, għall-bejjiegħa, għall-kunsinnatarji u għax-xerrejja tagħhom, kif xieraq.

*KAPITOLU 7*

***Rekwiżiti ta' kontroll għal unitajiet li jippreparaw l-għalf***

*Artikolu 87***L-ambitu**

Dan il-Kapitolu japplika għal kull unità involuta fil-preparazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 għaliha weħidha jew fisem parti terza.

*Artikolu 88***L-arranġamenti ta' kontroll**

1. Id-deskrizzjoni sħiħa ta' l-unità msemmija fl-Artikolu 63(1)
  - (a) għandha tindika:
    - (a) il-faċilitajiet użati biex ikunu riċevuti, ppreparati u maħżuna l-prodotti maħsuba għal għalf għall-annimali qabel u wara l-operazzjonijiet li jikkonċernawhom;
    - (b) il-faċilitajiet użati għall-ħażna ta' prodotti oħra wżati biex ikunu ppreparati prodotti ta' l-għalf;
    - (c) il-faċilitajiet użati biex jinħażnu prodotti għat-tindif u d-dizinfekzjoni;
    - (d) meta jkun neċessarju, id-deskrizzjoni tal-prodott ta' l-għalf kompost li l-operatur ikollu l-intenzjoni jipproduċi, skond l-Artikolu 5(1)(a) tad-Direttiva 79/373/KEE, u l-ispeċi tal-bhejjem jew il-klassi li għalih hu maħsub il-prodott ta' l-għalf kompost;

**▼B**

(e) meta jkun neċessarju, l-isem tal-materjali ta' l-għalf li l-operatur ikun beħsiebu jipprepara.

2. Il-miżuri li għandhom jieħdu l-operaturi, kif imsemmija fl-Artikolu 63(1)(b), biex jiggarantixxu l-konformità mar-regoli ta' produzzjoni organika għandhom jinkludu l-indikazzjonijiet tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 26.

3. L-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll għandhom jużaw dawn il-miżuri sabiex iwettqu evalwazzjoni ġenerali tar-riskji li jistnew lil kull unità ta' preparazzjoni kif ukoll sabiex ifasslu pjan ta' kontroll. Dan il-pjan ta' kontroll għandu jkun jipprovdha għal għadd minimu ta' kampjuni każwali skond ir-riskji potenzjali.

*Artikolu 89***Kontijiet iddokumentati**

Għall-iskopijiet ta' kontroll tajjeb ta' l-operazzjonijiet, il-kontijiet iddokumentati msemmija fl-Artikolu 66 għandhom jinkludu tagħrif dwar l-oriġini, in-natura u l-kwantitajiet ta' materjali ta' l-għalf, addittivi, bejgħ u prodotti lesti.

*Artikolu 90***Iż-żjarat ta' kontroll**

Iż-żjara ta' kontroll imsemmija fl-Artikolu 65 għandha tinkludi spezzjoni fiżika sħiħa tal-post kollu. Barra minn hekk, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll għandhom jagħmlu żjarat immirati bbażati fuq evalwazzjoni ġenerali tar-riskji potenzjali ta' nuqqas ta' konformità mar-regoli ta' produzzjoni organika.

Il-korp ta' kontroll jew l-awtorità ta' kontroll għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-punti ta' kontroll kritiċi immarkati għall-operatur, bl-iskop li jkun stabbilit jekk l-operazzjonijiet ta' sorveljanza u kontroll humiex imwettqa tajjeb.

Il-postijiet kollha wżati mill-operatur għat-tweqqif ta' l-attivitajiet tiegħu jistgħu ikunu kkontrollati bil-frekwenza li jirrikjedu r-riskji preżenti.

*KAPITOLU 8****Il-ksur u l-iskambju ta' informazzjoni****Artikolu 91***Miżuri fil-każ ta' suspett ta' ksur u irregolaritajiet**

1. Meta operatur jikkunsidra jew jissuspetta li prodott li hu pproduċa, ipprepara, importa jew li rċieva minn operatur ieħor, ma jkunx jikkonforma mar-regoli ta' produzzjoni organika, għandu jibda proċeduri jew biex jirtira minn dan il-prodott kull referenza għall-metodu ta' produzzjoni organika jew biex jissepara u jidentifika l-prodott. Jista' biss jipproċessah jew jippakkjah jew iqiegħdu fis-suq wara li jkun eliminat dak id-dubju, sakemm ma jitqiegħedx fis-suq mingħajr indikazzjoni li tkun tirreferi għall-metodu ta' produzzjoni organika. Fil-każ ta' dan id-dubju, l-operatur għandu jinforma immedjament lill-korp jew lill-awtorità ta' kontroll. L-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll jista' jeħtieġ li l-prodott ma jitqiegħedx fis-suq b'indikazzjonijiet li jirreferu għall-metodu ta' produzzjoni organika sakemm ma tkunx sodisfatta, mill-informazzjoni riċevuta mill-operatur jew minn sorsi oħra, li dak id-dubju kien eliminat.

**▼B**

2. Meta awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll ikollhom suspett sontanzjat li operatur għandu l-ħsieb iqiegħed fis-suq prodott li ma jikkonformax mar-regoli ta' produzzjoni organika iżda li jkollu referenza għall-metodu ta' produzzjoni organika, din l-awtorità ta' kontroll jew dan il-korp ta' kontroll jista' jeħtieġ li l-operatur jista' provviżorjament ma jqieghdx il-prodott fis-suq b'din ir-referenza għal perjodu ta' żmien li għandu jkun stabbilit minn dik l-awtorità ta' kontroll jew dak il-korp ta' kontroll. Qabel ma jieħdu deċiżjoni bħal din, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll għandhom jippermettu lill-operatur jikkummenta. Din id-deċiżjoni għandha tkun issupplimentata bl-obbligu li tkun irtirata minn dan il-prodott kull referenza għall-metodu ta' produzzjoni organika jekk l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ikunu ċerti li l-prodott ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' produzzjoni organika.

Madankollu, jekk is-suspett ma jkunx ikkonfermat fil-perjodu ta' żmien imsemmi, id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun ikkanċellata sa mhux iktar tard mill-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' żmien. L-operatur għandu jikkoopera kompletament mal-korp jew ma' l-awtorità ta' kontroll biex jirriżolvi s-suspett.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura u sanzjoni meħtieġa biex jipprevjenu l-użu qarrieqi ta' l-indikazzjonijiet imsemmija fit-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u fit-Titolu III u/jew fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament.

**▼M9***Artikolu 92***Skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' kontroll, il-korpi ta' kontroll u l-awtoritajiet kompetenti**

1. Meta l-operatur u/jew is-subkuntratturi ta' dak l-operatur huma kkontrollati minn awtoritajiet ta' kontroll jew korpi ta' kontroll differenti, l-awtoritajiet ta' kontroll jew il-korpi ta' kontroll għandhom jiskambjaw l-informazzjoni rilevanti dwar l-operazzjonijiet taħt il-kontroll tagħhom.

2. Meta operaturi u/jew is-subkuntratturi tagħhom jibdlu l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll tagħhom, il-bidla għandha tiġi nnotifikata mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti mill-awtoritajiet ta' kontroll jew korpi ta' kontroll ikkonċernati.

L-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll preċedenti għandhom jgħaddu l-elementi rilevanti tal-fajl ta' kontroll tal-operatur ikkonċernat u r-rapporti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 63(2) lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll sussegwenti.

L-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll il-ġdid għandhom jiżguraw li n-nuqqas ta' konformità nnutat fir-rapport tal-awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll preċedenti ġie indirizzat jew se jiġi indirizzat mill-operatur.

3. Meta l-operatur jirtira mis-sistema ta' kontroll, l-awtorità ta' kontroll jew il-korp ta' kontroll ta' dak l-operatur għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

4. Meta awtorità ta' kontroll jew korp ta' kontroll isib irregolaritajiet jew ksur li jaffettwa l-istat organiku tal-prodotti, għandu jinforma mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

Dik l-awtorità kompetenti tista' anke titlob, fuq inizjattiva tagħha stess, kwalunkwe informazzjoni oħra dwar l-irregolaritajiet jew il-ksur.

F'każ ta' irregolaritajiet jew ksur li jinsabu fir-rigward ta' prodotti taħt il-kontroll ta' awtoritajiet ta' kontroll jew korpi ta' kontroll oħra, għandu jinforma wkoll lil dawk l-awtoritajiet jew korpi mingħajr dewmien.

▼ **M9**

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa u jistabbilixxu proċeduri dokumentati biex jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' kontroll kollha li huma nnominaw u/jew il-korpi ta' kontroll kollha li huma approvaw skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, inkluż proċeduri għall-iskambju ta' informazzjoni għall-verifika ta' evidenza dokumentata msemmija fl-Artikolu 29(1) ta' dak ir-Regolament.

6. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa u jistabbilixxu proċeduri dokumentati sabiex jiżguraw li l-informazzjoni dwar ir-riżultati tal-ispezzjonijiet u ż-żjarjet kif imsemmi fl-Artikolu 65 ta' dan ir-Regolament tiġi kkomunikata lill-aġenzija tal-pagamenti skont il-ħtiġijiet ta' dik l-aġenzija tal-pagamenti kif previst fl-Artikolu 33(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 65/2011 <sup>(1)</sup>.

*Artikolu 92a***Skambju ta' informazzjoni bejn Stati Membri differenti u l-Kummissjoni**

1. Meta Stat Membru jsib irregolaritajiet jew ksur rigward l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward ta' prodott li ġej minn Stat Membru ieħor u li jkollu indikazzjonijiet kif imsemmi fit-Titolu IV tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u t-Titolu III u/jew l-Anness XI ta' dan ir-Regolament, għandu jinnotifika mingħajr dewmien lill-Istat Membru li jkun innomina l-awtorità ta' kontroll jew approva l-korp ta' kontroll, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni permezz tas-sistema msemmija fl-Artikolu 94(1) ta' dan ir-Regolament.

2. Meta Stat Membru jsib irregolaritajiet jew ksur fir-rigward tal-konformità tal-prodotti impurtati skont l-Artikolu 33(2) jew (3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 mar-rekwiżiti stipulati f'dak ir-Regolament jew ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008, għandu jinnotifika lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien permezz tas-sistema msemmija fl-Artikolu 94(1) ta' dan ir-Regolament.

3. Meta Stat Membru jsib irregolaritajiet jew ksur fir-rigward tal-konformità tal-prodotti impurtati skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 mar-rekwiżiti stipulati f'dak ir-Regolament u r-Regolament (KE) Nru 834/2007, għandu jinnotifika lill-Istat Membru li ħareġ l-awtorizzazzjoni, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien permezz tas-sistema msemmija fl-Artikolu 94(1) ta' dan ir-Regolament. In-notifika għandha tintbagħat lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni f'każ li tinstab irregolarità jew ksur fir-rigward ta' prodott li għalihom l-Istat Membru ħareġ l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008.

4. L-Istat Membru li jirċievi notifika fir-rigward ta' prodott li mhumiex konformi skont il-paragrafi 1 jew 3 jew l-Istat Membru li ħareġ l-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 għal prodott li għalih instabet irregolarità jew ksur, għandu jinvestiga l-orijini tal-irregolaritajiet jew il-ksur. Għandu jieħu azzjoni xierqa immedjatament.

Għandu jinforma lill-Istat Membru li bagħat in-notifika, lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-riżultat tal-investigazzjoni u bl-azzjoni li ttieħdet billi jwieġeb għan-notifika oriġinali permezz tas-sistema msemmija fl-Artikolu 94(1). It-tweġiba għanda tintbagħat fi żmien 30 jum kalendarju mid-data oriġinali tan-notifika.

<sup>(1)</sup> ĠU L 25, 28.1.2011, p. 8.

▼ **M9**

5. L-Istat Membru li bagħat in-notifika oriġinali jista' jitlob informazzjoni addizzjonali, jekk meħtieġ, mingħand l-Istat Membru li jkun irrisponda. Fi kwalunkwe każ, wara li jirċievi tweġiba jew informazzjoni addizzjonali mingħand Stat Membru nnotifikat, l-Istat Membru li bagħat in-notifika oriġinali għandu jagħmel l-entrati u l-aġġornamenti meħtieġa fis-sistema msemmija fl-Artikolu 94(1).

*Artikolu 92b***Pubblikazzjoni tal-informazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, b'mod xieraq inkluż il-pubblikazzjoni fuq l-Internet, il-listi aġġornati msemmija fl-Artikolu 28(5) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 li fih evidenza dokumentata aġġornata relatata ma' kull operatur, kif ipprovdut fl-Artikolu 29(1) ta' dak ir-Regolament u billi jintuża l-mudell stabbilit fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom josservaw kif suppost ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-dejta personali kif stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(1)</sup>.

*KAPITOLU 9***Sorveljanza mill-awtoritajiet kompetenti***Artikolu 92c***Attivitajiet ta' sorveljanza relatati mal-korpi ta' kontroll**

1. L-attivitajiet ta' sorveljanza mill-awtoritajiet kompetenti li jidd-elegaw il-kompiti ta' kontroll lill-korpi ta' kontroll skont l-Artikolu 27(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 għandhom jenfasizzaw fuq l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni operazzjonali ta' dawk il-korpi ta' kontroll, filwaqt li jqisu r-riżultati tal-ħidma tal-korp ta' akkreditament kif imsemmi fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup>.

Dawk l-attivitajiet ta' sorveljanza għandhom jinkludu valutazzjoni tal-proċeduri interni tal-korpi ta' kontroll għall-kontroll, il-ġestjoni u l-eżaminazzjoni tal-fajls ta' kontroll fid-dawl tal-obbligi stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 834/2007 u l-verifika tat-ttrattament tan-nuqqas ta' konformità u t-ttrattament tal-appelli u l-ilmenti.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lill-korpi ta' kontroll biex jissottomettu dokumentazzjoni dwar il-proċedura tal-analiżi tar-riskju tagħhom.

Il-proċedura tal-analiżi tar-riskju għandha tkun imfassla b'tali mod li:

- (a) ir-riżultat tal-analiżi tar-riskju jipprovidi l-bażi biex tiġi ddeterminata l-intensità tal-ispezzjonijiet u żjarjet annwali mhux imħabbra u dawk imħabbra;

<sup>(1)</sup> ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

<sup>(2)</sup> ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

▼ **M9**

- (b) jitwettqu żjarjet ta' kontroll każwali addizzjonali skont l-Artikolu 65(4) ta' għall-anqas 10 % tal-operaturi taħt kuntratt skont il-kategorija tar-riskju;
- (c) għall-anqas 10 % tal-ispezzjonijiet u ż-żjarjet kollha li twettqu skont l-Artikoli 65(1) u (4) ma tħabbrux;
- (d) l-għażla ta' operaturi li għandhom jiġu sottomessi għal spezzjonijiet u żjarjet mhux imħabbra hija ddeterminata abbażi tal-analiżi tar-riskju u li dawn jiġu ppjanati skont il-livell tar-riskju.

3. L-awtoritajiet kompetenti li jiddelegaw kompiti ta' kontroll lill-korpi ta' kontroll għandhom jivverifikaw li l-persunal tal-korpi ta' kontroll għandu għarfien suffiċjenti, inkluż għarfien tal-elementi ta' riskju li jaffettwaw l-istat organiku tal-prodott, il-kwalifiki, it-taħriġ u l-esperjenza fir-rigward tal-produzzjoni organika iġenerali u mar-regoli rilevanti tal-Unjoni b'mod partikolari u li r-regoli xierqa dwar ir-rotazzjoni tal-ispetturi qegħdin fis-seħħ.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom proċeduri dokumentati għad-delegazzjoni tal-kompiti lill-korpi ta' kontroll skont l-Artikolu 27(5) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u għas-sorveljanza skont dan l-Artikolu, li jagħtu dettalji tal-informazzjoni li għandha tiġi sottomessa lill-korpi ta' kontroll.

*Artikolu 92d***Katalgu ta' miżuri f'każ ta' irregolaritajiet jew ksur**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jadottaw u jikkomunikaw lill-korpi ta' kontroll li ġew iddelegati kompiti ta' kontroll, katalgu li għall-anqas jelenka l-aktar ksur u irregolaritajiet li jaffettwaw l-istat organiku tal-prodotti u l-miżuri korrispondenti li għandhom jiġu applikati mill-korpi ta' kontroll f'każ ta' ksur jew irregolaritajiet mill-operaturi taħt il-kontroll tagħhom li huma involuti fil-produzzjoni organika.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jinkludu informazzjoni rilevanti oħra fil-katalgu fuq l-inizjattiva tagħhom

*Artikolu 92e***Spezzjoni annwali tal-korpi ta' kontroll**

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jorganizzaw spezzjoni annwali tal-korpi ta' kontroll li ġew delegati kompiti ta' kontroll skont l-Artikolu 27(4)(b) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007. Għall-għanijiet tal-ispezzjoni annwali, l-awtorità kompetenti għandha tqis ir-riżultati tal-ħidma tal-korp nazzjonali ta' akkreditament kif imsemmi fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008. Matul l-ispezzjoni annwali, l-awtorità kompetenti għandha, b'mod partikolari, tivverifika:

- (a) il-konformità mal-proċedura ta' kontroll standard tal-korp ta' kontroll kif sottomessa mill-korp ta' kontroll lill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 27(6)(a) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;

▼ **M9**

- (b) li l-korp ta' kontroll għandu għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u b'esperjenza adattat skont l-Artikolu 27(5)(b) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u li t-taħriġ rigward ir-riskji li jaffettwaw l-istatus organiku tal-prodotti għie implimentat;
- (c) li l-korp ta' kontroll għandu proċeduri u mudelli dokumentati u jsegwihom:
- (i) għall-analiżi tar-riskju annwali skont l-Artikolu 27(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007;
  - (ii) għat-tħejjija ta' strateġija għat-teħid tal-kampjuni, it-twettiq tat-teħid tal-kampjun u l-analiżi fil-laboratorju;
  - (iii) għall-iskambju ta' informazzjoni ma' korpi ta' kontroll oħra u mal-awtorità kompetenti;
  - (iv) għall-kontrolli inizjali u ta' segwitu tal-operatori taħt il-kontroll tagħhom;
  - (v) għall-applikazzjoni u s-segwitu tal-katalogu tal-miżuri li għandu jiġi applikat f'każ ta' ksur jew irregolaritajiet;
  - (vi) għall-osservazzjoni tar-rekwiżiti tal-ħarsien tad-dejta personali għall-operatori taħt il-kontroll tiegħu kif stipulat mill-Istati Membri fejn dik l-awtorità kompetenti topera u skont id-Direttiva 95/46/KE.

*Artikolu 92f***Dejta organika fil-pjan ta' kontroll nazzjonali multiannwali u r-rapport annwali**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet ta' kontroll multiannwali msemmija fl-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 jkopru s-sorveljanza tal-kontrolli mwettqa fuq il-produzzjoni organika skont dan ir-Regolament u jinkludu d-dejta speċifika dwar dik is-sorveljanza, minn issa 'l quddiem tissejjaħ "id-dejta organika", fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004. Id-dejta organika għandha tkopri s-suġġetti elenkati fl-Anness XIIIb ta' dan ir-Regolament.

Id-dejta organika għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni dwar il-kontrolli mwettqa mill-korpi ta' kontroll u/jew l-awtoritajiet ta' kontroll dwar l-awditi mwettqa mill-awtorità kompetenti.

Id-dejta għandha tiġi ppreżentata skont il-mudelli pprovduti fl-Anness XIIIc ta' dan ir-Regolament mill-2015 għas-sena 2014.

L-Istati Membri jistgħu idaħħlu d-dejta organika bħala kapitlu organiku tal-pjan ta' kontroll nazzjonali tagħhom u r-rapport annwali tagħhom.

**▼ B**

## TITOLU V

**IL-KONSENJA TA' INFORMAZZJONI LILL-KUMMISSJONI,  
DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI***KAPITOLU 1****Il-konsenja ta' informazzjoni lill-Kummissjoni****Artikolu 93***Informazzjoni statistika**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni statistika annwali dwar il-produzzjoni organika msemija fl-Artikolu 36 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 billi jużaw is-sistema tal-kompjuter li tippermetti l-iskambji elettroniċi tad-dokumenti u ta' l-informazzjoni li tkun tqiegħdet għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni (id-DG Eurostat) qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena.

2. L-informazzjoni statistika msemija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi, b'mod partikolari *d-data* li ġejja:

- (a) l-għadd ta' produtturi, proċessuri, importaturi u esportaturi organiċi;
- (b) il-produzzjoni ta' l-għelejjel organiċi u ż-żona ta' l-għelejjel f'konverżjoni u dik taħt produzzjoni organika;
- (c) l-għadd ta' bhejjem organiċi u l-prodotti organiċi mill-annimali;
- (d) id-*data* dwar il-produzzjoni organika industrijali skond it-tip ta' attivitajiet;

**▼ M2**

- (e) l-għadd ta' unitajiet organiċi tal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura;
- (f) il-volum tal-produzzjoni organika tal-annimali tal-akkwakultura;
- (g) jekk wieħed irid, l-għadd ta' unitajiet organiċi tal-alka u l-volum tal-produzzjoni organika tal-alka.

**▼ B**

3. Biex tintbagħat l-informazzjoni statistika msemija fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jużaw il-Punt Wieħed ta' Dħul ipprovdut mill-Kummissjoni (id-DG Eurostat).

4. Id-dispożizzjonijiet li jirrelataw mal-karatteristiċi tad-*data* u tal-*metadata* statistiċi għandhom ikunu ddefiniti fil-kuntest tal-Programm Statistiku Komunitarju abbażi ta' mudelli jew kwestjonarji li jkunu nħarġu permezz tas-sistema msemija fil-paragrafu 1.

*Artikolu 94***Tagħrif ieħor**

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bit-tagħrif li ġej billi jużaw is-sistema tal-kompjuter li tippermetti l-iskambji elettroniċi ta' dokumenti u informazzjoni li tkun tqiegħdet għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni (id-DG Agrikoltura u l-iżvilupp rurali) għal informazzjoni li mhijiex informazzjoni statistika:

- (a) qabel l-1 ta' Jannar 2009, l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 35(a) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u wara kull modifika meta sseħħ;



**▼B**

- (b) sal-31 ta' Marzu kull sena, l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 35-(b) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, fir-rigward ta' awtoritajiet u korpi ta' kontroll approvati fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel;
- (c) qabel l-1 ta' Lulju kull sena, l-informazzjoni kollha l-oħra mitluba jew meħtieġa skond dan ir-Regolament;

**▼M7**

- (d) fi żmien xahar mill-approvazzjoni tagħhom, l-eċċezzjonijiet mogħtija mill-Istati Membri skont il-punti (c) u (e) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47.

**▼B**

2. Id-data għandha tkun ikkomunikata, imdaħħla u aġġornata fis-sistema msemija fil-paragrafu 1 taħt ir-responsabbiltà ta' l-awtorità kompetenti kif imsemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, mill-awtorità stess jew mill-korp li lili kienet iddelegata dik il-funzjoni.
3. Id-dispożizzjonijiet li jirrelataw mal-karatteristiċi tad-*data* u tal-*metadata* statistiċi għandhom ikunu ddefiniti abbażi ta' mudelli jew kwestjonarji li jkunu nħarġu permezz tas-sistema msemija fil-paragrafu 1.

*KAPITOLU 2**Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali**Artikolu 95***Miżuri tranżitorji**

1. Għal perjodu tranżitorju li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2010, il-bhejjem jistgħu ikunu marbuta fi strutturi li ilhom jeżistu minn qabel l-24 ta' Awwissu 2000, sakemm huwa pprovdut eżerċizzju regolari u t-trobbija sseħħ skond il-ħtiġiet tal-benessri ta' l-annimali bi spazji komdi u bi friex adegwat kif ukoll skond ġestjoni individwali u sakemm l-awtorità kompetenti tkun awtorizzata din il-miżura. L-awtorità kompetenti tista' tkompli tawtorizza din il-miżura fuq talba ta' operatori individwali għall-applikazzjoni tagħha għal perjodu limitat li jintemm qabel il-31 ta' Diċembru 2013, bil-kundizzjoni addizzjonali li ż-żjarat ta' kontroll imsemija fl-Artikolu 65(1) jitwettqu talanqas darbtejn fis-sena.

2. L-awtorità kompetenti tista' tawtorizza, għal perjodu tranżitorju li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2010, l-eċċezzjonijiet li jikkonċernaw l-istrutturi tal-kenn u d-densità ta' l-istokkijiet mogħtija lil azjendi li jipproduċu l-bhejjem fuq il-bażi tad-deroga prevista fil-paragrafu 8.5.1 fil-parti B ta' l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91. L-operatori li jibbenefikaw minn din l-estensjoni għandhom jippreżentaw pjan lill-awtorità ta' kontroll jew lill-korp ta' kontroll, li jikkontjeni d-deskrizzjoni ta' arranġamenti li huma maħsuba biex tkun żgurata konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regoli ta' produzzjoni organika sa l-aħħar tal-perjodu tranżitorju. L-awtorità kompetenti tista' tkompli tawtorizza din il-miżura fuq talba ta' operatori individwali għall-applikazzjoni tagħha għal perjodu limitat li jintemm qabel il-31 ta' Diċembru 2013, bil-kundizzjoni addizzjonali li ż-żjarat ta' kontroll imsemija fl-Artikolu 65(1) jitwettqu talanqas darbtejn fis-sena.

3. Il-fażi aħħarija tat-tismin tan-nagħaġ u l-majjal għall-produzzjoni tal-laħam kif stipulata fil-punt 8.3.4 fl-Anness I.B tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 tista' sseħħ fuq ġewwa, għal perjodu tranżitorju li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2010, bil-kundizzjoni li ż-żjarat ta' kontroll imsemija fl-Artikolu 65(1) jitwettqu talanqas darbtejn fis-sena.

**▼B**

4. Il-kastrazzjoni tal-majjaletti tista' ssir mingħajr ma jkunu applikati l-anestesija u/jew l-analġesija matul perjodu tranżitorju li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2011.

5. Fl-istennija ta' l-inklużjoni ta' regoli dettaljati ta' l-ipproċessar għal ikel għal annimali domestiċi, għandhom japplikaw regoli nazzjonali jew fl-assenza ta' dawn, standards privati aċċettati jew rikonoxxuti mill-Istati Membri.

**▼M2**

6. Għall-għanijiet tal-Artikolu 12(1)(j) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007 u sakemm is-sustanzi speċifiċi jkunu inklużi skont l-Artikolu 16(1)(f) ta' dak ir-Regolament, jistgħu jintużaw biss prodotti awtorizzati mill-awtorità kompetenti.

**▼B**

7. L-awtorizzazzjonijiet għal ingredjenti mhux organiċi ta' oriġini agrikola mogħtija mill-Istati Membri skond ir-Regolament (KEE) Nru 207/93 jistgħu jitqiesu mogħtija skond dan ir-Regolament. Madankollu, l-awtorizzazzjonijiet mogħtija skond l-Artikolu 3(6) tar-Regolament preċedenti għandhom jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2009.

8. Għal perjodu ta' tranżizzjoni li jiskadi fl-1 ta' Lulju 2010, għat-tikkettar l-operaturi jistgħu jkomplu jużaw id-dispożizzjonijiet kif stipulati fir-Regolament (KEE) Nru 2092/91:

- (i) għas-sistema għall-kalkolu tal-perċentwal ta' ingredjenti organiċi ta' l-ikel;
- (ii) għan-numru tal-kodiċi u/jew l-isem tal-korp ta' kontroll jew ta' l-awtorità ta' kontroll.

**▼M3**

9. Il-ħażniet ta' prodotti manifatturati, ippakkjati u ttikkettati qabel l-1 ta' Lulju 2010 skont ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 jew ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u juru termini li jirreferu għall-produzzjoni organika sakemm jinħlew il-ħażniet.

10. Il-materjal tal-imballaġġ skont ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 jew ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 jista' jibqa' jintuża għal prodotti mqiegħda fis-suq li juru termini li jirreferu għall-produzzjoni organika sal-1 ta' Lulju 2012, jekk mill-bqija l-prodott ikun konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 834/2007.

**▼M7**

10a. F'dak li jirrigwarda l-prodotti tas-settur tal-inbid, il-perjodu tranżizzjonali msemmi fil-paragrafu 8 għandu jiskadi fil-31 ta' Lulju 2012.

Il-ħażniet tal-inbejjed prodotti sal-31 ta' Lulju 2012 skont ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 jew ir-Regolament (KE) Nru 834/2007 jistgħu jkomplu jitqiegħdu fis-suq sakemm jiġu eżawriti, soġġett għar-rekwiżiti tat-tikkettar li ġejjin:

- (a) il-logo Komunitarju tal-produzzjoni organika kif imsemmi fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, mill-1 ta' Lulju 2010 imsejjaħ bħala l-“Logo organiku tal-UE”, jista' jintuża sakemm il-proċess vinikolu jikkonforma mal-Kapitolu 3a tat-Titolu II ta' dan ir-Regolament;

▼ **M7**

- (b) l-operaturi li jużaw il-“Logo organiku tal-UE” għandhom iżommu evidenza rrekordjata, għal perjodu ta’ mill-anqas ħames snin wara li jkunu poġġew fis-suq dak l-inbid li jkun ġej minn għeneb organiku, inklużi l-kwantitajiet korrispondenti tal-inbid flitri, skont il-kategorija tal-inbid u skont is-sena;
- (c) fejn l-evidenza msemmija fil-punt (b) ta’ dan il-paragrafu ma tkunx disponibbli, tali nbid jista’ jiġi ttikkettat bħala “inbid minn għeneb organiku”, sakemm dan jikkonforma mar-reqwiziti ta’ dan ir-Regolament għajr għal daww previsti fil-Kapitolu 3a tat-Titolu II tiegħu;
- (d) l-inbid ittikkettat “inbid minn għeneb organiku” ma jistax juri l-“Logo organiku tal-UE”.

▼ **M2**

11. Għal perjodu ta’ żmien li jiskadi f’ ► **M11** l-1 ta’ Jannar 2015 ◀, l-awtorità kompetenti tista’ tawtorizza ‘l daww l-unitajiet tal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura u tal-alka li, qabel ma jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, ikunu stabbiliti u jkunu jipproduċu skont regoli organiċi aċċettati b’mod nazzjonali, iżommu l-istat organiku tagħhom waqt li jkunu qed jadattaw ruħhom għar-regoli ta’ dan ir-Regolament, dejjem jekk ma jkunx hemm tniġġis mhux dovut tal-ilmijiet b’sustanzi li mhumiex permessi fil-produzzjoni organika. L-operaturi li jibbenefikaw minn din il-miżura għandhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti bil-faċilitajiet, il-vaski tal-ħut, il-gaġeġ u l-lottijiet tal-alka kkonċernati.

▼ **B***Artikolu 96***Ir-revoka**

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 207/93, (KE) Nru 223/2003 u (KE) Nru 1452/2003 huma mħassra.

Referenzi għar-Regolamenti mħassra u għar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 għandhom jinftehemu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness XIV.

*Artikolu 97***Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba’ jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta’ Jannar 2009.

Madankollu, il-paragrafu 2(a) ta’ l-Artikolu 27 u l-Artikolu 58 għandu jibda japplika mill-1 ta’ Lulju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼ **B**

## ANNEX I

▼ **M2****Il-fertilizzanti, il-kondizzjonaturi tal-ħamrija u n-nutrijenti msemija fl-Artikolu 3(1) u fl-Artikolu 6d(2)**▼ **B**

Noti:

A: awtorizzati taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 u ttrasportati mill-Artikolu 16(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007

B: awtorizzati taħt ir-Regolament (KE) Nru 834/2007

▼ **M2**

Awtorizzazzjoni	Isem Prodotti komposti jew prodotti li fihom biss il-materjali mniżżlin hawn taħt	Deskrizzjoni, rekwiżiti tal-kompożizzjoni, u kundizzjonijiet għall-użu
A	Demel mill-irziezet	Prodotti li jinkludu taħlita tal-ħmieġ tal-annimali u ta' materjal magħmul mill-ħaxix (il-friex tal-annimali) Hija pprojbata l-orijini mill-agrikultura industrijali
▼ <b>B</b>	A	Demel niexef prodott fl-azjenda u demel diżidrat tat-tjur
	A	Ħmieġ kompost ta' l-annimali, inkluż demel tat-tjur u inkluż demel kompost tar-razzett
	A	Ħmieġ likwidu ta' l-annimali
▼ <b>M13</b>	B	Taħlita bil-kompost jew iffermentata ta' skart domestiku
		Prodott miksub minn skart domestiku isseparat mill-bidu, li jkun għadda mill-proċess biex isir kompost jew għal fermentazzjoni anaerobika għall-produzzjoni tal-bijogass Skart domestiku veġetali u tal-annimali biss Meta jkun prodott biss f'sistema ta' għbir magħluqa u b'monitoraġġ, aċċettata mill-Istat Membru. Konċentrazzjonijiet massimi f'mg/kg ta' materja niexfa: kadmju: 0,7; ram: 70; nikel: 25; ċomb: 45; żingu: 200; merkurju: 0,4; kromu (total): 70; kromu (VI): mhux individwabbli
▼ <b>B</b>	A	Il-pit
	A	Skart tal-kultura tal-faqqiegħ
	A	Eskrementi tad-dud (vermikompost) u ta' l-insetti
	A	Il-gwanu

▼ **B**

Awtorizzazzjoni	Isem Prodotti komposti jew prodotti li fihom biss il-materjali mniżżlin hawn taħt	Deskrizzjoni, rekwiżiti tal-kompożizzjoni, u kundizzjonijiet għall-użu
A	Taħlita bil-kompost jew iffermentata ta' materja veġetali	Prodott miksub minn taħlitiet ta' materja veġetali, li għadda mill-proċess biex isir kompost jew minn fermentazzjoni anaerobika għall-produzzjoni ta' gass bijoloġiku

▼ **M13**

B	Id-diġestat tal-bijogass li jkun fih prodotti sekondarji tal-annimali kodiġeriti b'materjal ta' oriġini mill-pjanti jew mill-annimali kif elenkati f'dan l-Anness	Il-prodotti sekondarji tal-annimali (inklużi l-prodotti sekondarji tal-annimali selvaġġi) tal-kategorija 3 u l-kontenut tas-sistema diġestiva tal-kategorija 2 (il-kategoriji 2 u 3 kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) <sup>(2)</sup> ma jridux joriġinaw minn biedja industrijalizzata.  Il-Proċessi jridu jkunu skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 <sup>(3)</sup> .  Ma għandux jiġi applikat għal partijiet li jittieklu tal-għalla
B	Prodotti jew prodotti sekondarji ta' oriġini mill-annimali bħal ta' hawn taħt: Smid tad-demem Smid tal-qawqab Smid tal-qrun Għadam mitħun jew għadam mitħun mingħajr ġelatina Ħut mitħun Dqiq mil-laħam Smid tar-rix, tax-xagħar u taċ- "chiquette" Suf Pil(1) Xagħar Prodotti tal-ħalib Proteini idrolizzati(2)	(1) Konċentrazzjoni massima f'mg/kg ta' materja niexfa ta' kromju (VI): mhux indiwidwabbli  (2) Ma għandux jiġi applikat għal partijiet li jittieklu tal-għalla

▼ **B**

A	Prodotti u prodotti sekondarji ta' oriġini mill-pjanti għal fertilizzanti	Eżempji: smid miċ-ċapep taż-żerriegħa taż-żejt, il-qxur tal-kawkaw, l-antraċite tal-malt
A	L-alka u l-prodotti mill-alka	Sa fejn miksuba b'mod dirett minn: (i) proċessi fiżiċi li jinkludu d-diżidratazzjoni, l-iffriżar u t- <i>tħin</i> ; (ii) estrazzjoni bl-ilma jew b'aċidu ta' l-ilma u/jew soluzzjoni alkalina; (iii) fermentazzjoni
A	Is-serratura u ċ-ċana	Injam mhux ittrattat bil-kimika wara t-tqaċċit
A	Qxur taz-zkuk magħmula kompost	Injam mhux ittrattat bil-kimika wara t-tqaċċit
A	L-irmied mill-injam	Minn injam mhux ittrattat bil-kimika wara t-tqaċċit

## ▼B

Awtorizzazzjoni	Isem Prodotti komposti jew prodotti li fihom biss il-materjali mniżżlin hawn taħt	Deskrizzjoni, rekwiżiti tal-kompożizzjoni, u kundizzjonijiet għall-użu
A	Il-fosfat naturali artab	Prodott kif speċifikat fil-punt 7 ta' l-Anness IA.2. tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (!) dwar il-fertilizzanti, 7  Kontenut tal-kadmju inqas minn jew ugwali għal 90 mg/kg ta' P <sub>2</sub> O <sub>5</sub>
A	Il-fosfat ta' l-aluminju u l-kalċju	Prodott kif speċifikat fil-punt 6 ta' l-Anness IA.2. tar-Regolament 2003/2003,  Kontenut tal-kadmju inqas minn jew ugwali għal 90 mg/kg ta' P <sub>2</sub> O <sub>5</sub>  Użu limitat għall-ħamrija bażika (pH > 7,5)
A	Il-gagazza bażika	Prodotti kif speċifikati fil-punt 1 ta' l-Anness IA.2. tar-Regolament 2003/2003
A	Il-melħ greġġ tal-potassju jew kainit	Prodotti kif speċifikati fil-punt 1 ta' l-Anness IA.3. tar-Regolament 2003/2003
A	Is-sulfat tal-potassju, li possibilmment jinkludi l-melħ tal-manjesju	Prodott miksub minn melħ greġġ tal-potassju permezz ta' proċess ta' estrazzjoni fiżika, li possibilmment jinkludi wkoll il-melħ tal-manjesju
A	Il-ħama u l-estratt tal-ħama	Eskluża l-ħama ammonjaka
A	Il-karbonat tal-kalċju (il-ġibs, it-tafal, il-ġebel tal-ġir mitħun, il-litotamniju (maerl), il-ġibs tal-fosfat)	Ta' oriġini naturali biss
A	Il-karbonat tal-manjesju u tal-kalċju	Ta' oriġini naturali biss  eż. il-ġibs tal-manjesju, il-manjesju mitħun, il-ġebbla tal-ġir
A	Is-sulfat tal-manjesju (kiserite)	Ta' oriġini naturali biss
A	Is-soluzzjoni tal-klorur tal-kalċju	Trattament għall-weraq tas-siġar tat-tuffieħ, wara identifikazzjoni ta' nuqqas ta' kalċju
A	Is-sulfat tal-kalċju (gypsum)	Prodotti kif speċifikati fil-punt 1 ta' l-Anness IA.3. tar-Regolament 2003/2003  Ta' oriġini naturali biss
A	Ġibs industrijali mill-produzzjoni taz-zokkor	Prodott sekondarju tal-produzzjoni taz-zokkor mill-pitravi taz-zokkor
A	Ġibs industrijali mill-produzzjoni ta' melħ raffinat	Prodott sekondarju tal-produzzjoni ta' melħ raffinat, mill-ilma mielaħ li jinsab fil-muntanji
A	Il-kubrit elementari	Prodotti kif speċifikati fl-Anness ID.3 tar-Regolament 2003/2003
A	Oligo-elementi	Mikronutrijenti inorganiċi elenkati fil-parti E ta' l-Anness I tar-Regolament 2003/2003

▼ **B**

Awtorizzazzjoni	Isem Prodotti komposti jew prodotti li fihom biss il-materjali mniżżlin hawn taħt	Deskrizzjoni, rekwiżiti tal-kompożizzjoni, u kundizzjonijiet għall-użu
A	Il-klorur tas-sodju	Melħ estratt biss
A	Trab tal-ġebel u tafal	

▼ **M13**

B	Leonardit (Saff organiku mhux ipproċessat bi kwantità kbira ta' aċidi umiċi)	Jekk jinkiseb bħala prodott sekondarju ta' attivitajiet ta' estrazzjoni minerarja biss
B	Kitin (Polisakkarid miksuba mill-qoxra tal-krustaċji)	Jekk tinkiseb biss minn sajd sostenibbli, kif definit fl-Artikolu 3(e) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 <sup>(4)</sup> jew akkwakultura organika
B	Saff organikament rikk li ġej minn korpi tal-ilma ħelu fformati bl-esklużjoni tal-ossiġenu (eż. is-sapropel)	Safef organiċi li huma prodotti sekondarji tal-ġestjoni tal-korpi tal-ilma ħelu jew estratti minn żoni li qabel kienu tal-ilma ħelu biss  Fejn applikabbli, l-estrazzjoni għandha ssir b'mod li tikkawża impatt minimu fuq is-sistema akkwatika  Safef li ġejjin minn sorsi ħielsa minn kontami- nazzjonijiet ta' pestiċidi, sustanzi organiċi persistenti li jniġġsu u sustanzi simili tal-petrol biss  Konċentrazzjonijiet massimi f'mg/kg ta' materja niexfa:  kadmju: 0,7; ram: 70; nikil: 25; ċomb: 45; żingu: 200; merkurju: 0,4; kromu (total): 70; kromu (VI): mhux individwabbli

▼ **B**

<sup>(1)</sup> ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1.

► **M13** <sup>(2)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE fir-rigward ta' ċerti kampjuni u oġġetti eżentati mill-kontrolli veterinarji skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1). ◀

► **M13** <sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd (ĠU L 358, 31.12.2012, p. 59). ◀

▼ **B**

## ANNEX II

**Pestiċidi – prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti msemmija fl-Artikolu 5(1)**

Noti:

A: awtorizzati taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 u ttrasportati mill-Artikolu 16(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007

B: awtorizzati taħt ir-Regolament (KE) Nru 834/2007

▼ **M13****1. Sustanzi ta' oriġini mill-għeġġel jew mill-animali**

Awtorizzazzjoni	Isem	Deskrizzjoni, rekwiżiti kompożizzjonali, kundizzjonijiet għall-użu
A	Azadiraktina estratta minn <i>Azadirachta indica</i> (Is-siġra tan-neem)	Insettiċida
A	Xama' tan-naħal	Għajjnuna għaż-żbir
B	Proteini idrolizzati minbarra l-ġelatina	Sustanzi li jattiraw, f'applikazzjonijiet awtorizzati biss flimkien ma' prodotti xierqa oħra ta' din il-lista
A	Leċitina	Fungiċida
B	Żjut tal-pjanti	Insettiċida, akariċida, fungiċida, batteriċida u prevenzjoni għat-tnibbit. Prodotti kif speċifikati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 <sup>(1)</sup>
A	Piretrini estratti minn <i>Chrysanthemum cinerariaefolium</i>	Insettiċida
A	Kwassja estratta minn <i>Quassia amara</i>	Insettiċida, repellent

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

**2. Mikroorganismi użati fil-għieda bijoloġika kontra l-parassiti u l-mard**

Awtorizzazzjoni	Isem	Deskrizzjoni, rekwiżiti kompożizzjonali, kundizzjonijiet għall-użu
A	Mikroorganismi	Prodotti kif speċifikati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 u li ma joriġinawx minn OĠM

▼ **B****3. Sustanzi prodotti minn mikro-organismi**

Awtorizzazzjoni	Isem	Deskrizzjoni, rekwiżiti kompożizzjonali, kundizzjonijiet għall-użu
A	Spinosad	Insettiċida Biss meta jittieħdu miżuri sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju għal parassitojdi ewlenin u sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' l-iżvilupp tar-reżistenza



▼ **M13**4. **Sustanzi li jridu jintużaw f'nases u/jew distributuri**

Awtorizzazzjoni	Isem	Deskrizzjoni, rekwiżiti kompożizzjonali, kundizzjonijiet għall-użu
A	Feromoni	Sustanzi li jattiraw, interferent tal-imġiba sesswali; użati biss f'nases u f'distributuri. Prodotti kif speċifikati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (in-numri 255, 258 u 259)
A	Piretrojdi (id-deltametrina jew il-lambdaċjalotrina biss)	Insettċida; f'nases b'sustanzi speċifiċi li jattiraw biss; kontra <i>Bactrocera oleae</i> u <i>Ceratitis capitata</i> Wied. biss

▼ **B**5. **Preparazzjonijiet li għandhom jindilku fil-wiċċ bejn il-pjanti kkultivati**

Awtorizzazzjoni	Isem	Deskrizzjoni, rekwiżiti kompożizzjonali, kundizzjonijiet għall-użu
A	Il-fosfat ferriku (l-ortofosfat tal-ħadid (III))	Molluskiċida

▼ **M13**6. **Sustanzi oħra minn użu tradizzjonali f'agrikoltura organika**

Awtorizzazzjoni	Isem	Deskrizzjoni, rekwiżiti kompożizzjonali, kundizzjonijiet għall-użu
B	Komposti tar-ram fil-forma ta': idrossidu tar-ram, ossiklorur tar-ram, ossidu tar-ram, taħlita Bordeaux, u sulfat tar-ram tribażiku	Użi biss bħala batteriċida u fungċida sa 6 kg ta' ram għal kull ettaru fis-sena. Għal għelejjet perenni, l-Istati Membri jistgħu, b'deroga mill-ewwel paragrafu, jipprevedu li l-limitu ta' 6 kg ta' ram jista' jinqabeż f'sena partikolari sakemm il-kwantità medja effettivament użata tul perjodu ta' 5 snin li jkun jikkonsisti minn dik is-sena u l-erba' snin preċedenti, ma tkunx taqbeż is-6 kg. Għandhom jittieħdu miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju sabiex jipproteġu l-ilma u l-organiżmi mhux fil-mira bħal żoni ta' lqugħ. Il-prodotti kif speċifikati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (in-numru 277)
A	Etilen	Għall-maturazzjoni tal-banana, tal-kiwi u tal-kaki; għall-maturazzjoni tal-frott taċ-ċitru biss bħala parti minn strateġija għall-prevenzjoni tal-ħsara mid-dbieben tal-frott fiċ-ċitru; induzzjoni tal-fjura tal-ananas; għall-inibizzjoni tat-tinbit fil-patata u fil-basal. Jistgħu jiġu awtorizzati biss l-użi fuq ġewwa bħala regolatur tal-iżvilupp tal-pjanti. L-awtorizzazzjonijiet għandhom ikunu limitati għall-utenti professjonali.
A	Il-melħ xaħmi aċiduż tal-potassju (sapun artab)	Insettċida

## ▼ M13

Awtorizzazzjoni	Isem	Deskrizzjoni, rekwiżiti kompożizzjonali, kundizzjonijiet għall-użu
A	Kubrit tal-gir (polisulfur tal-kalċju)	Funġiċida
A	Żejt tal-paraffina	Insettiċida, akariċida Prodotti kif speċifikati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 (in-numri 294 u 295)
A	Ramel kwarzuż	Repellent
A	Kubrit	Funġiċida, akariċida
B	Repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-animali jew mill-pjanti/xaħam tan-nagħaġ	Repellent Fuq partijiet mhux tajbin għall-ikel tal-għelejjel u fejn materjal tal-għelejjel ma jgħix inġerit min-nagħaġ jew mill-mogħoż Il-prodotti kif speċifikati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (in-numru 249)

## 7. Sustanzi oħra

Awtorizzazzjoni	Isem	Deskrizzjoni, rekwiżiti kompożizzjonali, kundizzjonijiet għall-użu
B	Silikat tal-aluminju (Kaolin)	Repellent
A	Idrossidu tal-kalċju	Funġiċida biss f'siġar tal-frott, inklużi mixtliet, biex tkun ikkontrollata in- <i>Nectria galligena</i>
B	Laminarin	Stimulant tal-mekkaniżmi ta' awtodifiża tal-għelejjel Il-kelp għandu jitkabbar organikament skont l-Artikolu 6d jew jinħasad b'mod sostenibbli skont l-Artikolu 6c
B	Il-karbonat tal-idroġenu tal-potassju (magħruf ukoll bħala bikarbonat tal-potassju)	Funġiċida u insettiċida

**▼B**

## ANNEX III

**Spazji minimi fuq ġewwa u fuq barra u karatteristiċi oħra ta' strutturi tal-kenn fl-ispeċijiet differenti u t-tipi ta' produzzjoni msemmija fl-Artikolu 10(4)****1. Annimali bovini, ekwidi, ovini, kaprini u porċini**

	Spazju fuq ġewwa (spazju utli disponibbli għall-annimali)		Spazju fuq barra (spazju għall-eżerċizzju, eskluża l-mergħa)
	Piż ħaj minimu (f'kg)	M <sup>2</sup> /ras	M <sup>2</sup> /ras
It-trobbija u t-tismin ta' bovini u ekwidi	sa 100	1,5	1,1
	sa 200	2,5	1,9
	sa 350	4,0	3
	iktar minn 350	5 b'minimu ta' 1 m <sup>2</sup> /100 kg	3,7 b'minimu ta' 0,75 m <sup>2</sup> /100 kg
Baqar tal-ħalib		6	4,5
Barrin għar-riproduzzjoni		10	30
Nagħaġ u mogħoż		1,5 nagħġa/mogħża	2,5
		0,35 ħaruf/gidi	0,5
Majjali li jkunu qegħdin iredgħu b'majjaletti ta' mhux iktar minn 40 jum		7,5 majjala	2,5
Majjali għat-tismin	sa 50	0,8	0,6
	sa 85	1,1	0,8
	sa 110	1,3	1
	Ta' iktar minn 110 kg	1,5	1,2
Majjaletti	ta' iktar minn 40 jum u sa 30 kg	0,6	0,4
		2,5 majjala	1,9
Majjali għar-riproduzzjoni		6 irġiel	8,0
		Jekk l-imqawel jintużaw għas-servizz naturali: 10 m <sup>2</sup> /halluf	

**▼M2****▼B**

## ▼B

## 2. It-tjur

	Spazju fuq ġewwa (spazju utli disponibbli għall-annimali)			Spazju fuq barra (m <sup>2</sup> ta' spazju disponibbli f'rotazzjoni/ras
	Ebda annimal/m <sup>2</sup>	ċm perċa/animal	bejta	
Tiġieġ li jbidu	6	18	7 tiġieġiet li jbidu għal kull bejta jew fil-każ ta' bejta komuni 120 ċm <sup>2</sup> /tajra	4, sakemm ma jinqabiżx il-limitu ta' 170 kg ta' N/ettaru/sena
Tjur għat-tismin (fi strutturi tal-kenn fissi)	10 b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m <sup>2</sup>	20 (għall-farawni biss)		4 brojlers u farawni 4,5 papriet 10 dundjani 15-il wiżża Fl-ispeċijiet kollha msemmija hawn fuq il-limitu ta' 170 kg ta' N/ettaru/sena ma jinqabiżx
Tjur għat-tismin fi strutturi tal-kenn mobbli	16 <sup>(1)</sup> f'gal-linari mobbli b'massimu ta' 30 kg ta' piż ħaj/m <sup>2</sup>			2,5, sakemm ma jinqabiżx il-limitu ta' 170 kg ta' N/ettaru/sena

<sup>(1)</sup> Biss fil-każ ta' gallinari mobbli li ma jaqbżux il-150 m<sup>2</sup> ta' superfiċi.



## ANNEX IV

## L-għadd massimu ta' annimali għal kull ettaru imsemmi fl-Artikolu 15(2)

Il-klassi jew l-ispeċi	L-għadd massimu ta' annimali għal kull ettaru ekwivalenti għal 170 kg N/ettaru/sena
Ekwini ta' iktar minn sitt xhur	2
Għoġġiela għat-tismin	5
Annimali bovini oħra ta' inqas minn sena	5
Annimali bovini rġiel minn sena sa inqas minn sentejn	3,3
Annimali bovini nisa minn sena sa inqas minn sentejn	3,3
Annimali bovini rġiel ta' sentejn jew iktar	2
Erhat għar-riproduzzjoni	2,5
Erhat għat-tismin	2,5
Baqar tal-ħalib	2
Baqar tal-ħalib għall-qtil	2
Baqar oħrajn	2,5
Fniek nisa għar-riproduzzjoni	100
Nagħaġ nisa	13,3
Mogħoż	13,3
Majjaletti	74
Majjali nisa għar-riproduzzjoni	6,5
Majjali għat-tismin	14
Majjali oħrajn	14
Tiġieġ tal-mejda	580
Tiġieġ li jbidu	230

▼ **M8***L-ANNESS V***Materjali tal-għalf kif imsemmi fl-Artikolu 22(d), l-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 25m(1)**▼ **M13**

## 1. MATERJALI TAL-GĦALF LI JORIĠINAW MILL-MINERALI:

A	Qxur tal-baħar kalkaruži	
A	Maerl	
A	Litotamnju	
A	Glukonat tal-kalċju	
A	Karbonati tal-kalċju	
A	Monokalċjufosfat defluworinat	
A	Dikalċjufosfat defluworinat	
A	Ossidu tal-manjeżju (manjeżja anidra)	
A	Sulfat tal-manjeżju	
A	Klorur tal-manjeżju	
A	Karbonat tal-manjeżju	
A	Fosfat tal-kalċju u tal-manjeżju	
A	Fosfat tal-manjeżju	
A	Fosfat monosodju	
A	Fosfat tal-kalċju u tas-sodju	
A	Klorur tas-sodju	
A	Bikarbonat tas-sodju	
A	Karbonat tas-sodju	
A	Sulfat tas-sodju	
A	Klorur tal-potassju	

▼ **M8**

## 2. MATERJALI OĦRA TAL-GĦALF

Prodotti (sekondarji) tal-fermentazzjoni minn mikroorganiżmi li ċ-ċelloli tagħhom ġew inattivati jew maqtula:

A	<i>Saccharomyces cerevisiae</i>	
A	<i>Saccharomyces carlsbergiensis</i>	

## ▼M8

## ANNEX VI

**Addittivi tal-għalf użati fin-nutrizzjoni tal-annimali msemmija fl-Artikolu 22(g), l-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 25m(2)**

L-addittivi tal-għalf elenkati f'dan l-Anness għandhom jiġu approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>1</sup>).

## 1. ADDITTIVI TEKNOLOĠIĊI

(a) *Preżervattivi*

Awtorizzazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni		Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
A	1a	E 200	Aċidu sorbiku	
A	1a	E 236	Aċidu formiku	
B	1a	E 237	Format tas-sodju	
A	1a	E 260	Aċidu aċetiku	
A	1a	E 270	Aċidu lattiku	
A	1a	E 280	Aċidu propjoniku	
A	1a	E 330	Aċidu ċitriku	

(b) *Antiossidanti*

Awtorizzazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni		Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
A	1b	E 306	Estratti ta' oriġini naturali b'ħafna tokoferol	

(c) *Emulsjonanti u stabbilizzaturi, aġenti għat-tisfiq u li jiffurmaw ġell*

Awtorizzazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni		Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
A	1	E 322	Leċitina	Jekk tkun ġejja minn materja prima organika biss; l-użu huwa ristrett għall-għalf tal-annimali tal-akkwakultura

(d) *Materjali li jgħaqqdu, antiagglomeranti u koagulant*

Awtorizzazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni		Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
B	1	E 535	Ferroċanur tas-sodju	Ir-rata tad-doża massima hija ta' 20 mg/kg NaCl, ikkal-kulata b'ħala anjonu tal-ferroċanur
A	1	E 551b	Silika kollojdali	
A	1	E 551c	Trab tad-dijatomi (ippurifikat)	
A	1	E 558	Bentonit-montmorillonit	
A	1	E 559	Tafal tal-kawlina, mingħajr asbestos	

▼ **M8**

Awtorizzazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni		Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
A	1	E 560	Taħlitiet naturali ta' steariti u klorit	
A	1	E 561	Vermikulit	
A	1	E 562	Sepjolit	
B	1	E 566	Natrolit-Fonolit	
B	1	1g568	Klinoptilolit ta' oriġini sedimentarja [L-ispeċijiet kollha]	
A	1	E 599	Perlit	

▼ **M13**▼ **M8**(e) *Addittivi għall-ħaxix maħżun f'sajlo*

Awtorizzazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
A	1k	Enzimi, ħmejjer u batterji	L-użu huwa ristrett għall-produzzjoni tal-ħaxix maħżun f'sajlo meta l-kundizzjonijiet tat-temp ma jippermettux fermentazzjoni adegwata

## 2. ADDITTIVI SENSORJI

Awtorizzazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni		Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
A	2b		Komposti aromatiċi	Estratti minn prodotti agrikoli biss

## 3. ADDITTIVI NUTRIZZJONALI

(a) *Vitamini*

Awtorizzazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni		Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
A	3a		Vitamini u provitamini	<ul style="list-style-type: none"> <li>— Ġejjin minn prodotti agrikoli;</li> <li>— jekk ikunu dderivati b'mod sintetiku, għall-annimali monogastriċi u għall-annimali tal-akkwakultura jistgħu jintużaw biss dawk li jkunu identiċi għall-vitamini li ġejjin mill-prodotti agrikoli;</li> <li>— jekk ikunu dderivati b'mod sintetiku, għall-annimali li jixtarru jistgħu jintużaw biss il-vitamini A, D u E li jkunu identiċi għall-vitamini li ġejjin mill-prodotti agrikoli. L-użu huwa suġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel mill-Istati Membri bbażata fuq il-valutazzjoni tal-possibbiltà li l-annimali organiċi li jixtarru għandhom li jiksbu l-kwantitajiet neċessarji ta' dawn il-vitamini mir-razzjonijiet tal-għalf tagħhom.</li> </ul>



▼ **M8**(b) *Oligoelementi*

Awtorizzazzjoni	Numri ta' identifikazzjoni		Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
A	3b	E1 Hadid	— ossidu ferriku — karbonat ferruż — sulfat ferruż, ettaidrat — sulfat ferruż, monoidrat	
A	3b	E2 Jodju	— jodat tal-kalċju, anidru	
A	3b	E3 Kobalt	— karbonat tal-kobalt bażiku, monoidrat — sulfat tal-kobalt, monoidrat u/jew ettaidrat	
A	3b	E4 Ram	— karbonat kupriku bażiku, monoidrat — ossidu kupriku — sulfat kupriku, pentaidrat	
A	3b	E5 Manganiż	— karbonat manganuż — ossidu manganuż — sulfat manganuż, monoidrat	
A	3b	E6 Żingu	— ossidu taż-żingu — sulfat taż-żingu, monoidrat — sulfat taż-żingu, ettaidrat	
A	3b	E7 Molibdenu	— molibdat tas-sodju	
A	3b	E8 Selenju	— selenat tas-sodju — selenit tas-sodju	

## 4. ADDITTIVI ŻOOTEKNIĊI

Awtorizzazzjoni	Numru ta' identifikazzjoni	Sustanza	Deskrizzjoni u kundizzjonijiet għall-użu
A		Enżimi u mikroorganismi	

(1) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

▼ **M2**

## ANNEX VII

**Prodotti għat-tindif u għad-diżinfazzjoni**

1. Prodotti għat-tindif u għad-diżinfazzjoni tal-bini u tal-istallazzjonijiet tal-produzzjoni tal-bhejjem imsemmija fl-Artikolu 23(4):
  - Il-potassju u s-sapun tas-sodju,
  - L-ilma u l-fwar,
  - Il-ħalib tal-gir,
  - Il-gir,
  - Il-gir verġni,
  - L-ipoklorit tas-sodju (per eż. il-bliċ likwidu),
  - Is-soder,
  - Il-potassju kawstiku,
  - Il-perossidu tal-idroġenu,
  - L-essenzi naturali tal-pjanti,
  - L-aċidu ċitriku, peraċetiku, formiku, lattiku, ossaliku u aċetiku,
  - L-alkoħol,
  - L-aċidu nitriku (it-tagħmir tal-maħleb),
  - L-aċidu fosforiku (it-tagħmir tal-maħleb),
  - Il-formaldeide,
  - Prodotti għat-tindif u għad-diżinfazzjoni tal-irjus tal-bżieżel u tal-faċilitajiet tal-ħlib,
  - Il-karbonat tas-sodju.

▼ **M15**

2. Prodotti għat-tindif u għad-diżinfazzjoni tal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura u tal-algi msemmija fl-Artikoli 6e(2), 25s(2) u 29a.
- 2.1. Suġġett għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali kif jissewma fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, u b'mod partikolari mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, il-prodotti użati għat-tindif u d-diżinfazzjoni tat-tagħmir u l-faċilitajiet fin-nuqqas tal-annimali tal-akkwakultura jista' jkollhom is-sustanzi attivi li ġejjin:
  - ożonu
  - ipoklorit tas-sodju
  - ipoklorit tal-kalċju
  - idrossidu tal-kalċju
  - ossidu tal-kalċju
  - soder
  - alkoħol
  - kupru (sulfat tar-ram): sal-31 ta' Diċembru 2015 biss.
  - permanganat tal-potassju,
  - kejk taż-żerriegħa tat-te magħmul miż-żerriegħa naturali tal-kamelja (l-użu huwa ristrett għall-produzzjoni tal-gambli).
  - taħlit ta' peroksomonosulfat tal-potassju u klorur tas-sodju li jipproduċu l-aċidu ipokloru

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1).

**▼ M15**

2.2. Suġġett għall-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali kif jissewma fl-Artikolu 16(1) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, u b'mod partikolari mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 u d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>, il-prodotti użati għat-tindif u d-dizinfekzjoni tat-tagħmir u l-faċilitajiet fil-preżenza kif ukoll fin-nuqqas tal-annimali tal-akkwakultura jista' jkollhom is-sustanzi attivi li ġejjin:

- ġir (karbonat tal-kalċju) għall-kontroll tal-pH
- dolomit għall-korrezzjoni tal-pH (l-użu huwa ristrett għall-produzzjoni tal-gambli)
- klorur tas-sodju
- perossidu tal-idroġenu
- perkarbonat tas-sodju
- aċidi organiċi (aċidu aċetiku, aċidu lattiku u aċidu ċitriku)
- aċidu umiku
- aċidi peroksjaċetiċi
- aċidi peraċetiċi u peroktanoġi
- jodofori (fil-preżenza tal-bajd biss)

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

▼ **B**

## ANNEX VIII

▼ **M1**

**Ċerti prodotti u sustanzi użati fil-produzzjoni tal-ikel organiku pproċessat, tal-ħmira u tal-prodotti tal-ħmira msemija fl-Artikolu 27(1)(a) u fl-Artikolu 27a(a)**

▼ **B**

Noti:

A:: awtorizzati taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 u ttrasportati mill-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007

B:: awtorizzati taħt ir-Regolament (KE) Nru 834/2007

## TAQSIMA A – L-ADDITTIVI TA' L-IKEL, INKLUŻI T-TRASPORTATURI

Għall-iskop tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 23(4)(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, addittivi ta' l-ikel immarkati b'asterisk fil-kolonna tan-numru tal-kodiċi, għandhom jitqiesu bħala ingredjenti ta' oriġini agrikola.

Awtorizzazzjoni	Il-kodiċi	Isem	Il-preparazzjoni ta' prodotti ta' l-ikel ta'		Kundizzjonijiet speċifiċi
			oriġini mill-pjanti	oriġini mill-animali	
A	E 153	Il-karbonju veġetali		X	Ġobon tal-mogħoż irmiedi Ġobon Morbier
A	E 160b*	L-annatto, il-bissina, in-norbissina		X	Ġobon Red Leicester Ġobon Double Gloucester Iċ-ċedar Ġobon Mimolette
A	E 170	Il-karbonat tal-kalċju	X	X	M'għandux jintuża bħala kuluranti jew għat-tishiġ tal-kalċju fil-prodotti
A	E 220 jew	Id-dijossidu tal-kubrit	X	X	F'inbejjed tal-frott (*) mingħajr zokkor miżjud (inklużi s-sidru u s-sidru tal-lanġas (perry)) jew fl-inbid mill-għasel (mead): 50 mg (**)
	E 224	Il-metabisulfit tal-potassju	X	X	Għas-sidru u sidru tal-lanġas (perry) ppreparati biż-żieda taz-zokkor jew tal-konċentrat tal-meraq wara l-fermentazzjoni: 100 mg (**)
					(*) F'dan il-kuntest, "inbid tal-frott" huwa ddefinit bħala inbid magħmul minn frott ta' xort'oħra mill-għeneb. (**) Il-livelli massimi disponibbli mis-sorsi kollha, espressi bħala SO <sub>2</sub> fmg/l.
▼ <b>M2</b> B	E 223	Il-metabisulfit tas-sodju		X	Il-krustaċej (?)

▼ **B**

Awtorizzazzjoni	Il-kodiċi	Isem	Il-preparazzjoni ta' prodotti ta' l-ikel ta'		Kundizzjonijiet speċifiċi
			oriġini mill-pjanti	oriġini mill-annimali	
A	E 250 jew E 252	In-nitrit tas-sodju  In-nitrat tal-potassju		X  X	Għall-prodotti tal-laħam <sup>(1)</sup> :  Għal E 250: ammont indikattiv ta' dħul espress bħala NaNO <sub>2</sub> : 80 mg/kg Għal E 252: ammont indikattiv ta' dħul espress bħala NaNO <sub>3</sub> : 80 mg/kg Għal E 250: ammont massimu ta' reżidwu espress bħala NaNO <sub>2</sub> : 50 mg/kg Għal E 252: ammont massimu ta' reżidwu espress bħala NaNO <sub>3</sub> : 50 mg/kg
A	E 270	L-aċidu lattiku	X	X	
A	E 290	Id-dijossidu tal-karbonju	X	X	
A	E 296	L-aċidu maliku	X		
A	E 300	L-aċidu askorbiku	X	X	Prodotti tal-laħam <sup>(2)</sup>
A	E 301	L-askorbat tas-sodju		X	Prodotti tal-laħam <sup>(2)</sup> marbuta man-nitrati u man-nitriti
A	E 306*	Estratt b'kontenut qawwi ta' tokoferol	X	X	Anti-ossidant għax-xaħmijiet u ż-żjut
A	E 322*	Il-leċitina	X	X	Prodotti tal-ħalib <sup>(2)</sup>
A	E 325	Il-lattat tas-sodju		X	Prodotti b'bażi ta' ħalib u tal-laħam
A	E 330	L-aċidu ċitriku	X		
▼ <b>M2</b>					
B	E 330	L-aċidu ċitriku		X	Il-krustaċej u l-molluski <sup>(2)</sup>
▼ <b>B</b>					
A	E 331	Iċ-ċitrati tas-sodju		X	
A	E 333	Iċ-ċitrati tal-kalċju	X		
A	E 334	L-aċidu tartariku (L(+)-)	X		
A	E 335	It-tartrati tas-sodju	X		
A	E 336	It-tartrati tal-potassju	X		
A	E 341 (i)	Il-fosfat monokalċiku	X		Aġent levitanti għad-dqiq <i>self raising</i>
▼ <b>M8</b>					
B	E 392*	Estratti tal-klin	X	X	Meta jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika biss

## ▼B

Awtorizzazzjoni	Il-kodiċi	Isem	Il-preparazzjoni ta' prodotti ta' l-ikel ta'		Kundizzjonijiet speċifiċi
			oriġini mill-pjanti	oriġini mill-animali	
A	E 400	L-aċidu alġiniku	X	X	Prodotti b'bażi ta' ħalib <sup>(2)</sup>
A	E 401	L-alġinat tas-sodju	X	X	Prodotti b'bażi ta' ħalib <sup>(2)</sup>
A	E 402	L-alġinat tal-potassju	X	X	Prodotti b'bażi ta' ħalib <sup>(2)</sup>
A	E 406	L-agar	X	X	Prodotti b'bażi ta' ħalib u tal-laħam <sup>(2)</sup>
A	E 407	Il-karragenina	X	X	Prodotti b'bażi ta' ħalib <sup>(2)</sup>
A	E 410*	Il-gomma tal-ħarrub	X	X	
A	E 412*	Il-gomma tal-gwar	X	X	
A	E 414*	Il-gomma ta' l-akaċja	X	X	
A	E 415	Il-gomma tal-Xanthan	X	X	
A	E 422	Il-gliċerina	X		Għall-estratti tal-pjanti
A	E 440 <sup>(1)</sup> *	Il-pektin	X	X	Prodotti b'bażi ta' ħalib <sup>(2)</sup>
A	E 464	Il-metilċellulosa idrossipropil	X	X	Materjal ta' enkapsulazzjoni għall-kapsuli
A	E 500	Il-karbonati tas-sodju	X	X	“Dulce de leche” <sup>(3)</sup> u butir magħmul minn krema qarsa u ġobon magħmul minn ħalib qares <sup>(2)</sup>
A	E 501	Il-karbonati tal-potassju	X		
A	E 503	Il-karbonati ta' l-ammonja	X		
A	E 504	Il-karbonati tal-manjesju	X		
A	E 509	Il-klorur tal-kalċju		X	Il-koagulazzjoni tal-ħalib
A	E 516	Is-sulfat tal-kalċju	X		Trasportatur
A	E 524	L-idrossidu tas-sodju	X		Trattament għas-superfiċi ta' “Laugengebäck”
A	E 551	Id-dijossidu tas-silika	X		Aġent antikoagulanti għall-ħwawar u għall-ħxejjex aromatiċi
A	E 553b	It-talk	X	X	Aġent ta' kisi għall-prodotti tal-laħam
A	E 938	L-argon	X	X	
A	E 939	L-elju	X	X	

**▼B**

Awtorizzazzjoni	Il-kodiċi	Isem	Il-preparazzjoni ta' prodotti ta' l-ikel ta'		Kundizzjonijiet speċifiċi
			oriġini mill-pjanti	oriġini mill-animali	
A	E 941	In-nitroġenu	X	X	
A	E 948	L-ossiġenu	X	X	

(<sup>1</sup>) Ir-restrizzjoni tikkonċerna biss il-prodotti ta' l-animali.

(<sup>2</sup>) dan l-addittiv jista' jintuża biss jekk ikun intwera, għas-sodisfazzjoni ta' l-awtorità kompetenti, li m'hi disponibbli l-ebda alternattiva teknoloġika li tagħti l-istess garanziji u/jew li tippermetti li jinżammu l-karatteristiċi speċifiċi tal-prodott.

(<sup>3</sup>) “Dulce de leche” jew “Confiture de lait” jirreferu għal krema ratba, sublimi, kannella, magħmula mill-ħalib magħqud u ħelu



TAQSIMA B – GĦAJNUNIET GĦALL-IPPROĊESSAR U PRODOTTI OĦRA, LI JISTGĦU JINTUŻAW GĦALL-IPPROĊESSAR TA' INGREDJENTI TA' ORIĠINI AGRIKOLA MILL-PRODUZZJONI ORGANIKA

Noti:

A:: awtorizzati taħt ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 u ttrasportati mill-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007

B:: awtorizzati taħt ir-Regolament (KE) Nru 834/2007

Awtorizzazzjoni	Isem	Preparazzjoni ta' prodotti ta' l-ikel ta' oriġini mill-pjanti	Preparazzjoni ta' prodotti ta' l-ikel ta' oriġini mill-annimali	Kundizzjonijiet speċifiċi
A	L-ilma	X	X	Ilma għax-xorb fis-sens tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE
A	Il-klorur tal-kalċju	X		Aġent koagulanti
A	Il-karbonat tal-kalċju	X		
A	L-idrossidu tal-kalċju	X		
A	Is-sulfat tal-kalċju	X		Aġent koagulanti
A	Il-klorur tal-manjesju (jew nigari)	X		Aġent koagulanti
A	Il-karbonat tal-potassju	X		It-tnixxif ta' l-għeneb
A	Il-karbonat tas-sodju	X		Il-produzzjoni taz-zokkor (zokkrijiet)
A	L-aċidu lattiku		X	Għar-regolamentazzjoni tal-pH tal-banju tas-salmura fil-produzzjoni tal-ġobon <sup>(1)</sup>
A	L-aċidu ċitriku	X	X	Għar-regolamentazzjoni tal-pH tal-banju tas-salmura fil-produzzjoni tal-ġobon <sup>(1)</sup> Il-produzzjoni taż-żejt u l-idrolisi tal-lantu <sup>(2)</sup>
A	L-idrossidu tas-sodju	X		Il-produzzjoni taz-zokkor (zokkrijiet) Il-produzzjoni taż-żejt miż-żerriegħa tal-kolza ( <i>Brassica spp</i> )
A	L-aċidu tal-kubrit	X	X	Il-produzzjoni tal-ġelatina <sup>(1)</sup> Il-produzzjoni taz-zokkor (zokkrijiet) <sup>(2)</sup>
